Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' Mejju 2018**
**(OR. en)**

**9511/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0196 (COD)**

**FSTR 22**
**REGIO 30**
**FC 23**
**SOC 326**
**PECHE 185**
**CADREFIN 49**
**JAI 529**
**SAN 172**
**CODEC 895**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 30 ta' Mejju 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 375 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 375 final.

Mehmuż: COM(2018) 375 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 29.5.2018
COM(2018) 375 final

2018/0196 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss għall-perjodu mill-2021 sal-2027[1]. Is-simplifikazzjoni amministrattiva ġiet definita bħala objettiv ewlieni fid-dokument ta' riflessjoni dwar il-finanzi tal-UE, mill-evalwazzjoni ex post u mill-konsultazzjoni pubblika. L-esperjenza turi li r-regoli huma kkumplikati żżejjed u frammentati bejn fondi u forom ta' finanzjament, u dan iwassal għal piż mhux neċessarju fuq il-maniġers tal-programmi u l-benefiċjarji finali.

Din il-proposta għal Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (Common Provisions Regulation, CPR) se tistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għal seba' fondi ta' ġestjoni kondiviża. Din il-proposta mhux se tissostitwixxi r-Regolament UE Nru 1303/2013 eżistenti li se tkompli tmexxi l-programmi adottati fil-perjodu mill-2014 sal-2020. Il-proposta tnaqqas il-frammentazzjoni tar-regoli, u twassal sett komuni ta' regoli bażiċi għal seba' fondi:

- FK: Fond ta' Koeżjoni
- FEMS: Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd
- FEŻR: Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
- FSE+: Fond Soċjali Ewropew Plus[2]
- AMIF: Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil[3]
- BMVI: Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi[4]
- ISF: Fond għas-Sigurtà Interna

Dawn il-proposti jipprevedu data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u huma ppreżentati għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, f'konformità man-notifika tal-intenzjoni tar-Renju Unit li tirtira mill-Unjoni Ewropea u mill-Euratom fuq il-bażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea riċevut mill-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

L-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi li l-Kummissjoni għandha timplimenta l-baġit f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti magħmula skont l-Artikolu 322 TFEU. L-Artikolu 322(1)(a) TFUE jipprovdi l-bażi ġuridika għall-adozzjoni tar-regolamenti li jistabbilixxu r-regoli finanzjarji li jiddeterminaw b'mod partikulari l-proċedura li għandha tiġi adottata għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà mhuwiex estiż għar-regoli finanzjarji, li għalihom huwa ċar li l-Unjoni biss tista', jew saħansitra għandha, taġixxi.

L-azzjoni tal-UE għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej hija ġġustifikata fuq ir-raġunijiet tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 174 TFUE. Id-dritt li tittieħed azzjoni huwa

[1] COM(2018) 322 final, 2.5.2018.
[2] Ħlief il-programm "Impjiegi u Innovazzjoni Soċjali " u għal kwistjonijiet ta' saħħa.
[3] Komponenti ta' ġestjoni kondiviża biss.
[4] Il-Fond ta' Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri huwa magħmul mill-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u tal-viżi u l-istrument għat-tagħmir tal-kontroll doganali.

mnaqqax fl-Artikolu 175 TFUE li espliċitament isejjaħ lill-Unjoni biex timplimenta din il-politika permezz ta' Fondi Strutturali, flimkien mal-Artikolu 177, li tiddefinixxi r-rwol tal-Fond ta' Koeżjoni. L-għanijiet tal-FSE, il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni huma definiti fl-Artikoli 162, 176 u 177 TFUE rispettivament. L-azzjonijiet relatati mas-sajd huma ġġustifikati skont l-Artikolu 39 TFUE.

L-Artikolu 174 TFUE jiddikjara li għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti. Dawn tal-aħħar jinkludu r-reġjuni tat-Tramuntana nett b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u reġjuni insulari, transfruntiera u muntanjużi.

L-Artikolu 349 TFUE jiddikjara li għandhom jiġu adottati miżuri speċifiċi sabiex jittieħed kont tas-sitwazzjoni strutturali soċjali u ekonomika tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, li hija aktar ikkumplikata minħabba ċerti fatturi speċifiċi li jirrestringu bil-kbir l-iżvilupp tagħhom.

Ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni huwa bbażat fuq l-Artikoli 78(2) u 79(2) u (4) TFUE. Regolament li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond ta' Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u tal-viżi, huwa bbażat fuq l-Artikolu 77(2) TFUE. Ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna huwa bbażat fuq l-Artikoli 82(1), 84 u 87(2) TFUE. L-Artikolu 317 TFUE jipprevedi l-bażi ġuridika għas-sett komuni ta' regoli rigward l-implimentazzjoni tal-baġit, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. L-Artikolu 322 TFEU jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-proċeduri biex jistabbilixxuh.

Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità tal-fondi individwali ta' hawn fuq huma stabbiliti fil-memorandum ta' spjegazzjoni għal kull fond. Madankollu, is-CPR jagħmel kontribuzzjonijiet addizzjonali:

- Għas-sussidjarjetà billi jippromwovi l-ġestjoni kondiviża: sakemm il-programmi ma jkunux ġestiti direttament mill-Kummissjoni Ewropea, iżda minflok ikunu implimentati bi sħubija mal-Istati Membri.

- Għall-proporzjonalità, billi junifikaw u jikkonsolidaw ir-regoli (u għaldaqstant inaqqsu l-piż fuq il-partijiet ikkonċernati).

L-Artikolu 11 TFUE jiddikjara li jenħtieġ li r-rekwiżiti ambjentali jiġu integrati fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni b'mod partikolari jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u dan jiġi indirizzat f'dan ir-Regolament.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-fondi varji għandhom l-evalwazzjonijiet tagħhom u ħafna mis-sejbiet huma l-aktar rilevanti għar-regolamenti speċifiċi tagħhom. Dawn li ġejjin huma s-sejbiet ewlenin li huma applikabbli għas-CPR.

**1. Simplifikazzjoni: il-ħtieġa li jitnaqqas il-piż amministrattiv.** Din kienet sejba ewlenija u ripetuta fl-evalwazzjoni tal-fondi kollha:

- L-evalwazzjonijiet *ex post* tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni sabu li s-sistemi ta' ġestjoni, ta' kontroll u ta' awditu kienu kumplessi żżejjed. Dan kien sors ta' inċertezza amministrattiva u ta' dewmien fl-implimentazzjoni. Il-kumplessità kienet kwistjoni partikolari fil-pajjiżi tal-EU-15 fejn is-sejba kienet relattivament iżgħar, u dan juri l-ħtieġa għal proporzjonalità.

- L-evalwazzjoni tal-FSE sabet li kemm ix-xenarju tal-finanzjament (jiġifieri l-firxa u t-taħlita ta' strumenti) kif ukoll il-proċess ta' implimentazzjoni kienu jenħtieġu li jiġu simplifikati.
- L-evalwazzjoni tal-FEMS sabet ukoll li l-piż amministrattiv kien għoli wisq. Fl-istadju tal-applikazzjoni dan kien diżinċentiv biex isiru applikazzjonijiet għal appoġġ. Barra minn hekk, jidher li l-kumplessità ta' ċerti proġetti ħolqot diżinċentivi għal benefiċjarji potenzjali, b'mod partikolari f'każijiet fejn kien involut netwerk kbir ta' sħab.
- Evalwazzjonijiet interim għal komponenti rilevanti tal-AMF, tal-BMVI u tal-ISF ukoll sabu ħtieġa għal simplifikazzjoni. B'mod partikolari kien irrakkomandat l-użu ta' alternattivi ta' kostijiet issimplifikati.

Dan il-punt huwa indirizzat fis-CPR. Eżempji notevoli jinkludu t-Titolu V (pereżempju l-għażliet tal-kostijiet issimplifikati, il-pagamenti bbażati fuq kundizzjonijiet, l-eliminazzjoni ta' regoli speċifiċi għal proġetti maġġuri u l-investimenti li jiġġeneraw id-dħul) u t-Titolu VI (kontroll u awditu simplifikati u aktar proporzjonati).

**2. Il-ħtieġa għal flessibbiltà biex tirreaġixxi għal ħtiġijiet emerġenti:**

- L-evalwazzjoni *ex post* tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni sabu li l-adattament tal-programmi fil-kriżi ekonomika kien wieħed mill-istejjer ta' suċċess fil-perjodu mill-2007 sal-2013 u jenħtieġ li nkomplu nibnu fuqu.
- L-evalwazzjoni *ex post* tal-FSE semmiet il-flessibbiltà bħala waħda mill-punti ewlenin għal titjib.
- L-evalwazzjonijiet interim tal-predeċessuri tal-AMIF, tal-BMVI u tal-ISF jindikaw li dawn il-fondi jirrispondu b'mod adegwat għall-kriżijiet tal-migrazzjoni u tas-sigurtà. Madankollu, jeħtieġu mekkaniżmi aktar flessibbli biex jiġi allokat finanzjament.

Il-punt huwa indirizzat fit-Titolu III (li jippermetti trasferimenti relattivament żgħar mingħajr il-ħtieġa li jiġu modifikati l-programmi) u II (l-allokazzjonijiet tal-programmi huma stabbiliti għall-ewwel ħames snin, imbagħad l-aħħar sentejn huma allokati fuq il-bażi ta' rieżami) filwaqt li r-regoli komplementari għall-AMIF, għall-BMVI u għall-ISF huma deskritti fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond. Barra minn hekk, il-possibbiltà li tintuża l-faċilità ta' garanzija InvestUE żżid il-flessibbiltà għall-Istati Membri.

**3. Il-potenzjal tal-istrumenti finanzjarji (SF):**

- L-evalwazzjoni *ex post* tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni sabu li s-SF għandhom il-potenzjal li jkunu mezz aktar effiċjenti biex jiġi ffinanzjat l-investiment f'ċerti oqsma ta' politika, iżda hemm dewmien fl-implimentazzjoni u huwa diffiċli li jinfirex l-użu tagħhom.
- L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-EaSi sabet li r-regoli differenti jagħmluha aktar diffiċli biex jintużaw komplementarjetajiet bejn il-fondi. L-evalwazzjoni rrakkomandat simplifikazzjoni u allinjament tar-regoli tas-SF.

Dan il-punt huwa indirizzat fit-Titolu V li jissimplifika l-implimentazzjoni tas-SF, u jallinja ħafna mid-dispożizzjonijiet ma' dawk għal għotjiet.

- **Konsultazzjonijiet pubbliċi**

Il-Kummissjoni wettqet dawn il-konsultazzjonijiet pubbliċi:

- Fondi tal-UE fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni (mill-10 ta' Jannar 2018 sad-9 ta' Marzu 2018)
- Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati fil-kuntest tal-evalwazzjoni *ex post* tal-FEMS (minn Frar sa Mejju 2016).
- Fondi tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni (mill-10 ta' Jannar 2018 sad-9 ta' Marzu 2018)
- Fondi tal-UE fil-qasam tas-sigurtà (mill-10 ta' Jannar 2018 sad-9 ta' Marzu 2018)

Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati waslu għal konklużjonijiet simili għall-evalwazzjonijiet *ex post* – il-konklużjoni ewlenija ta' rilevanza għas-CPR hija s-simplifikazzjoni (speċjalment f'termini ta' proċeduri ta' awditjar u ta' kontroll), segwita mill-flessibbiltà:

- Fil-konsultazzjoni dwar il-politika ta' koeżjoni, il-partijiet ikkonċernati sabu li proċeduri kumplessi huma bla dubju l-ostaklu ewlieni għas-suċċess, segwiti minn rekwiżiti severi ta' awditu u ta' kontroll, nuqqas ta' flessibbiltà, diffikultà biex tiġi żgurata sostenibbiltà finanzjarja u dewmien fil-pagamenti.
- Għall-FEMS, l-ikbar nuqqas jidher li hu twassil amministrattiv kumpless u ħafna partijiet ikkonċernati jitolbu għal simplifikazzjoni u flessibbiltà radikali. Il-loġika ta' intervent hija meqjusa riġida wisq, u ma tħallix lill-Istati Membri jindirizzaw l-ispeċifiċitajiet tagħhom.
- Il-konsultazzjonijiet fl-oqsma tal-migrazzjoni u tas-sigurtà sabu li dawk li wieġbu appoġġaw bi sħiħ it-twassil aktar sempliċi u aktar flessibbiltà (speċifikament fir-rigward tal-kapaċità li jirreaġixxu għall-kriżijiet relatati mal-migrazzjoni u mas-sigurtà).

It-tħassib li qajmu l-partijiet ikkonċernati huma indirizzati fil-miżuri ta' simplifikazzjoni differenti fis-CPR (ara hawn taħt).

- **Għarfien espert u kostijiet amministrattivi**

F'termini ta' għarfien espert, il-"Grupp ta' Livell Għoli" ta' esperti ltaqa' biex jiddiskuti s-simplifikazzjoni tal-politika ta' koeżjoni. Ikkonkludi dan li ġej[5]:

- Allinjament tar-regoli bejn il-Fondi tal-UE. Dan it-tħassib huwa parzjalment indirizzat mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament attwali.
- Inqas regoli, li jkunu iktar ċari u iqsar. Kif innutat hawn fuq, ir-Regolament attwali jinkludi bosta simplifikazzjonijiet.
- Sussidjarjetà u proporzjonalità ġenwina: dipendenza ferm akbar fuq is-sistemi u l-proċeduri nazzjonali ta' ġestjoni u ta' kontroll. Din hija indirizzata fit-Titolu VI (ara hawn taħt).

[5] It-test sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli: http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/newsroom/pdf/simplification_proposals_key.pdf

- Qafas stabbli iżda flessibbli: ebda ħtieġa li jerġgħu jinħatru istituzzjonijiet għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Jenħtieġ li l-programmi jiġu mmodifikati wkoll b'mod aktar faċli. Din hija indirizzata fit-Titoli VI u III rispettivament.
- Il-prinċipju ta' awditu uniku: estensjoni tal-prinċipju tal-awditu uniku. Din hija indirizzata fit-Titolu VI.

Hemm evidenza ta' kostijiet amministrattivi sostanzjali assoċjati mal-FEŻR, u mal-Fond ta' Koeżjoni, stmati fi studju riċenti[6] għal 3 % tal-kostijiet tal-programmi medji għall-FEŻR u 2,2 % tal-Fond ta' Koeżjoni. Il-piżijiet amministrattivi dwar il-benefiċjarji (inklużi l-SMEs) huma ogħla.

Ħafna mis-simplifikazzjonijiet fis-CPR huma diffiċli biex jiġu kwantifikati finanzjarjament bil-quddiem, iżda l-istudju għamel dawn l-estimi

- Aktar użu tal-għażliet tal-kostijiet issimplifikati (jew pagamenti bbażati fuq kundizzjonijiet) għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni jista' sostanzjalment inaqqas il-kostijiet amministrattivi totali – b'20-25 % jekk dawn l-għażliet jiġu applikati kullimkien.
- L-approċċ aktar proporzjonat għall-kontroll u l-awditi jimplika tnaqqis maġġuri fl-għadd ta' verifiki fil-post tal-awditi għal programmi ta' "riskju baxx", u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet amministrattivi totali tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni bi 2-3 % u l-kostijiet għal programmi affettwati b'ammont ħafna akbar.
- **Valutazzjoni tal-impatt**

Is-CPR innifsu mhuwiex is-suġġett ta' valutazzjoni tal-impatt, billi huwa jistabbilixxi regoli komuni u mekkaniżmu eżekuttiv għal politiki oħra. Kull fond relatat huwa akkumpanjat mill-valutazzjoni tal-impatt tiegħu.

- **Koeżjoni elettronika u skambju tad-data**

Il-programmi bejn l-2014 u l-2020, ħlief għall-predeċessuri tal-AMIF, tal-BMVI u tal-ISF, kienu jeħtieġu sistema ta' skambju elettroniku ta' data bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' ġestjoni, u bejn l-awtoritajiet differenti tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll. Ir-Regolament attwali jibni fuq dan u jkompli jiżviluppa ċerti aspetti tal-ġbir tad-data. Id-data kollha meħtieġa għall-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni, inklużi r-riżultati u l-prestazzjoni tal-programmi, issa se tiġi trażmessa elettronikament u kull xahrejn lill-Kummissjoni, jiġifieri l-pjattaforma tad-data miftuħa se tiġi aġġornata kważi f'ħin reali.

Bl-istess mod, id-data tal-benefiċjarji u tal-operazzjonijiet se tkun disponibbli pubblikament f'forma elettronika, fuq sit web dedikat ġestit mill-awtorità ta' ġestjoni. Dan se jagħti aktar viżibbiltà lill-kisbiet u se jippermetti aktar komunikazzjoni.

- **Drittijiet fundamentali**

Billi jintroduċi kundizzjoni li tippermetti li jiġi żgurat ir-rispett għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, dan ir-Regolament se jkollu impatt pożittiv fuq ir-rispett u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kollha fil-ġestjoni tas-seba' fondi kollha.

Ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa kopert minn Regolament awtonomu bbażat fuq l-Artikolu 322 TFUE.

---

[6] Spatial Foresight & t33, New assessment of administrative costs and burden in ESI Funds, preliminary results.

## 4. IMPLIKAZZJONIJI GĦALL-BAĠIT

Il-proposta tal-Kummissjoni għal qafas finanzjarju pluriennali tistabbilixxi ammont ta' EUR 330 biljun għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali għall-perjodu mill-2021 sal-2027.

**Pakketti tal-FEŻR, tal-FK u tal-FSE+ għall-2021-27 f'miljuni**

| | |
|---|---|
| **Total tal-Politika ta' koeżjoni** | **330 624** |
| **Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)** | **200 629** |
| • Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi | 190 752 |
| • Kooperazzjoni territorjali Ewropea | 8 430 |
| • Reġjuni ultraperiferiċi u sottopopolati | 1 447 |
| **Fond ta' Koeżjoni (FK)** | **41 349** |
| • li minnhom kontribuzzjoni għal CEF Transport | 10 000 |
| **Fond Soċjali Ewropew+ (1)** | **88 646** |

(1) Dan l-ammont ma jinkludix l-ammont għas-saħħa, għall-impjiegi u għall-innovazzjoni soċjali (EUR 1 042 miljun).

Dawn huma l-akbar intestaturi finanzjarji koperti mis-CPR. Il-proposta tal-Kummissjoni għall-finanzjament tal-FEMS, tal-AMIF, tal-BMVI u tal-ISF se tkun inkluża fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond għal kull Fond.

## 5. SOMMARJU TAL-KONTENUT TAR-REGOLAMENT

L-objettivi ewlenin tal-arkitettura u d-dispożizzjonijiet tas-CPR propost huma li:

1. Jitnaqqas b'mod sostanzjali l-piż amministrattiv mhux meħtieġ għall-benefiċjarji u l-korpi ta' ġestjoni filwaqt li jinżamm livell għoli ta' aċċertament ta' legalità u regolarità. Dan huwa prinċipju gwida ewlieni tar-riforma, u jinkludi għadd kbir ta' simplifikazzjonijiet u allinjamenti bejn ir-regolamenti – iżda speċjalment f'termini ta':
   i. Ir-riportament ta' sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll (u miżuri oħra li jiffaċilitaw it-tnedija tal-programmi). Aktar użu ta' "arranġamenti proporzjonati", fejn programmi b'riskju aktar baxx jistgħu jiddependu aktar fuq sistemi nazzjonali.
   ii. L-użu tal-għażliet tal-kostijiet issimplifikati u l-pagamenti bbażati fuq il-kundizzjonijiet.
   iii. Strumenti finanzjarji.
2. Tiżdied il-flessibbiltà biex jiġu aġġustati l-objettivi u r-riżorsi tal-programmi fid-dawl ta' ċirkustanzi li jinbidlu u anki f'termini ta' kontribuzzjonijiet volontarji għal strumenti ġestiti direttament fil-livell tal-UE.
3. Jiġu allinjati l-programmi aktar mill-qrib mal-prijoritajiet tal-UE u tiżdied l-effettività tagħhom. Dan jinkludi:
   i. L-allinjament tal-loġika ta' intervent u r-rappurtar mal-intestaturi tal-QFP u ż-żieda fir-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni dwar oqsma ta' prijorità.

ii. Il-ħolqien ta' rabta aktar mill-qrib mal-proċess tas-Semestru Ewropew.

iii. It-twaqqif ta' kundizzjonijiet abilitanti sinifikanti li jeħtieġ li jinżammu matul il-perjodu ta' implimentazzjoni.

**Titolu I: Objettivi u appoġġ ġenerali**

Is-CPR jiġbor flimkien seba' Fondi Ewropej mogħtija permezz ta' ġestjoni kondiviża. L-għan huwa li jinħoloq sett komuni ta' regoli simplifikati u konsolidati, li jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-awtoritajiet u l-benefiċjarji tal-programmi.

Il-bażi hija stabbilita hawn biex tenfasizza b'mod qawwi l-ġestjoni kondiviża u s-sħubija, u tinsab matul ir-Regolamenti. L-Artikolu 5 jipprevedi l-bażi għal ġestjoni kondiviża, l-Artikolu 6 għas-sħubija mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, mal-awtoritajiet urbani u pubbliċi, mas-sħab ekonomiċi u soċjali, mas-soċjetà ċivili u mal-korpi li jippromwovu l-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn is-sessi, in-nondiskriminazzjoni u d-drittijiet ta' nies b'diżabbiltajiet.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 stabbiliet mira aktar ambizzjuża għall-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-programmi kollha tal-UE, b'mira ġenerali li 25 % tan-nefqa tal-UE tikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi. Il-kontribuzzjoni ta' dan il-programm għall-kisba ta' din il-mira ġenerali se tiġi traċċata permezz ta' sistema ta' indikaturi klimatiċi tal-UE f'livell xieraq ta' diżaggregazzjoni, inkluż l-użu ta' metodoloġiji aktar preċiżi meta dawn ikunu disponibbli. Il-Kummissjoni se tkompli tippreżenta l-informazzjoni kull sena f'termini tal-approprjazzjonijiet ta' impenn fil-kuntest tal-abbozz ta' baġit annwali.

Sabiex tappoġġa l-użu sħiħ tal-potenzjal tal-programm biex jikkontribiwixxi għall-objettivi klimatiċi, il-Kummissjoni se tfittex li tidentifika azzjonijiet rilevanti matul il-proċessi ta' tħejjija, implimentazzjoni, rieżami u evalwazzjoni tal-programmi.

**Titolu II: Approċċ strateġiku**

Ħdax-il objettiv tematiku użati bejn l-2014 u l-2020 ġew simplifikati għal ħames objettivi ta' politika ċari f'dan ir-Regolament.

1. Ewropa aktar intelliġenti - trasformazzjoni ekonomika u intelliġenti.
2. Ewropa aktar ambjentali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.
3. Ewropa aktar konnessa - mobbiltà u konnettività tal-ICT reġjonali.
4. Ewropa aktar soċjali - implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
5. Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini – żvilupp sostenibbli u integrat ta' żoni urbani, rurali u kostali permezz ta' inizjattivi lokali.

Barra minn hekk, l-objettivi ta' politika tal-AMIF, tal-BMVI u tal-ISF ġew stabbiliti fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond.

Din is-simplifikazzjoni tippermetti sinerġiji u flessibbiltà bejn diversi fergħat f'objettiv partikolari, u tneħħi d-distinzjonijiet artifiċjali bejn politiki differenti li jikkontribwixxu għall-istess objettiv. Tistabbilixxi wkoll il-konċentrazzjoni tematika għall-FEŻR u għall-FSE.

"Kundizzjonalitajiet *ex ante*" fil-perjodu bejn l-2014 u l-2020 huma sostitwiti b'"kundizzjonijiet abilitanti". Dawn huma inqas, aktar iffukati fuq l-għanijiet tal-fond ikkonċernat u – b'kuntrast mal-perjodu bejn l-2014 u l-2020 – immonitorjati u applikati matul il-perjodu. Il-prinċipju se jissaħħaħ: L-Istati Membri mhux se jkunu jistgħu jiddikjaraw in-

nefqa relatata mal-objettivi speċifiċi sakemm tiġi ssodisfata l-kundizzjoni abilitanti. Dan se jiżgura li l-operazzjonijiet kofinanzjati kollha jkunu konformi mal-qafas ta' politika tal-UE.

Sabiex tibni fuq il-prattika tajba ta' orjentazzjoni tal-prestazzjoni, ġie propost li jinżamm il-qafas ta' prestazzjoni b'mod simplifikat u aktar ċar. Bl-istess mod, il-kundizzjonalità marbuta mas-Semestru Ewropew tinżamm iżda b'mod simplifikat. B'mod partikolari, ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (Country-Specific Recommendations, CSRs) se jitqiesu fil-programmazzjoni mill-inqas f'żewġ okkażjonijiet: fil-bidu tal-programmazzjoni u matul ir-rieżami ta' nofs it-terminu.

Jinżammu miżuri biex tiġi promossa governanza ekonomika tajba. Madankollu, is-sospensjonijiet se jintrabtu ma' impenji biss, mhux ma' pagamenti, sabiex jiġi evitat li jaggravaw kriżijiet ekonomiċi.

Is-CPR joħloq flessibbiltà għall-FEŻR, għall-FSE+ u għall-Fond ta' Koeżjoni. Fil-bidu se jiġu programmati l-ewwel 5 snin biss. Se jsiru allokazzjonijiet għall-aħħar sentejn (2) fuq il-bażi ta' rieżami ta' nofs it-terminu sostanzjali u fil-fond li jwassal għar-riprogrammazzjoni korrispondenti fl-2025. Ir-rieżami se jirrevedi l-prijoritajiet u l-objettivi inizjali tal-programmi li jqisu: il-progress fl-ilħiq tal-objettivi sa tmiem l-2024; il-bidliet fis-sitwazzjoni soċjoekonomika; sfidi ġodda identifikati f'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Dan jibni fuq il-kunċett tal-qafas ta' prestazzjoni u tar-riżerva tal-prestazzjoni u jkompli jsaħħaħ l-angolu tal-prestazzjoni tal-politika, inkluż permezz tar-riprogrammazzjoni. Madankollu, ir-riżerva tal-prestazzjoni ma tkomplietx.

Is-sinerġiji bejn l-istrumenti differenti tal-UE se jitħeġġu permezz ta' proċess ta' ppjanar strateġiku, li se jidentifika objettivi komuni u oqsma komuni għall-attivitajiet fi programmi differenti, pereżempju mal-Politika Agrikola Komuni (PAK); mal-Orizzont Ewropa; mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE); mal-Programm Ewropea Diġitali (DEP); mal-Programm Erasmus+; mal-Fond InvestUE; mal-LIFE; mal-Erasmus+ u mal-Istrument Estern.

**Titolu III: Programmazzjoni**

Il-kontenut tal-programmi se jkun aktar simplifikat u strateġiku. Sabiex il-proċess ta' programmazzjoni u l-implimentazzjoni jiġu armonizzati u mħaffa fil-bidu tal-perjodu, mudell komuni għall-programmi għall-programmi FEŻR, Fond ta' Koeżjoni, FSE+ u FEMS u mudell separat għall-programmi AMIF, BMVI u ISF huma mehmuża ma' dan ir-Regolament. Sabiex il-programmazzjoni ssir aktar flessibbli, se jkun hemm livell limitu ta' 5 % fil-livell ta' prijorità li taħtu se jkun possibbli li jiġu aġġustati allokazzjonijiet fil-programm mingħajr il-ħtieġa għal emenda formali tal-programm.

Sabiex jiġu indirizzati sfidi speċifiċi fil-livell subreġjonali u dak lokali, is-CPR jintroduċi approċċ simplifikat għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità (inkluża l-possibbiltà li jinħatar fond prinċipali li jnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji). Is-CPR jarmonizza wkoll l-approċċ għal għodod territorjali oħra, inkluża l-eżistenza ta' investimenti territorjali integrati eżistenti.

Is-CPR jinkludi wkoll dispożizzjonijiet biex jippermetti t-trasferiment volontarju ta' riżorsi lejn il-ħames ambiti ta' politika tal-istrumenti tal-InvestUE li jibbenefikaw mill-mekkaniżmu ta' garanzija baġitarja fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu trasferiment sa massimu ta' 5 % tal-allokazzjonijiet finanzjarji minn kwalunkwe wieħed mill-fondi lejn fond ieħor taħt ġestjoni kondiviża jew lejn kwalunkwe strument taħt ġestjoni diretta jew indiretta. Jenħtieġ li dan jiffaċilita l-ilħiq tal-objettivi stabbiliti għall-programmi matul l-implimentazzjoni tagħhom.

L-approċċ għal assistenza teknika tal-Istati Membru ġie simplifikat. Ġie introdott mekkaniżmu b'rata fissa li jippermetti li kull pagament interim jiżdied b'persentaġġ bejn 2,5

% u 6 % skont il-fond, u għaldaqstant jorbot il-pagament tal-UE ta' assistenza teknika mal-progress fl-implimentazzjoni. Barra minn hekk, l-azzjonijiet amministrattivi ta' bini ta' kapaċità jistgħu jitkomplew f'forma ta' pagamenti bbażati fuq il-kundizzjonijiet.

**Titolu IV: Monitoraġġ, evalwazzjoni, informazzjoni u komunikazzjoni**

Data elettronika tippermetti l-kombinazzjoni ta' simplifikazzjoni u trasparenza. Fil-perjodu bejn l-2014 u l-2020, ħlief għall-predeċessuri tal-AMIF, tal-BMVI u tal-ISF, kien rikjest li tiġi stabbilita sistema ta' skambju elettroniku ta' data bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' ġestjoni, kif ukoll bejn l-awtoritajiet differenti tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll. Ir-regolament attwali jibni fuq u jiżviluppa aktar ċerti aspetti f'termini ta' ġbir ta' data. Id-data kollha meħtieġa għall-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni, inklużi r-riżultati u l-prestazzjoni tal-programmi, issa se tiġi trażmessa elettronikament u kull xahrejn, jiġifieri l-pjattaforma tad-data miftuħa se tiġi aġġornata kważi f'ħin reali.

Ġie propost li jingħata rwol aktar prominenti lill-kumitati ta' monitoraġġ fis-superviżjoni tal-prestazzjoni tal-programmi u l-fatturi kollha li jinfluwenzawha. Għat-trasparenza, se jkun mitlub li d-dokumenti ppreżentati lill-kumitati ta' monitoraġġ ikunu disponibbli pubblikament.

Għall-fondi kollha, ir-rieżami tal-prestazzjoni annwali se jkun okkażjoni għal djalogu politiku fuq il-kwistjonijiet ewlenin ta' implimentazzjoni u prestazzjoni tal-programmi. Trażmissjoni frekwenti tad-data tippermetti simplifikazzjoni tal-proċess ta' rieżami tal-prestazzjoni. Għall-fondi ta' politika ta' koeżjoni, din tippermetti li jiġi eliminat id-dokument ta' rapport annwali - il-laqgħa ta' rieżami annwali se tkun fuq il-bażi tal-aħħar riżultati u sett limitat ta' informazzjoni kwalitattiva ppreżentata.

Issaħħew ir-responsabbiltajiet ta' kemm l-awtoritajiet kif ukoll il-benefiċjarji tal-programmi rigward il-viżibbiltà u l-komunikazzjoni. Ir-rekwiżiti ta' komunikazzjoni komuni, trasparenza u viżibbiltà jiżguraw azzjonijiet ta' komunikazzjoni aktar koerenti, effettivi u effiċjenti.

L-evalwazzjonijiet se jitwettqu f'konformità mal-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016[7], fejn it-tliet istituzzjonijiet ikkonfermaw li jenħtieġ li l-evalwazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni u l-politika eżistenti jipprovdu l-bażi għal valutazzjonijiet tal-impatt ta' għażliet għal azzjoni ulterjuri. L-evalwazzjonijiet se jivvalutaw l-effetti tal-programmi fil-post fuq il-bażi tal-indikaturi u l-miri tal-programmi u analiżi dettaljata tal-livell sa fejn il-programm ikun rilevanti, effettiv, effiċjenti, jipprovdi valur miżjud tal-UE u jkun koerenti mal-politiki l-oħra tal-UE. L-evalwazzjonijiet se jinkludu tagħlimiet meħuda, problemi u opportunitajiet biex ikomplu jitjiebu l-azzjonijiet u l-impatti tagħhom.

**Titolu V: Appoġġ finanzjarju**

Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, is-CPR jissistematizza u jżid l-użu tal-għażliet tal-kostijiet issimplifikati, jiġifieri r-rimborż b'rata fissa, l-iskala standard ta' kostijiet għal kull unità jew somom f'daqqa. Sabiex dawn l-għażliet ikunu eħfef biex jiġu applikati, is-CPR jissimplifika r-regoli u l-metodi ta' kalkolu, u jipprovdi aktar għażliet prekostitwiti li jibnu fuq il-proposta Omnibus tal-Kummissjoni[8].

L-għażla ta' pagamenti fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet se tikkontribwixxi wkoll għall-orjentazzjoni tal-prestazzjoni, u tippermetti pagamenti bbażati fuq prestazzjoni miksuba jew verifikata.

[7] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

[8] http://ec.europa.eu/budget/mff/lib/COM-2016-603/COM-2016-605_en.pdf

L-istrumenti finanzjarji se jkunu mekkaniżmu eżekuttiv ewlieni għall-investimenti bejn l-2021 u l-2027 li jiġġeneraw dħul jew tfaddil fil-kostijiet; id-dispożizzjonijiet għall-użu tagħhom ġew simplifikati u aġġornati biex jiżguraw implimentazzjoni aħjar u eħfef kif ukoll stabbiliment imħaffef:

- L-istrumenti finanzjarji se jkunu integrati aħjar fil-proċess ta' programmazzjoni u ta' implimentazzjoni mill-bidu nett u l-valutazzjoni ex ante se tkun simplifikata skont dan;
- L-awtoritajiet ta' ġestjoni se jkollhom l-istess għażliet ta' implimentazzjoni flessibbli bażiċi – il-ġestjoni taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni jew ġestjoni diretta mill-awtorità ta' ġestjoni – iżda l-kundizzjonijiet relatati ġew simplifikati;
- It-taħlit ta' riżorsi tal-UE se jkun possibbli taħt sett ta' regoli wieħed; mhux se jibqa' jkun hemm multiplikazzjoni ta' regoli differenti applikati għal sitwazzjonijiet simili;
- Il-flessibbiltà hija proposta għat-taħlit ta' għotjiet ma' strumenti finanzjarji;
- Ir-regoli ta' eliġibbiltà ġew iċċarati, u r-regoli dwar il-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni ġew simplifikati filwaqt li nżammu bbażati fuq il-prestazzjoni biex titħeġġeġ ġestjoni effiċjenti;
- Ir-regoli dwar il-pagamenti ġew simplifikati konsiderevolment filwaqt li nżammet ir-rabta importanti ħafna bejn il-pagamenti għall-istrumenti finanzjarji u l-iżborżi korrispondenti għal riċevituri finali;
- Il-fondi minn operazzjonijiet preċedenti u r-riċiklaġġ tal-fondi ġie kodifikat b'mod sempliċi, biex jippermettu fluss b'inqas xkiel minn perjodu għal ieħor.
- Mhu se jkun hemm l-ebda rappurtar separat addizjonali dwar strumenti finanzjarji billi dawn huma inkorporati taħt l-istess sistema ta' rappurtar bħall-forom l-oħra kollha ta' finanzjament.

Simplifikazzjonijiet oħra jinkludu:

- It-taħlit ta' fondi differenti – u ta' strumenti finanzjarji u għotjiet – huwa kodifikat b'regoli sempliċi;
- Mhux se jkun hemm iktar regoli speċifiċi għal investimenti li jiġġeneraw dħul;
- Mhux se jkun hemm proċess għal proġetti maġġuri (minflok, proġetti strateġiċi se jkunu segwiti mill-kumitat ta' monitoraġġ).
- Il-finanzjament se jkun simplifikat, pereżempju permezz tal-approċċ tas-siġill ta' eċċellenza.

Sabiex jiġu evitati kompetizzjonijiet improduttivi tas-sussidji, issaħħew id-dispożizzjonijiet dwar ir-rilokazzjonijiet tan-negozju.

**Titolu VI: Ġestjoni u kontroll**

L-impenji u r-responsabbiltajiet ta' korpi differenti fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll huma stabbiliti b'mod aktar ċar. Ma hemm l-ebda rekwiżit biex jitwettaq il-proċess tal-ħatra; id-dispożizzjonijiet jippromwovu l-introduzzjoni ta' sistemi eżistenti u regoli aktar sempliċi biex jiġu identifikati korpi ġodda.

Ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà se jgħinu biex jiġi żgurat li għall-appoġġ jiġu riċevuti biss operazzjonijiet ta' kwalità li jikkontribwixxu l-aktar għall-objettivi miftehma mal-proporzjon kostijiet-benefiċċji. Ġie propost ukoll li jiġi verifikat sistematikament jekk l-operazzjoni hijiex finanzjarjament sostenibbli u jekk l-iskrinjar ambjentali tagħha kienx ibbażat fuq l-aħħar rekwiżiti.

L-għadd ta' kontrolli u awditi se jitnaqqas b'mod sinifikanti. Dan se jnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet u l-benefiċjarji tal-programmi. Apparti d-dispożizzjonijiet f'titoli preċedenti li jnaqqsu l-piż tal-awditi, dan it-titolu jkompli jnaqqas il-piż permezz ta':

- Estensjoni tal-prinċipju tal-awditu uniku;
- Inqas kontrolli;
- Għall-programmi b'rata baxxa ta' żbalji, approċċ proporzjonat imtejjeb ibbażat fuq sistema nazzjonali li tiffunzjona tajjeb b'arranġament ta' awditu minimu għal finijiet ta' assigurazzjoni.

Il-proposti ta' proġetti li rċevew Siġill ta' Eċċellenza skont l-Orizzont Ewropa mhux se jkunu jeħtieġu li jgħaddu minn proċess ieħor ta' applikazzjoni u selezzjoni jekk ikunu konsistenti mal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tal-programm. Dan inaqqas il-piż kemm fuq il-ġestituri kif ukoll fuq il-benefiċjarji. Bl-istess mod, dan l-approċċ jista' jiġi estiż għal strumenti oħra tal-UE, bħal LIFE+ jew Erasmus+.

**Titolu VII – Ġestjoni finanzjarja, preżentazzjoni u eżami tal-kontijiet u tal-korrezzjonijiet finanzjarji**

Is-sistema ta' kontijiet annwali tinżamm, inkluża ż-żamma ta' 10 % mill-ammonti ddikjarati fil-pagamenti interim. Il-preżentazzjoni tar-rekwiżiti ta' pagamenti se ssegwi skeda regolari u se sseħħ erba' darbiet fis-sena. Kontijiet żero mhux se jkunu jeħtieġu proċedura korrispondenti.

Din it-taqsima tinkludi wkoll regoli ta' diżimpenn. Billi s-simplifikazzjoni tagħmilha aktar faċli biex il-programmi jnaqqsu d-dewmien u sabiex jippromwovu ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll implimentazzjoni fil-ħin, is-CPR jinkludi regola "n+2". Għall-istess raġuni, il-livell ta' prefinanzjament tnaqqas għal pagament annwali ta' 0,5 % fuq il-bażi tal-appoġġ totali mill-Fondi. F'dan il-kuntest, sabiex jiġu żgurati biżżejjed riżorsi, tista' tkun meħtieġa reviżjoni tal-arranġamenti ta' prefinanzjament annwali bejn l-2014 u l-2020 għall-FEŻR, għall-FSE+, għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-FEMS.

**Titolu VIII - Qafas finanzjarju**

Dan jistabbilixxi allokazzjonijiet u *kofinanzjament ibbażati fuq kategoriji ta' reġjuni* u japplika għall-FEŻR, għall-FSE+ u għall-Fond ta' Koeżjoni.

Is-CPR jirritorna wkoll rati ta' kofinanzjament għal dawn it-tliet Fondi għal-livelli ta' qabel il-kriżi finanzjarja. Ir-rati ta' kofinanzjament tal-UE żdiedu għal dawn it-tliet Fondi fil-perjodu bejn l-2007 u l-2013. Din kienet reazzjoni għall-kriżi finanzjarja, biex jinżammu investimenti essenzjali fi żmien ta' baġits pubbliċi ristretti. Ir-rati għolja ta' kofinanzjament tal-UE ma għadhomx meħtieġa u rati aktar baxxi jippromwovu s-"sjieda". Rati aktar baxxi ta' kofinanzjament tal-UE jżidu wkoll il-baġit ġenerali tal-politika ta' koeżjoni, u jqisu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali. Dan iżid ukoll mal-flessibbiltà finanzjarja li għandhom l-Istati Membri billi r-rati ta' kofinanzjament fil-livell tal-programm u tal-prijorità jistgħu jiġu stabiliti b'mod flessibbli.

**Titolu IX - delega ta' setgħat, dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni, tranżizzjonali u finali**

Sabiex jiżguraw bidu bikri għall-implimentazzjoni fil-perjodu li jmiss, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi kollha meħtieġa se jiġu inklużi fil-pakkett leġiżlattiv (fis-CPR jew fir-regolamenti speċifiċi għall-Fondi).

B'mod speċjali, l-għadd ta' setgħat huwa sostanzjalment imnaqqas u jinżamm għal minimu. Dan se jipprevjeni dewmien possibbli fit-tfassil u fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja. Jiżgura wkoll koerenza interna ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi u prevedibbiltà għall-partijiet ikkonċernati billi r-regoli applikabbli kollha tal-UE jkunu jinsabu f'post wieħed.

Il-kundizzjonijiet għall-operazzjonijiet soġġetti għal implimentazzjoni gradwali ġew introdotti biex jipprovdu ċarezza u ċertezza tad-dritt dwar iċ-ċirkustanzi fejn il-gradwalità hija aċċettata.

2018/0196 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 177, 322(1)(a) u 349 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[9],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[10],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri[11],

F'azzjoni skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") jipprovdi li, sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha, l-Unjoni għandu jkollha l-għan li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni jew gżejjer li huma anqas favoriti, u li għandha tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni rurali, żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti. L-Artikolu 175 TFUE jitlob li l-Unjoni ssostni l-ilħiq ta' dawn l-objettivi permezz tal-azzjoni li tieħu permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija, it-Taqsima tal-Gwida, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Bank Ewropew tal-Investiment u strumenti oħrajn. L-Artikolu 322 TFUE jipprovdi l-bażi biex jiġu adottati r-regoli finanzjarji li jiddeterminaw il-proċedura li għandha tiġi adottata għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet, kif ukoll kontrolli tar-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji.

(2) Sabiex ikomplu jiżviluppaw implimentazzjoni koordinata u armonizzata tal-Fondi tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni kondiviża, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR"), il-Fond Soċjali Ewropew Plus ("FSE+"), il-Fond ta' Koeżjoni, miżuri ffinanzjati taħt ġestjoni kondiviża fil-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ("FEMS"), il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni (Asylum and Migration Fund, "AMIF"), il-Fond għas-Sigurtà Interna (Internal Security Fund, "ISF") u l-Istrument għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri u tal-Viżi ("BMVI"), jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli finanzjarji bbażati fuq l-Artikolu 322 TFUE għal dawn il-Fondi kollha ("il-Fondi"), li jispeċifikaw biċ-ċar il-kamp ta' applikazzjoni tad-

[9] ĠU C […], […], p. […].
[10] ĠU C […], […], p. […].
[11] ĠU C […], […], p. […].

dispożizzjonijiet rilevanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet komuni bbażati fuq l-Artikolu 177 TFUE jiġu stabbiliti biex ikopru r-regoli speċifiċi tal-politika għall-FEŻR, għall-FSE+, għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-FEMS.

(3) Minħabba l-ispeċifiċitajiet ta' kull Fond, jenħtieġ li r-regoli speċifiċi applikabbli għal kull Fond u għall-għan ta' kooperazzjoni territorjal Ewropea (Interreg) taħt il-FEŻR jiġu stipulati f'Regolamenti separati ("Regolamenti speċifiċi għall-Fond") biex jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(4) Jenħtieġ li r-reġjuni ultraperiferiċi u r-reġjuni skarsament popolati tat-Tramuntana jibbenefikaw minn miżuri speċifiċi u minn finanzjament addizzjonali skont l-Artikolu 349 TFUE u l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 tal-Att ta' Adeżjoni tal-1994.

(5) Jenħtieġ li l-prinċipji orizzontali kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u fl-Artikolu 10 TFUE, inklużi l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 TUE, jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-Fondi, u jqisu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrispettaw ukoll l-obbligi tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà tan-NU u jiżguraw l-aċċessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 9 tagħha u skont id-dritt tal-Unjoni li jarmonizza r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw li jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u jintegraw il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll jiġġieldu d-diskriminazjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li dawn il-Fondi ma jappoġġawx azzjonijiet li jikkontribwixxu għal xi forma ta' segregazzjoni. Jenħtieġ li l-objettivi tal-Fondi jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u l-promozzjoni tal-Unjoni tal-għan li tippriżerva, tipproteġi u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent kif stabbilit fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 191(1) TFUE, u jitqies il-prinċipju li min iniġġes iħallas. Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern, l-operazzjonijiet li jibbenefikaw minnhom l-impriżi għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat kif stabbilit fl-Artikoli 107 u 108 TFUE.

(6) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura biex jiġi stabbilit u implimentat il-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premijiet, implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu verifiki dwar ir-responsabbiltà ta' atturi finanzjarji. Regoli adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 322 TFUE jirrigwardaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' defiċjenzi ġeneralizzati rigward l-istat tad-dritt fl-Istati Membri, billi r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u finanzjament mill-UE effettiv.

(7) Meta jiġi stabbilit perjodu ta' żmien biex il-Kummissjoni tieħu kwalunkwe azzjoni fir-rigward tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa kollha fil-ħin u b'mod effiċjenti. Mete l-preżentazzjonijiet tal-Istati Membri ma jkunux kompluti jew ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, u għaldaqstant ma jippermettux li l-Kummissjoni tieħu azzjoni bl-informazzjoni kollha disponibbli għaliha, jenħtieġ li l-perjodu ta' żmien jiġi sospiż sakemm l-Istati Membri jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji.

(8) Sabiex jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Fondi jiffukaw l-appoġġ tagħhom fuq għadd limitat ta' objettivi ta' politika f'konformità mal-missjonijiet speċifiċi għall-Fondi skont l-objettivi bbażati fuq it-Trattat. Jenħtieġ li l-objettivi ta' politika għall-AMIF, l-ISF u l-BMVI jiġu stabbiliti fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond.

(9) Meta wieħed jirrifletti fuq l-importanza li t-tibdil fil-klima jiġi indirizzat f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Fondi se jikkontribwixxu biex jissimplifikaw l-azzjonijiet klimatiċi u biex jinkiseb għan ġenerali ta' 25 % tan-nefqa tal-baġit li tapoġġa l-objettivi klimatiċi.

(10) Jenħtieġ li parti mill-baġit tal-Unjoni allokata għall-Fondi tiġi implimentata mill-Kummissjoni taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri fis-sens tar-Regolament (UE, Euratom) [*numru tar-Regolament Finanzjarju ġdid*] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunill [12] (ir-"Regolament Finanzjarju"). Għaldaqstant, meta jimplimentaw il-Fondi taħt ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji msemmija fir-Regolament Finanzjarju, bħall-ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni.

(11) Il-prinċipju tas-sħubija huwa fattur ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Fondi, u jibni fuq l-approċċ ta' governanza f'diversi livelli u jiżgura l-involviment tas-soċjetà ċivili u tas-sħab soċjali. Sabiex jipprovdi kontinwità fl-organizzazzjoni tas-sħubija, jenħtieġ li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014[13] ikompli japplika.

(12) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas biex jiġu identifikati l-prijoritajiet nazzjonali ta' riforma u tiġi monitorjata l-implimentazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiżviluppaw l-istrateġiji tal-investiment pluriennali nazzjonali tagħhom b'appoġġ għal dawn il-prijoritajiet ta' riforma. Jenħtieġ li dawn l-istrateġiji jiġu ppreżentati flimkien mal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma bħala mod kif jiġu enfasizzati u kkoordinati proġetti ta' investimenti ta'prijorità li għandhom jiġu appoġġati minn finanzjament nazzjonali u tal-Unjoni. Jenħtieġ li jservu wkoll biex il-finanzjament tal-Unjoni jintuża b'mod koerenti u biex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut, speċjalment mill-Fondi, mill-Funzjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investiment Ewropea u mill-InvestUE.

(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeterminaw kif rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li huma rilevanti u adottati skont l-Artikolu 121(2) TFUE u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li huma rilevanti u adottati skont l-Artikolu 148(4) TFUE (CSRs) jitqiesu fit-tħejjija ta' dokumenti ta' programmazzjoni. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni bejn l-2021 u l-2027 ("perjodu ta' programmazzjoni"), jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi b'appoġġ għas-CSRs lill-kumitat ta' monitoraġġ u lill-Kummissjoni b'mod regolari. Matul rieżami ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li l-Istati Membri, fost elementi oħra, iqisu l-ħtieġa għal modifiki fil-programmi biex jakkomodaw CSRs rilevanti adottati jew modifikati sa mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni.

(14) Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-kontenuti tal-abbozz tal-Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u tal-Klima, li għandu jiġi żviluppat taħt ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija[14], u l-eżitu tal-proċess li wassal għar-rakkomandazzjonijiet tal-Unjoni rigward dawn il-pjanijiet, għall-programmi tagħhom, kif ukoll għall-ħtiġijiet finanzjarji allokati għal investimenti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

(15) Jeħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija, imħejji minn kull Stat Membru, ikun dokument strateġiku li jiggwida n-negozjati bejn il-Kummissjoni l-Istat Membru kkonċernat dwar it-tfassil tal-

---

[12] ĠU L […], […], p. […].

[13] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej(ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1).

[14] [Ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, li jemenda d-Direttiva 94/22/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/31/KE, ir-Regolament (KE) Nru 663/2009, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009, id-Direttiva 2009/73/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE, id-Direttiva 2010/31/UE, id-Direttiva 2012/27/UE, id-Direttiva 2013/30/UE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 (COM/2016/0759 final/2 - 2016/0375 (COD)]

programmi. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li ma jkunx hemm għalfejn jiġu emendati l-Ftehimiet ta' Sħubija matul il-perjodu ta' programmazzjoni. Sabiex jiffaċilitaw il-programmazzjoni u jiġi evitat kontenut duplikat fid-dokumenti ta' programmazzjoni, il-Ftehimiet ta' Sħubija jistgħu jiġu inklużi bħala parti minn programm.

(16) Jenħtieġ li kull Stat Membru jkollu l-flessibbiltà li jikkontribwixxi għall-InvestUE għad-dispożizzjoni ta' garanziji baġitarji għall-investimenti f'dak l-Istat Membru.

(17) Sabiex jiġu żgurati l-prerekwiżiti meħtieġa għall-użu effettiv u effiċjenti tal-appoġġ tal-Unjoni mogħti mill-Fondi, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista limitata ta' kundizzjonijiet abilitanti kif ukoll sett konċiż u eżawrjenti ta' kriterji oġġettivi għall-valutazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li kull kundizzjoni abilitanti tintrabat ma' objettiv speċifiku u jenħtieġ li tiġi applikata awtomatikament meta l-objettiv speċifiku jintgħażel għall-appoġġ. Meta dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati, jenħtieġ li n-nefqa relatata mal-operazzjonijiet taħt l-objettivi speċifiċi relatati ma tiġix inkluża f'talbiet għall-ħlas. Sabiex jinżamm qafas ta' investiment favorevoli, jenħtieġ li jkun hemm monitoraġġ regolari tal-issodisfar kontinwu tal-kundizzjonijiet abilitanti. Huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li l-operazzjonijiet magħżula għall-appoġġ jiġu implimentati b'mod konsistenti mal-istrateġiji u mad-dokumenti tal-ippjanar fis-seħħ sottostanti għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti, u b'hekk jiżguraw li l-operazzjonijiet kofinanzjati kollha jkunu konformi mal-qafas ta' politika tal-Unjoni.

(18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu qafas ta' prestazzjoni għal kull programm li jkopri l-indikaturi, l-istadji importanti u l-miri kollha biex jimmonitorjaw, jirrappurtaw u jevalwaw il-prestazzjoni tal-programmi.

(19) Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu rieżami ta' nofs it-terminu ta' kull programm appoġġat mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni. Jenħtieġ li r-rieżami jipprovdi aġġustament sħiħ tal-programmi bbażati fuq il-prestazzjoni tal-programmi, filwaqt li jagħti opportunità wkoll li jitqiesu sfidi ġodda CSRs rilevanti maħruġa fl-2024. B'mod parallel, jenħtieġ li fl-2024 il-Kummissjoni, flimkien mal-aġġustament tekniku għas-sena 2025, tirrieżamina l-allokazzjonijiet totali tal-Istati Membri kollha taħt l-investiment għall-mira tal-impjiegi u t-tkabbir tal-politika ta' koeżjoni għas-snin 2025, 2026 u 2027, u tapplika l-metodu tal-allokazzjoni stabbilit fl-att bażiku rilevanti. Jenħtieġ li dan ir-rieżami flimkien mal-eżitu tar-rieżmi ta' nofs it-terminu jirriżulta f'emendi tal-programmi li jimmodifikaw l-allokazzjonijiet finanzjarji għas-snin 2025, 2026 u 2027.

(20) Jenħtieġ li l-mekkaniżmi biex jiżguraw rabta bejn il-politiki ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jkomplu jiġu rfinuti, biex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel proposta lill-Kunsill biex tissospendi l-impenji kollha jew parti minnhom għal wieħed mill-programmi jew aktar tal-Istat Membru kkonċernat meta dak l-Istat Membru jonqos milli jieħu azzjoni effettiva fil-kuntest tal-proċess tal-governanza ekonomika. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi u fid-dawl tal-importanza li jiġu imposti l-effetti finanzjarji tal-miżuri, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu konferiti fuq il-Kunsill li jenħtieġ li jaġixxi fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li huma meħtieġa biex tiġi żgurata azzjoni effettiva fil-kuntest tal-proċess tal-governanza ekonomika, jenħtieġ li tintuża votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata inversa.

(21) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti komuni fir-rigward tal-kontenut tal-programmi filwaqt li titqies in-natura speċifika ta' kull Fond. Dawn ir-rekwiżiti jistgħu jiġu kkomplementati minn regoli speċifiċi għall-Fondi. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill[15] (ir-“Regolament ETC”) jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kontenut tal-programmi taħt il-mira tal-Kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg).

(22) Sabiex l-implimentazzjoni tal-programmi tkun flessibbli u jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li jiġu permessi trasferimenti finanzjarji limitati bejn prijoritajiet tal-istess programm mingħajr ma tkun meħtieġa deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-programm. Jenħtieġ li t-tabelli finanzjarji riveduti jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata informazzjoni aġġornata dwar allokazzjonijiet finanzjarji għal kull prijorità.

(23) Sabiex jissaħħaħ l-approċċ integrat għall-iżvilupp territorjali, jenħtieġ li l-investimenti fil-forma tal-għodod territorjali bħall-investimenti territorjali integrati (“ITI”), l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità (community-led local development, “CLLD”) jew kull għodda territorjali oħra taħt l-objettiv ta’ politika “Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha” li tappoġġa l-inizjattivi mfassla mill-Istat Membru għall-investimenti programmati għall-FEŻR ikunu bbażati fuq strateġiji ta’ żvilupp territorjali u lokali. Għall-finijiet tal-ITI u tal-għodod territorjali mfassla mill-Istati Membri, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-istrateġiji territorjali. Jenħtieġ li dawn l-istrateġiji territorjali jiġu żviluppati u approvati taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet jew il-korpi rilevanti. Sabiex jiġi żgurat l-involviment tal-awtoritajiet jew il-korpi rilevanti fl-istrateġiji territorjali ta’ implimentazzjoni, jenħtieġ li dawn l-awtoritajiet jew il-korpi jkunu responsabbli għall-għażla tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati, jew involuti f’dik l-għażla.

(24) Sabiex jiġi mobilizzat aħjar il-potenzjal fil-livell lokali, jeħtieġ li jissaħħaħ u jiġi ffaċilitat is-CLLD. Jenħtieġ li jqis il-ħtiġijiet lokali u l-potenzjal, kif ukoll karatteristiċi soċjokulturali rilevanti, u jenħtieġ li jipprevedi bidliet strutturali, jibni l-kapaċità tal-komunità u jistimola l-innovazzjoni. Jenħtieġ li jissaħħu l-kooperazzjoni mill-qrib u l-użu integrat tal-Fondi biex jitwasslu strateġiji għall-iżvilupp lokali. Jenħtieġ li, bħala prinċipju essenzjali, il-gruppi ta’ azzjoni lokali li jirrappreżentaw l-interessi tal-komunità jkunu responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tas-CLLD. Sabiex jiġi ffaċilitat appoġġ koordinat minn Fondi differenti għall-istrateġiji tas-CLLD u biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tagħhom, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat l-użu ta’ approċċ ta’ “Fond Prinċipali”.

(25) Sabiex jonqos il-piż amministrattiv, jenħtieġ li tiġi implimentata assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Istat Membru permezz ta’ rata fissa bbażata fuq il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi. Din l-assistenza teknika tista’ tkun ikkomplementata minn miżuri ta’ bini tal-kapaċità mmirati bl-użu ta’ metodi ta’ rimborż li mhumiex marbuta ma’ kostijiet. L-azzjonijiet u r-riżultati kif ukoll pagamenti korrispondenti tal-Unjoni jistgħu jiġu miftiehma fi pjan direzzjonali u jistgħu jwasslu għal pagamenti għal riżultati fil-post.

(26) Huwa opportun li wieħed jiċċara li, meta Stat Membru jipproponi lill-Kummissjoni li prijorità ta’ programm jew parti minnha tkun appoġġata permezz ta’ skema ta’ finanzjament mhux marbuta mal-kostijiet, jenħtieġ li l-azzjonijiet, ir-riżultati u l-kundizzjonijiet miftiehma jkunu relatati ma’ investimenti konkreti mwettqa taħt il-programmi ta’ ġestjoni kondiviża f’dak l-Istat Membru jew reġjun.

(27) Sabiex jeżamina l-prestazzjoni tal-programmi, jenħtieġ li l-Istat Membru jwaqqaf kumitati ta’ monitoraġġ. Għall-FEŻR, għall-FSE+ u għall-Fond ta’ Koeżjoni, jenħtieġ li r-rapporti annwali ta’ implimentazzjoni jiġu sostitwiti minn djalogu ta’ politika strutturat annwali bbażat fuq l-aħħar informazzjoni u data dwar l-implimentazzjoni tal-programmi li jkunu saru disponibbli mill-Istat Membru.

---

15 Ir-Regolament (UE) Nru […] dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-Kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-istrumenti ta’ finanzjament estern (OJ L […], […], p. […]).

(28) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim interistituzzjonali għal Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[16], jenħtieġ li l-Fondi jiġu evalwati fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati regolamentazzjonijiet żejda u piż amministrattiv, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Fondi fil-post.

(29) Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' informazzjoni aġġornata dwar l-implimentazzjoni tal-programmi, jenħtieġ li jintalab rappurtar elettroniku aktar frekwenti dwar id-data kwantitattiva.

(30) Sabiex tappoġġa t-tħejjija tal-programmi u l-attivitajiet relatati tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Fondi. Fi tmiem il-perjodu ta'programmazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjonijiet retrospettivi tal-Fondi, li jenħtieġ li jiffukaw fuq l-impatt tal-Fondi.

(31) Jenħtieġ li l-awtoritajiet, il-benefiċjarji u l-partijiet ikkonċernati tal-programmi fl-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar il-kisbiet tal-finanzjament tal-Unjoni u jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali skont dan. It-trasparenza, il-komunikazzjoni u l-attivitajiet ta' viżibbiltà huma essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni tkun viżibbli fil-post u jenħtieġ li tkun ibbażat fuq informazzjoni vera, preċiża u aġġornata. Sabiex dawn ir-rekwiżiti jkunu infurzabbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-programmi u l-Kummissjoni jkunu jistgħu japplikaw miżuri ta' rimedju f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

(32) Jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jippubblikaw informazzjoni strutturata dwar operazzjonijiet magħżula u benefiċjarji fuq is-sit web tal-programm li jappoġġa l-operazzjoni, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti għall-protezzjoni ta' data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679[17] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(33) Bil-ħsieb li jiġi simplifikat l-użu tal-Fondi u jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji, huwa xieraq li jiġu definiti kemm il-forom tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Istati Membri kif ukoll il-forom tal-appoġġ mogħti mill-Istati Membri lill-benefiċjarji.

(34) Rigward l-għotjiet mogħtija lill-benefiċjarji, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu dejjem aktar użu mill-għażliet tal-kostijiet issimplifikati. Jenħtieġ li l-livell limitu marbut mal-użu obbligatorju tal-għażliet tal-kostijiet issimplifikati jkun marbut mal-kostijiet totali tal-operazzjoni sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għall-operazzjonijiet kollha taħt il-livell limitu, kemm jekk l-appoġġ ikun pubbliku kif ukoll jekk privat.

(35) Sabiex ikun hemm implimentazzjoni immedjata tar-rati fissi, jenħtieġ li kull rata fissa stabbilita mill-Istati Membri fil-perjodu bejn l-2014 u l-2020 ibbażata fuq metodu ta' kalkolazzjoni ġust, ekwu u verifikabbli tkompli tiġi applikata għal operazzjonijiet simili appoġġati taħt dan ir-Regolament mingħajr ma tkun teħtieġ metodu ta' kalkolazzjoni ġdid.

(36) Sabiex jottimizzaw l-assorbiment ta' investimenti ambjentali kofinanzjati, jenħtieġ li s-sinerġiji jiġu żgurati bil-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika LIFE, b'mod partikolari permezz ta' proġetti integrati strateġiċi LIFE u proġetti ta' natura strateġika.

(37) Sabiex ikun hemm ċarezza ġuridika, huwa xieraq li jiġi speċifikat il-perjodu ta' eliġibbiltà għan-nefqa jew il-kostijiet marbuta mal-operazzjonijiet appoġġati mill-Fondi taħt dan ir-Regolament jew li jiġi ristrett l-appoġġ għal operazzjonijiet kompluti. Jenħtieġ li d-data li minnha n-nefqa ssir eliġibbli għal appoġġ mill-Fondi f'każ ta' adozzjoni ta' programmi ġodda jew ta' bidliet fil-programmi tiġi ċċarata wkoll, inkluża l-possibbiltà eċċezzjonali li l-perjodu

16 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 13.

17 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

ta' eliġibbiltà jiġi estiż għall-bidu ta' diżastru naturali f'każ li jkun hemm ħtieġa urġenti li r-riżorsi jiġu mobilizzati bħala reazzjoni għal dan id-diżastru.

(38) Sabiex ikunu żgurati l-effettività, il-ġustizzja u l-impatt sostenibbli tal-Fondi, jenħtieġ li jkun hemm dispożizzjonijiet li jiggarantixxu li l-investmenti fl-infrastruttura jew l-investiment produttiv idumu u jimpedixxu l-użu ta' dawn il-Fondi għal vantaġġ mhux dovut. Jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' ġestjoni joqogħdu attenti b'mod partikolari li ma jappoġġawx ir-rilokazzjoni meta jagħżlu l-operazzjonijiet u li jittrattaw is-somom imħallsa b'mod mhux dovut lil operazzjonijiet li ma jikkonformawx mar-rekwiżit tad-durabbiltà bħala irregolaritajiet.

(39) Bil-ħsieb li jittejbu l-komplementarjetajiet u tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi kkombinat l-appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR mal-appoġġ mill-FSE+ fi programmi konġunti taħt l-Investiment għall-mira tal-impjiegi u t-tkabbir.

(40) Sabiex jiġi ottimizzat il-valur miżjud mill-investimenti ffinanzjati kompletament jew parzjalment permezz tal-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li wieħed ifittex sinerġiji b'mod partikolari bejn il-Fondi u l-istrumenti ġestiti direttament inkluża l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi. Jenħtieġ li dawn is-sinerġiji jinkisbu permezz ta' mekkaniżmi ewlenin, jiġifieri r-rikonoxximent ta' rati fissi għal kostijiet eliġibbli mill-Orizzont Ewropa għal operazzjoni simili u l-possibbiltà li jiġi kkombinat finanzjament minn strumenti tal-Unjoni differenti fl-istess operazzjoni sakemm jiġi evitat finanzjament doppju. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għal finanzjament komplementari mill-Fondi.

(41) Jenħtieġ li l-istrumenti finanzjarji ma jintużawx biex jappoġġaw l-attivitajiet ta' rifinanzjament, bħal sostituzzjoni ta' ftehimiet ta' self eżistenti jew forom oħra ta' finanzjament għal investimenti li diġà ġew kompluti fiżikament jew implimentati bis-sħiħ fid-data tad-deċiżjoni tal-investiment, iżda minflok jappoġġaw kull tip ta' investiment ġdid f'konformità mal-objettivi ta' politika sottostanti.

(42) Jenħtieġ li d-deċiżjoni li jiġu ffinanzjati miżuri ta' appoġġ permezz ta' strumenti finanzjarji tiġi determinata fuq il-bażi ta' valutazzjoni *ex ante*. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-elementi obbligatorji minimi ta' valutazzjonijiet *ex ante* u jenħtieġ li jippermetti li Stat Membru jagħmel użu mill-valutazzjoni *ex ante* mwettqa għall-perjodu mill-2014 sal-2020, jiġi aġġornat fejn meħtieġ, sabiex jevita piż amministrattiv u dewmien fit-twaqqif ta' strumenti finanzjarji.

(43) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' ċerti tipi ta' strumenti finanzjarji meta jkun previst appoġġ ta' għoti anċillari, huwa possibbli li jiġu applikati r-regoli dwar l-istrumenti finanzjarji dwar din il-kombinazzjoni f'operazzjoni ta' strument finanzjarju waħda. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi li jipprevjenu finanzjament doppju.

(44) B'rispett sħiħ għall-għajnuna mill-Istat u r-regoli tal-akkwist pubbliku applikabbli u diġà ċċarati matul il-perjodu ta' programmazzjoni bejn l-2014 u l-2020, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jkollhom il-possibbiltà li jiddeċiedu dwar l-għażliet ta' implimentazzjoni l-aktar xierqa għall-istrumenti finanzjarji sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni mmirati.

(45) Skont il-prinċipju u r-regoli tal-ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tal-programmi u jassiguraw l-użu legali u regolari tal-Fondi. Billi jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ir-responsabbiltà primarja għal din il-ġestjoni u l-kontroll u jenħtieġ li jiġi żgurat li l-operazzjonijiet appoġġati mill-Fondi jikkonformaw mad-dritt applikabbli, jenħtieġ li jiġu spjegati l-obbligi tagħhom f'dak ir-rigward. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll is-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni f'dak il-kuntest.

(46) Sabiex jitħaffef il-bidu tal-implimentazzjoni tal-programmi, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat ir-riportament tal-arranġamenti ta' implimentazzjoni mill-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti. Jenħtieġ li jinżamm l-użu ta' sistema kompjuterizzata diġà stabbilita għall-perjodu

ta' programmazzjoni preċedenti, adatta skont kif meħtieġ, sakemm ma tkunx meħtieġa teknoloġija ġdida.

(47) Sabiex jiġu ssimplifikati l-funzjonijiet tal-ġestjoni tal-programmi, jenħtieġ li tinżamm l-integrazzjoni ta' funzjonijiet ta' kontabbiltà ma' dawk tal-awtorità ta' ġestjoni għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI u jenħtieġ li din tkun għażla għall-Fondi l-oħra.

(48) Billi l-awtorità ta' ġestjoni għandha r-responsabbiltà ewlenija għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Fondi u għaldaqstant tissodisfa għadd sostanzjali ta' funzjonijiet, jenħtieġ li l-funzjonijiet tagħha fir-rigward tal-għażla tal-proġetti, tal-ġestjoni tal-programmi u tal-appoġġ għall-kumitat ta' monitoraġġ jiġu stabbiliti fid-dettall. Jenħtieġ li l-operazzjonijiet magħżula jkunu konformi mal-prinċipji orizzontali.

(49) Sabiex jiġu ottimizzati s-sinerġiji bejn il-Fondi u l-istrumenti ġestiti direttament, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata d-dispożizzjoni tal-appoġġ għal operazzjonijiet li diġà rċevew ċertifikazzjoni ta' Siġill ta' Eċċellenza.

(50) Biex jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn l-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Fondi u l-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi relatati, jenħtieġ li l-frekwenza, l-ambitu u l-kopertura tal-verifiki ta' ġestjoni jkunu bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju li tqis fatturi bħat-tip ta' operazzjonijiet implimentati, il-benefiċjarji kif ukoll il-livell ta' riskju identifikat mill-verifiki ta' ġestjoni u l-awditi preċedenti.

(51) Jenħtieġ li l-awtorità tal-awditjar twettaq awditi u tiżgura li l-opinjoni tal-awditjar mogħtija lill-Kummissjoni tkun affidabbli. Jenħtieġ li l-opinjoni tal-awditjar tassigura lill-Kummissjoni fuq tliet punti, jiġifieri l-legalità u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata, il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll u l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet.

(52) Jenħtieġ li jkun possibbli tnaqqis ta' rekwiżiti ta' verifiki u awditi meta jiġi assigurat li l-programm ikun iffunzjona b'mod effettiv għall-aħħar sentejn konsekuttivi billi dan juri li l-Fondi qed jiġu implimentati b'mod effettiv u effiċjenti fuq perjodu mtawwal ta' żmien.

(53) Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-kostijiet amministrattivi, jenħtieġ li l-applikazzjoni konkreta tal-prinċipju tal-awditu uniku tiġi speċifikata għall-Fondi.

(54) Sabiex tittejjeb il-ġestjoni finanzjarja, jenħtieġ li tiġi prevista skema ta' prefinanzjament simplifikata. Jenħtieġ li l-iskema ta' prefinanzjament tiżgura li Stat Membru jkollu l-mezzi biex jappoġġa lill-benefiċjarji mill-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.

(55) Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni, jenħtieġ li tiġi stabbilita skeda obbligatorja ta' talbiet għall-ħlas kull tliet xhur. Jenħtieġ li l-pagamenti tal-Kummissjoni jkomplu jkunu soġġetti għal żamma ta' 10 % sakemm jitħallas il-bilanċ annwali tal-kontijiet meta l-Kummissjoni tkun tista' tikkonkludi li l-kontijiet huma kompluti, preċiżi u veri.

(56) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-proċedura għall-aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet tiġi simplifikata billi jingħataw modalitajiet aktar sempliċi għal pagamenti u rkupri meta ma jkun hemm l-ebda nuqqas ta' qbil bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru.

(57) Sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji u l-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li l-miżuri proporzjonati jiġu stabbiliti u implimentati fil-livell tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinterrompi l-iskadenzi tal-pagamenti, tissospendi l-pagamenti interim u tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rispettivi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità billi tqis in-natura, is-serjetà u l-frekwenza tal-irregolaritajiet u l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom għall-baġit tal-Unjoni.

(58) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevjenu, jikxfu u jindirizzaw ukoll b'mod effettiv kull irregolarità inkluż frodi mill-benefiċjarji. Barra minn hekk, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013[18], u r-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2988/95[19] u Nru 2185/96[20], l-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi verifiki u spezzjonijiet fil-post, bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939[21], l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371[22] dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-miżuri meħtieġa biex kull persuna jew entità li tirċievi fondi mill-Unjoni tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF), lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u lill-Qorti Ewropea Ewropea tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kull terza persuna involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tingħata drittijiet ekwivalenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar irregolaritajiet mikxufa inkluż frodi, u s-segwitu tagħhom kif ukoll is-segwitu tal-investigazzjonijiet tal-OLAF.

(59) Sabiex titħeġġeġ id-dixxiplina finanzjarja, huwa xieraq li jiġu definiti l-arranġamenti għal diżimpenn ta' impenji baġitarji fil-livell tal-programmi.

(60) Sabiex jiġu promossi l-objettivi tat-TFUE relatati mal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, jenħtieġ li l-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir tappoġġa r-reġjuni kollha. Sabiex jiġi pprovdut appoġġ bilanċjat u gradwali u li jirrifletti l-livell tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali, jenħtieġ li r-riżorsi taħt dik il-mira jiġu allokati mill-FEŻR u mill-FSE+ fuq il-bażi ta' kjavi ta' kontribuzzjoni li hija bbażata b'mod predominanti fuq il-PDG *per capita*. Jenħtieġ li l-Istati Membri li l-introjtu nazzjonali gross (ING) per capita tagħhom ikun inqas minn 90 % ta' dak tal-medja tal-Unjoni jibbenefikaw taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir mill-Fond ta' Koeżjoni.

(61) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi sabiex jintgħażlu reġjuni u żoni eliġibbli għal appoġġ mill-Fondi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-identifikazzjoni tar-reġjuni u ż-żoni fil-livell tal-Unjoni tkun ibbażata fuq is-sistema komuni ta' klassifikazzjoni tar-reġjuni stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 868/2014[24].

---

[18] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[19] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

[20] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fil-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.)

[21] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

[22] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

[23] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

[24] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 868/2014 tat-8 ta' Awwissu 2014 li jemenda l-annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 241, 13.8.2014, p. 1).

(62) Sabiex tistabilixxi qafas finanzjarju xieraq għall-FEŻR, għall-FSE+ u għall-Fond ta' Koeżjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi tqassim annwali ta' allokazzjonijiet disponibbli għal kull Stat Membru taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir flimkien mal-lista ta' reġjuni eliġibbli, kif ukoll l-allokazzjonijiet għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg). Filwaqt li tqis li jenħtieġ li l-allokazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri jiġu stabbiliti fuq il-bażi tad-data statistika u l-previżjonijiet disponibbli fl-2018 u minħabba l-inċertezzi tal-previżjonijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina l-allokazzjonijiet totali tal-Istati Membri kollha fl-2024 fuq il-bażi tal-aktar statistiki riċenti disponibbli dak il-ħin u, meta jkun hemm diverġenza kumulattiva ta' aktar minn +/- 5 %, jenħtieġ li taġġusta dawk l-allokazzjonijiet għas-snin 2025 sal-2027 sabiex l-eżiti tar-rieżami ta' nofs it-terminu u tal-eżerċizzju ta' aġġustament tekniku jiġu riflessi fl-emendi tal-programmi fl-istess ħin.

(63) Il-proġetti tat-trapsort trans-Ewropej skont ir-Regolament (UE) Nru [Regolament ġdid tal-FNE][25] se jkomplu jiġu ffinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni permezz ta' ġestjoni kondiviża kif ukoll mezz ta' implimentazzjoni diretta taħt il-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa ("FNE"). B'segiwtu għall-approċċ b'suċċess tal-perjodu ta' programmazzjoni mill-2014 sal-2020, jenħtieġ li jiġu trasferiti EUR 10 000 000 000 tal-Fond ta' Koeżjoni lill-FNE għal dan il-għan.

(64) Jenħtieġ li ċertu ammont tar-riżorsi mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni jiġu allokati mill-Inizjattiva Urbana Ewropea li jenħtieġ li tiġi implimentata permezz ta' ġestjoni diretta jew indiretta mill-Kummissjoni.

(65) Bil-ħsieb li tiġi żgurata allokazzjoni xierqa għall-kategoriji tar-reġjuni, bħala prinċipju, jenħtieġ li l-allokazzjonijiet totali lill-Istati Membri fir-rigward ta' reġjuni inqas żviluppati, dawk fi tranżizzjoni u dawk aktar żviluppati ma jkunux trasferibbli minn kategorija għal oħra. Madankollu, sabiex jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-Istati Membri biex jindirizzaw sfidi speċifiċi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu kapaċi jitolbu trasferiment mill-allokazzjonijiet tagħhom għal reġjuni aktar żviluppati jew għal reġjuni fi tranżizzjoni lejn reġjuni inqas żviluppati u jenħtieġ li jiġġustiifkaw din l-għażla. Sabiex jiżguraw biżżejjed riżorsi finanzjarji għar-reġjuni inqas żviluppati, jenħtieġ li jiġi stabbilit livell limitu għat-trasferimenti lejn reġjuni aktar żviluppati jew reġjuni fi tranżizzjoni. Jenħtieġ li t-trasferibbiltà tar-riżorsi minn mira għal oħra ma tkunx possibbli.

(66) Fil-kuntest taċ-ċirkustanzi uniċi u speċifiċi fil-gżira tal-Irlanda, u bil-ħsieb li tiġi appoġġata l-kooperazzjoni bejn it-Tramunta u n-Nofsinhar skont il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira, jenħtieġ li programm transfruntier ġdid "PEACEPLUS" ikompli jibni fuq il-ħidma ta' programmi preċedenti, Peace u INTERREG, bejn il-kontej transfruntiera tal-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq. Meta wieħed iqis l-importanza prattika tiegħu, jenħtieġ li dan il-programm jiġi appoġġat b'allokazzjoni speċifika biex ikompli jappoġġa azzjonijiet għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni, u jenħtieġ li jiġi allokat ukoll sehem xieraq mill-allokazzjoni Irlandiża taħt il-mira tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) għall-programm.

(67) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rati massimi ta' kofinanzjament fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni skont il-kategorija tar-reġjun sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju ta' kofinanzjament jiġi rispettat permezz ta' livell xieraq ta' appoġġ nazzjonali pubbliku jew privat. Jenħtieġ li dawn ir-rati jirriflettu l-livell tal-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni f'termini ta' PDG *per capita* fir-rigward tal-medja tal-EU-27.

(68) Sabiex tissupplimenta u temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi tal-elementi inklużi f'ċerti Annessi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri għad-dimensjonijiet u għall-kodiċijiet għat-tipi ta' intervent, il-mudelli għall-ftehimiet ta' sħubija u l-

[25] Ir-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' […] dwar [FNE] (ĠU L […], […], p. […])]

programmi, il-mudelli għat-trażmissjoni tad-data, l-użu tal-emblema tal-Unjoni, l-elementi għall-ftehimiet ta' finanzjament u d-dokumenti ta' strateġija, ir-rendikont tal-entrati, is-sistemi ta' skambju elettroniku ta' data, il-mudelli għad-deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll, għad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, għall-opinjoni tal-awditjar, għar-rapport annwali ta' kontroll, għall-istrateġija tal-awditjar, għall-talbiet għall-ħlas, għall-kontijiet kif ukoll għad-determinazzjoni tal-livell tal-korrezzjonijiet finanzjarji.

(69) Barra minn hekk, jenħtieġ li s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-kriterji biex jiġu determinati l-każijiet ta' irregolaritajiet li għandhom jiġu rrapportati, id-definizzjoni tal-kostijiet unitari, is-somom f'daqqa, ir-rati fissi u l-finanzjament mhux marbut ma' kostijiet applikabbli għall-Istati Membri kif ukoll l-istabbiliment standardizzat tal-metodoloġiji ta' kampjunar prekostitwiti.

(70) Huwa ta' importanza partikolari li, waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa anki fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jsiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(71) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija, l-adozzjoni jew l-emendi tal-programmi kif ukoll l-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni. Is-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-format li jrid jintuża għar-rappurtar dwar l-irregolaritajiet, id-data elettronika li trid tiġi rreġistrata u maħżuna u għall-mudell għar-rapport finali dwar il-prestazzjoni jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]. Minkejja li dawn l-atti huma ta' natura ġenerali, jenħtieġ li tintuża l-proċedura konsultattiva peress li dawn jistabbilixxu biss l-aspetti tekniċi, il-forom u l-mudelli. Is-setgħat ta' implimentazzjoni f'rabta mal-istabbiliment tat-tqassim tal-allokazzjonijiet finanzjarji għall-FEŻR, FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni jenħtieġ li jiġu adottati mingħajr il-proċeduri ta' komitoloġija peress li dawn jirriflettu sempliċiment l-applikazzjoni ta' metodoloġija għall-ikkalkular definita minn qabel.

(72) Billi r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] jew kull att applikabbli għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 jenħtieġ li jibqa' japplika għall-programmi u għall-operazzjonijiet appoġġati mill-Fondi koperti skont il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Billi l-perjodu ta' implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa mistenni li jwassal sal-perjodu ta' programmazzjoni kopert minn dan ir-Regolament u sabiex tkun żgurata l-kontinwità tal-implimentazzjoni ta' ċerti operazzjonijiet approvati minn dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għat-tqassim f'fażijiet differenti. Kull fażi individwali tal-operazzjoni mqassma f'fażijiet differenti, li taqdi l-

---

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[27] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

istess objettiv kumplessiv, jenħtieġ li tiġi implimentata f'konformità mar-regoli tal-perjodu ta' programmazzjoni rilevanti li skontu tirċievi l-finanzjament.

(73) L-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li jiġu stabbiliti regoli finanzjarji komuni għall-parti mill-baġit tal-Unjoni implimentati skont il-ġestjoni kondiviża, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għar-raġuni ta', min-naħa waħda, livell ta' disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma inqas favoriti, kif ukoll il-limitazzjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri u tar-reġjuni, u min-naħa l-oħra, ħtieġa għal qafas koerenti ta' implimentazzjoni li jkopri diversi fondi tal-Unjoni skont il-ġestjoni kondiviża. Billi dawn l-objettivi jistgħu għalhekk jinkisbu minflok b'mod aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettiv.

(74) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# TITOLU I
# OBJETTIVI U REGOLI ĠENERALI DWAR L-APPOĠĠ

## KAPITOLU I
## Suġġett u definizzjonijiet

### *Artikolu 1*
### ***Suġġett u kamp ta' applikazzjoni***

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

   (a) regoli finanzjarji għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR"), għall-Fond Soċjali Ewropew Plus ("FSE+"), għall-Fond ta' Koeżjoni, għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ("FEMS"), għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni ("AMIF"), għall-Fond għas-Sigurtà Interna ("ISF") u għall-Istrument ta' Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi ("BMVI") ("il-Fondi");

   (b) dispożizzjonijiet komuni għall-FEŻR, għall-FSE+, għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-FEMS.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-fergħat dwar l-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u dwar is-Saħħa tal-FSE+ u għall-komponenti ta' ġestjoni diretta u indiretta tal-FEMS, tal-AMIF, tal-ISF u tal-BMVI, għajr għall-assistenza teknika bl-inizjattiva tal-Kummissjoni.

3. L-Artikoli 4 u 10, il-Kapitolu III tat-Titlu II, il-Kapitolu II tat-Titlu III, u t-Titlu VIII ma għandhomx japplikaw għall-AMIF, għall-ISF u għall-BMVI.

4. It-Titolu VIII ma għandux japplika għall-FEMS.

5. L-Artikolu 11 tal-Kapitolu II u l-Artikolu 15 tal-Kapitolu III tat-Titolu II, il-Kapitolu I tat-Titolu III, l-Artikoli minn 33 sa 36 u l-Artikolu 38 minn (1) sa (4) tal-Kapitolu I, l-Artikolu 39 tal-Kapitolu II, l-Artikolu 45 tal-Kapitolu III tat-Titolu IV, l-Artikoli 67, 71, 73 u 74 tal-Kapitolu II u l-Kapitolu III tat-Titolu VI ma għandhomx japplikaw għall-programmi Interreg.

6. Ir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi elenkati aktar 'l isfel jistgħu jistabbilixxu regoli kumplimentarji għal dan ir-Regolament li ma għandhomx ikunu f'kontradizzjoni ma' dan ir-

Regolament. F'każ ta' dubju dwar l-applikazzjoni bejn dan ir-Regolament u r-Regolament speċifiċi għall-Fondi, dan ir-Regolament għandu jkollu prevalenza:

(a) ir-Regolament (UE) […] ("ir-Regolament FEŻR u FK")[28] ;

(b) ir-Regolament (UE) […] ("ir-Regolament FSE+")[29] ;

(c) ir-Regolament (UE) […] ("ir-Regolament KTE")[30] ;

(d) ir-Regolament (UE) […] ("ir-Regolament FEMS")[31] ;

(e) ir-Regolament (UE) […] ("ir-Regolament AMIF")[32] ;

(f) ir-Regolament (UE) […] ("ir-Regolament ISF")[33] ;

(g) ir-Regolament (UE) […] ("ir-Regolament BMVI")[34] ;

*Artikolu 2*

***Definizzjonijiet***

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż" tfisser rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill adottati f'konformità mal-Artikolu 121(2) u mal-Artikolu 148(4) TFUE relatati ma' sfidi strutturali li jixraq li jiġu indirizzati permezz ta' investimenti pluriennali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Fondi kif stabbilit fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, u rakkomandazzjonijiet rilevanti adottati f'konformità mal-Artikolu [XX] tar-Regolament (UE) [*in-numru tar-Regolament il-ġdid dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija*] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(2) "liġi applikabbli" tfisser liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali relatata mal-applikazzjoni tagħha;

(3) "operazzjoni" tfisser:

(a) proġett, kuntratt, azzjoni jew grupp ta' proġetti magħżula fl-ambitu tal-programmi kkonċernati;

(b) fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji, kontribuzzjoni tal-programm għal strument finanzjarju u l-appoġġ finanzjarju sussegwenti pprovdut lir-riċevituri finali minn dak l-istrument finanzjarju;

(4) "operazzjoni ta' importanza strateġika" tfisser operazzjoni li tagħti kontribuzzjoni ewlenija għall-kisba tal-objettivi ta' programm u li huma soġġetti għal miżuri partikolari ta' monitoraġġ u ta' komunikazzjoni;

(5) "prijorità" fil-kuntest tal-AMIF, tal-ISF u tal-BMVI, tfisser objettiv speċifiku; fil-kuntest tal-FEMS tfisser "tip ta' oqsma ta' appoġġ" kif imsemmi fin-nomenklatura stipulata fl-Anness III tar-Regolament FEMS;

(6) "objettiv speċifiku" fil-kuntest tal-FEMS, għandha tinftiehem bħala "oqsma ta' appoġġ" kif imsemmija fl-Anness III tar-Regolament FEMS;

---

28 ĠU L , , p. .
29 ĠU L , , p. .
30 ĠU L , , p. .
31 ĠU L , , p. .
32 ĠU L , , p. .
33 ĠU L , , p. .
34 ĠU L , , p. .

(7) “korp intermedjarju” tfisser kwalunkwe korp irregolat bil-liġi pubblika jew privata li jaġixxi taħt ir-responsabbiltà ta’ awtorità ta’ ġestjoni, jew li jwettaq doveri jew kompiti għan-nom ta’ awtorità bħal din;

(8) “benefiċjarju” tfisser:

(a) korp irregolat bil-liġi pubblika jew privata, entità b’personalità ġuridika jew mingħajrha jew persuna fiżika, responsabbli għall-bidu jew għall-bidu kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet;

(b) fil-kuntest ta’ sħubijiet pubbliċi-privati (“PPP”), il-korp irregolat bil-liġi pubblika li jagħti bidu għal operazzjoni ta’ PPP jew l-imsieħeb privat magħżul għall-implimentazzjoni tagħha;

(c) fil-kuntest ta’ skemi ta’ għajnuna mill-Istat, l-impriża li tirċievi l-għajnuna;

(d) fil-kuntest ta’ strumenti finanzjarji, il-korp li jimplimenta l-fond ta’ parteċipazzjoni jew, meta ma jkun hemm l-ebda struttura ta’ fond ta’ parteċipazzjoni, il-korp li jimplimenta l-fond speċifiku jew, meta l-awtorità ta’ ġestjoni tkun tamministra l-istrument finanzjarju, l-awtorità ta’ ġestjoni;

(9) “fond għal proġetti żgħar” tfisser operazzjoni fi programm Interreg li jkun immirat għall-għażla u l-implimentazzjoni ta’ proġetti ta’ volum finanzjarju limitat;

(10) “mira” tfisser valur miftiehem minn qabel li jrid jinkiseb fi tmiem il-perjodu ta’ programmazzjoni f’rabta ma’ indikatur inkluż taħt objettiv speċifiku;

(11) “stadji importanti” tfisser valur intermedju li jrid jinkiseb f’waqt speċifiku matul il-perjodu ta’ programmazzjoni f’rabta ma’ indikatur inkluż taħt objettiv speċifiku;

(12) “indikatur tal-output” tfisser indikatur biex ikejjel ir-riżultati tanġibbli speċifiċi tal-intervent;

(13) “indikatur tar-riżultati” tfisser indikatur biex ikejjel l-effetti fuq terminu qasir tal-interventi appoġġati, b’referenza partikolari għad-destinatarji diretti, għall-popolazzjoni fil-mira jew għall-utenti tal-infrastruttura;

(14) “operazzjoni ta’ PPP” tfisser operazzjoni implimentata fl-ambitu ta’ sħubija bejn korpi pubbliċi u s-settur privat f’konformità ma’ ftehim ta’ PPP, u li għandha l-għan li tipprovdi servizzi pubbliċi permezz tal-kondiviżjoni tar-riskji, il-ġbir flimkien ta’ għarfien espert tas-settur privat jew is-sorsi addizzjonali ta’ kapital;

(15) “strument finanzjarju” tfisser struttura li permezz tiegħu jiġu pprovduti l-prodotti finanzjarji;

(16) “prodott finanzjarju” tfisser investimenti ta’ ekwità jew kważi ekwità, self u garanziji kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE, Euratom) [...] (“ir-Regolament Finanzjarju”);

(17) “riċevitur finali” tfisser persuna ġuridika jew fiżika li tirċievi appoġġ mill-Fondi permezz ta’ benefiċjarju ta’ fond għall-proġetti żgħar jew minn strument finanzjarju;

(18) “kontribuzzjoni tal-programm” tfisser l-appoġġ mill-Fondi u mill-kofinanzjament nazzjonali pubbliku u privat, jekk ikun hemm, għal strument finanzjarju;

(19) “korp li jimplimenta strument finanzjarju” tfisser korp, irregolat bil-liġi pubblika jew privata, li jwettaq kompiti ta’ fond ta’ parteċipazzjoni jew ta’ fond speċifiku;

(20) “fond ta’ parteċipazzjoni” tfisser fond stabbilit minn awtorità ta’ ġestjoni fl-ambitu ta’ programm wieħed jew aktar, biex jimplimenta strumenti finanzjarji permezz ta’ fond speċifiku wieħed jew aktar;

(21) “fond speċifiku” tfisser fond, stabbilit minn awtorità ta’ ġestjoni jew fond ta’ parteċipazzjoni, biex jipprovdi prodotti finanzjarji lir-riċevituri finali;

(22) “effett ta’ ingranaġġ” tfisser l-ammont ta’ finanzjament rimborżabbli pprovdut lir-riċevituri finali diviż bl-ammont tal-kontribuzzjoni mill-Fondi;

(23) “proporzjon multiplikatur” fil-kuntest ta’ strumenti garantiti, tfisser proporzjon bejn il-valur tas-self, l-ekwità jew l-investimenti kważi ekwità il-ġodda żborżati sottostanti, u l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-programm imwarrab kif miftiehem fil-kuntratti ta’ garanzija biex ikopri t-telf mistenni u mhux mistenni minn dawk is-self, l-ekwità jew l-investimenti kważi ekwità l-ġodda;

(24) “kostijiet ta’ ġestjoni” tfisser kostijiet diretti jew indiretti rimborżati bil-kundizzjoni li tingħata prova tan-nefqa mġarrba fl-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji;

(25) “tariffi ta’ ġestjoni” tfisser prezz għas-servizzi pprovduti, kif iddeterminati fil-ftehim dwar il-finanzjament bejn l-awtorità ta’ ġestjoni u l-korp li jimplimenta fond ta’ parteċipazzjoni jew fond speċifiku; u, meta applikabbli, bejn il-korp li jimplimenta l-fond ta’ parteċipazzjoni u l-korp li jimplimenta fond speċifiku;

(26) “rilokazzjoni” tfisser trasferiment tal-istess attività jew attività simili jew parti minnha fis-sens tal-Artikolu 2(61a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014[35] li jiddikjara li ċerti kategoriji ta’ għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE;

(27) “kontribuzzjoni pubblika” tfisser kwalunkwe kontribuzzjoni għall-finanzjament ta’ operazzjonijiet li l-oriġini tagħhom hija l-baġit ta’ awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali jew lokali jew ta’ kwalunkwe Raggruppament Ewropew ta’ Kooperazzjoni Territorjali (REKT) stabbilit f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [36], il-baġit tal-Unjoni mqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Fondi, il-baġit tal-korpi rregolati bil-liġi pubblika jew il-baġit ta’ assoċjazzjonijiet ta’ awtoritajiet pubbliċi jew korpi rregolati bil-liġi pubblika u, għall-fini li tiġi ddeterminata r-rata ta’ kofinanzjament għall-programmi jew prijoritajiet FSE+, tista’ tinkludi kwalunkwe riżorsa finanzjarja kontribwita b’mod kollettiv mill-impjegaturi u mill-ħaddiema;

(28) “sena tal-kontabbiltà” tfisser il-perjodu mill-1 ta’ Lulju sat-30 ta’ Ġunju tas-sena ta’ wara, ħlief għall-ewwel sena tal-kontabbiltà tal-perjodu ta’ programmazzjoni, li fir-rigward tagħha tfisser il-perjodu mid-data tal-bidu għall-eliġibbiltà tan-nefqa sat-30 ta’ Ġunju 2022; għas-sena tal-kontabbiltà finali, tfisser il-perjodu mill-1 ta’ Lulju 2029 sat-30 ta’ Ġunju 2030;

(29) “irregolarità” tfisser kwalunkwe ksur tal-liġi applikabbli, li jirriżulta minn att jew omissjoni minn operatur ekonomiku involut fl-implimentazzjoni tal-Fondi, li jkollu, jew jista’ jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jitlob li titħallas nefqa mhux ġustifikata minn dak il-baġit;

(30) “nuqqas serju” tfisser nuqqas fil-funzjonament effettiv tas-sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll ta’ programm li għalih huwa meħtieġ titjib sinifikanti fis-sistemi ta’ ġestjoni u ta’ kontroll u meta kwalunkwe rekwiżit mir-rekwiżiti ewlenija 2, 4, 5, 9, 12, 13 u 15 imsemmija fl-Anness X, jew tnejn jew aktar mir-rekwiżiti ewlenija l-oħra jiġu/i vvalutat/i li jidħlu fil-kategoriji 3 u 4 ta’ dak l-Anness;

(31) “rata ta’ żbalji totali” tfisser is-somma tal-iżbalji aleatorji pproġettati u, jekk applikabbli, l-iżbalji sistemiċi u l-iżbalji anomali mhux ikkoreġuti, diviża bil-popolazzjoni;

---

[35] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta’ Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta’ għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

[36] Ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Lulju 2006 dwar raggruppament Ewropew ta’ kooperazzjoni territorjali (REKT) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19).

(32) “rata ta’ żbalji residwi” tfisser ir-rata ta’ żbalji totali mingħajr il-korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-Istat Membru li jkun beħsiebu jnaqqas ir-riskji identifikati mill-awtorità tal-awditjar fl-awditi tal-operazzjonijiet tiegħu;

(33) “operazzjoni kompluta” tfisser operazzjoni li tlestiet fiżikament jew ġiet implimentata għalkollox u li fir-rigward tagħha saru l-pagamenti relatati kollha mill-benefiċjarji u l-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti tħallset lill-benefiċjarji;

(34) “unità tal-kampjunar” tfisser waħda mill-unitajiet, li tista’ tkun operazzjoni, proġett fl-ambitu ta’ operazzjoni jew talba għall-pagament minn benefiċjarju, li fihom titqassam popolazzjoni għall-fini ta’ kampjunar;

(35) “kont miżmum minn terzi” tfisser, fil-każ ta’ operazzjoni ta’ PPP, kont bankarju kopert minn ftehim bil-miktub bejn il-korp pubbliku benefiċjarju u l-imsieħeb privat approvat mill-awtorità ta’ ġestjoni jew korp intermedjarju użat għall-pagamenti matul u / jew wara l-perjodu ta’ eliġibbiltà;

(36) “parteċipant” tfisser persuna fiżika li tibbenefika minn operazzjoni iżda li ma tirċevix appoġġ finanzjarju mill-Fondi;

(37) “reżiljenza għat-tibdil fil-klima” tfisser proċess biex ikun żgurat li l-infrastruttura hija reżiljenti għall-impatti negattivi tal-klima f’konformità mal-gwida u mar-regoli nazzjonali, meta disponibbli, jew ma’ standards rikonoxxuti internazzjonalment.

*Artikolu 3*

***Il-kalkolu tal-limiti taż-żmien għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni***

Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi limitu taż-żmien għal azzjoni, dak il-limitu taż-żmien għandu jibda meta l-Istat Membru jkun ippreżenta l-informazzjoni kollha f’konformità mar-rekwiżiti stipulati f’dan ir-Regolament jew f’Regolament speċifiċi għall-Fondi.

Dak il-limitu taż-żmien għandu jkun sospiż mill-għada tad-data li fiha l-Kummissjoni tibgħat il-kummenti tagħha jew talba lill-Istat Membru għal dokumenti riveduti u sakemm l-Istat Membru jwieġeb lill-Kummissjoni.

# KAPITOLU II
# Objettivi ta’ politika u prinċipji għall-appoġġ tal-Fondi

*Artikolu 4*

***Objettivi ta’ politika***

1. Il-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta’ Koeżjoni u l-FEMS għandhom jappoġġaw l-objettivi ta’ politika li ġejjin:

   (a) Ewropa aktar intelliġenti bis-saħħa tal-promozzjoni ta’ trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti;

   (b) Ewropa aktar ħadra, b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju bis-saħħa tal-promozzjoni ta’ tranżizzjoni enerġetika nadifa u ġusta, investiment aħdar u blu, ekonomija ċirkolari, adattament klimatiku u prevenzjoni u ġestjoni tar-riskji;

   (c) Ewropa aktar konnessa billi tittejjeb il-mobbiltà u l-konnettività reġjonali tal-ICT;

   (d) Ewropa aktar soċjali li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

(e) Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini bis-saħħa tat-trawwim ta' żvilupp sostenibbli u integrat taż-żoni urbani, rurali u kostali u inizjattivi lokali.

2. Il-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni għandhom jikkontribwixxu għall-azzjonijiet tal-Unjoni u jwasslu għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha f'konformità mal-Artikolu 174 TFUE billi jkollhom l-għanijiet li ġejjin:

(a) Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi fl-Istati Membri u r-reġjuni, li jridu jiġu appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni; u

(b) kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), li trid tiġi appoġġata mill-FEŻR.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-appoġġ għall-objettivi ambjentali u klimatiċi bl-użu ta' metodoloġija bbażata fuq it-tipi ta' intervent għal kull wieħed mill-Fondi. Din il-metodoloġija għandha tikkonsisti mill-assenjar ta' ponderazzjoni speċifika għall-appoġġ ipprovdut f'livell li jirrifletti sa liema punt tali appoġġ jagħti kontribut għall-objettivi ambjentali u għall-objettivi klimatiċi. Fil-każ tal-FEŻR, tal-FSE+ u tal-Fond ta' Koeżjoni, għandhom ikunu attribwiti ponderazzjonijiet għad-dimensjonijiet u għall-kodiċijiet għat-tipi ta' interventi stabbiliti fl-Anness I.

4 L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni, il-komplementarità u l-koerenza bejn il-Fondi u strumenti oħra tal-Unjoni bħall-Programm ta' Appoġġ għar-Riforma, inklużi l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi u l-Istrument għall-Appoġġ Tekniku. Dawn għandhom jottimizzaw il-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni bejn dawk responsabbli biex tiġi evitata d-duplikazzjoni matul l-ippjanar u l-implimentazzjoni.

### *Artikolu 5*
### ***Ġestjoni kondiviża***

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jimplimentaw il-baġit tal-Unjoni allokat għall-Fondi taħt ġestjoni kondiviża f'konformità mal-Artikolu [63] tar-Regolament (UE, Euratom) [in-numru tar-regolament finanzjarju l-ġdid] (ir-"Regolament Finanzjarju").

2. Madankollu, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-ammont ta' appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni trasferit għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ("FNE"), l-Inizjattiva Urbana Ewropea, l-Investimenti Innovattivi Interreġjonali, l-ammont ta' appoġġ trasferit mill-FSE+ għall-kooperazzjoni transnazzjonali, l-ammonti mogħtija f'kontribuzzjonijiet lill-InvestEU[37] u l-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni skont ġestjoni diretta jew indiretta f'konformità ma' [il-punti (a) u (c) tal-Artikolu 62(1)] tar-Regolament Finanzjarju.

3. Il-Kummissjoni tista' timplimenta l-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi skont l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) skont il-ġestjoni indiretta.

### *Artikolu 6*
### ***Is-sħubija u l-governanza f'diversi livelli***

1. Kull Stat Membru għandu jorganizza sħubija mal-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti. Dik is-sħubija għandha tinkludi minn tal-anqas lill-imsieħba li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra;

(b) l-imsieħba ekonomiċi u soċjali;

(c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, l-imsieħba ambjentali, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, tad-drittijiet fundamentali, tad-

---

37 [Ir-Regolament (UE) Nru […] dwar […] (ĠU L […], […], p. […])].

drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tan-nondiskriminazzjoni.

2. F'konformità mal-approċċ tal-governanza f'diversi livelli, l-Istat Membru għandu jinvolvi lil dawk l-imsieħba fit-tħejjija tal-Ftehimiet ta' Sħubija u tul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programmi, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni fil-kumitati ta' monitoraġġ f'konformità mal-Artikolu 34.

3. L-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tas-sħubija għandha ssir f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014[38].

4. Minn tal-anqas darba f'sena, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-imsieħba fil-livell tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programmi.

# TITOLU II
# APPROĊĊ STRATEĠIKU

## KAPITOLU I
## Il-Ftehim ta' Sħubija

*Artikolu 7*

***Tħejjija u preżentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija***

1. Kull Stat Membru għandu jħejji Ftehim ta' Sħubija li jistabbilixxi arranġamenti għall-użu tal-Fondi b'mod effettiv u effiċjenti għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

2. L-Istat Membru għandu jippreżenta l-Ftehim ta' Sħubija lill-Kummissjoni qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel programm jew fl-istess waqt.

3. Il-Ftehim ta' Sħubija jista' jkun ippreżentat flimkien mal-Programm Nazzjonali ta' Riforma annwali rilevanti.

4. L-Istat Membru għandu jfassal il-Ftehim ta' Sħubija f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness II. Jista' jinkludi l-Ftehim ta' Sħubija f'wieħed mill-programmi tiegħu.

5. Il-programmi Interreg jistgħu jkunu ppreżentati lill-Kummissjoni qabel il-preżentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija.

*Artikolu 8*

***Kontenut tal-Ftehim ta' Sħubija***

Il-Ftehim ta' Sħubija għandu jkun fih l-elementi li ġejjin:

(a) l-objettivi ta' politika magħżula li jindikaw liema huma l-Fondi u l-programmi li bihom se jinkisbu u ġustifikazzjoni għalihom, u meta rilevanti, ġustifikazzjoni għall-użu tal-modalità għat-twettiq InvestEU, filwaqt li jitqiesu rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi;

(b) għal kull wieħed mill-objettivi ta' politika msemmi fil-punt (a):

(i) sommarju tal-għażliet ta' politika u r-riżultati ewlenin mistennija għal kull wieħed mill-Fondi, inklużi meta rilevanti, bis-saħħa tal-użu ta' InvestEU;

[38] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1).

(ii) koordinazzjoni, delimitazzjoni u komplementaritajiet bejn il-Fondi u, meta xieraq, koordinazzjoni bejn il-programmi nazzjonali u reġjonali;

(iii) komplementaritajiet bejn il-Fondi u strumenti oħra tal-Unjoni, inklużi l-proġetti strateġiċi integrati LIFE u l-proġetti strateġiċi dwar in-natura;

(c) l-allokazzjoni finanzjarja preliminari minn kull wieħed mill-Fondi skont l-objettiv ta' politika fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitħarsu r-regoli speċifiċi għall-Fondi dwar il-konċentrazzjoni tematika;

(d) meta rilevanti, it-tqassim tar-riżorsi finanzjarji skont il-kategorija tar-reġjuni, magħmul f'konformità mal-Artikolu 102(2) u l-ammonti ta' allokazzjonijiet proposti li jridu jiġu trasferiti bejn il-kategoriji tar-reġjuni skont l-Artikolu 105;

(e) l-ammonti li jridu jingħataw f'kontribuzzjonijiet lil InvestEU skont il-Fond u skont il-kategorija tar-reġjuni;

(f) il-lista ta' programmi ppjanati fl-ambitu tal-Fondi bl-allokazzjonijiet finanzjarji preliminari rispettivi skont il-fond u l-kontribuzzjoni nazzjonali korrispondenti skont il-kategorija tar-reġjuni;

(g) sommarju tal-azzjonijiet li għandu jieħu l-Istat Membru kkonċernati biex isaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tiegħu tal-implimentazzjoni tal-Fondi.

Fir-rigward tal-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), il-Ftehim ta' Sħubija għandu jkun fih biss il-lista tal-programmi ppjanati.

*Artikolu 9*

***Approvazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija***

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Ftehim ta' Sħubija u l-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament u mar-regoli speċifiċi għall-Fondi. Il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tagħha għandha, b'mod partikolari, tqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kummenti fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija mill-Istat Membru.

3. L-Istat Membru għandu jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija filwaqt li jqis l-kummenti li jkunu saru mill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, deċiżjoni li tapprova l-Ftehim ta' Sħubija mhux aktar tard minn erba' xhur wara d-data tal-preżentazzjoni ta' dak il-Ftehim ta' Sħubija mill-Istat Membru kkonċernat. Il-Ftehim ta' Sħubija ma għandux jiġi emendat.

5. Jekk, skont l-Artikolu 7(4), il-Ftehim ta' Sħubija jkun inkluż fi programm, il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, deċiżjoni li tapprova dak il-programm mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data tal-preżentazzjoni ta' dan il-programm mill-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 10

***L-użu tal-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEMS imwettqa bis-saħħa ta' InvestEU***

1. L-Istati Membri jistgħu jallokaw, fil-Ftehim ta' Sħubija jew fit-talba għal emenda ta' programm, l-ammont tal-FEŻR, tal-FSE+, tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-FEMS li jrid jingħata f'kontribuzzjonijiet lil InvestEU u mwettaq bis-saħħa tal-garanziji baġitarji. L-ammont li jrid jingħata f'kontribuzzjonijiet lil InvestEU ma għandux jaqbeż il-5 % tal-allokazzjoni totali ta'

kull Fond, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati. Tali kontribuzzjonijiet ma għandhomx jikkostittwixxu trasferimenti tar-riżorsi skont l-Artikolu 21.

2. Għall-Ftehim ta' Sħubija, jistgħu jiġu allokati riżorsi tas-snin kalendarji attwali u tal-futur. Għat-talba għal emenda ta' programm, jistgħu jiġu allokati biss riżorsi ta' snin kalendarji tal-futur.

3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jintuża għall-proviżjonament tal-parti tal-garanzija tal-UE skont il-kompartiment tal-Istat Membru.

4. Fil-każijiet li fihom ma jkunx ġie konkluż ftehim ta' kontribuzzjoni sal-31 ta' Diċembru 2021, kif stabbilit fl-Artikolu [9] tar-[Regolament InvestEU], għal ammont imsemmi fil-paragrafu 1 allokat fil-Ftehim tas-Sħubija, l-Istat Membru għandu jippreżenta talba għal emenda ta' programm jew programmi biex jintuża l-ammont korrispondenti.

Il-ftehim ta' kontribuzzjoni għal ammont imsemmi fil-paragrafu 1 allokat fit-talba għal emenda ta' programm għandu jiġi konkluż fl-istess waqt tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li temenda l-programm.

5. Fil-każijiet li fihom ma jkunx ġie konkluż ftehim ta' garanzija, kif stabbilit fl-Artikolu [9] tar-[Regolament InvestEU], fi żmien disa' xhur mill-approvazzjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni, l-ammonti rispettivi mħallsa fil-fond ta' proviżjonament komuni bħala proviżjonament għandhom ikunu trasferiti lura lejn programm jew programmi u l-Istat Membru għandu jippreżenta talba korrispondenti għal emenda tal-programm.

6. Fil-każijiet li fihom ftehim ta' garanzija ma jkunx ġie implimentat għalkollox fi żmien erba' snin mill-iffirmar tal-ftehim ta' garanzija, kif stabbilit fl-Artikolu [9] tar-[Regolament InvestEU], l-Istat Membru jista' jitlob li l-ammonti impenjati fil-ftehim ta' garanzija iżda li ma jkoprux self sottostanti jew strumenti oħra li jġorru riskju għandhom jiġu trattati f'konformità mal-paragrafu 5.

7. Ir-riżorsi ġġenerati mill-ammonti mogħtija f'kontribuzzjonijiet lil InvestEU jew attribwibbli lilhom u miksuba permezz ta' garanziji baġitarji għandhom jitqiegħdu għad-disponibbiltà tal-Istat Membru u għandhom jintużaw għall-appoġġ taħt l-istess objettiv jew objettivi fl-għamla ta' strumenti finanzjarji.

8. Il-Kummissjoni għandha tibbaġitja mill-ġdid l-ammonti mogħtija f'kontribuzzjonijiet li ma jkunux intużaw minn InvestEU għas-sena li fiha l-emenda korrispondenti tal-programm tkun ġiet approvata. Ibbaġitjar mill-ġdid bħal dan ma jistax imur lil hinn mis-sena 2027.

Il-limitu taż-żmien tad-diżimpenn għall-ammont ibbaġitjat mill-ġdid f'konformità mal-Artikolu 99 għandu jibda mis-sena li fiha l-kontribuzzjoni tkun ġiet ibbaġitjat mill-ġdid.

# KAPITOLU II
# Kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni u qafas tal-prestazzjoni

*Artikolu 11*
***Kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni***

1. Għal kull objettiv speċifiku, f'dan ir-Regolament huma stipulati prekundizzjonijiet għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tagħhom ("kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni").

L-Anness III jistipula l-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni orizzontali applikabbli għall-objettivi speċifiċi kollha u l-kriterji meħtieġa għall-valutazzjoni tal-issodisfar tagħhom.

L-Anness IV jistipula l-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni tematiċi għall-FEŻR, għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-FSE+ U l-kriterji meħtieġa għall-valutazzjoni tal-issodisfar tagħhom.

2. L-Istat Membru, meta jħejji programm jew jintroduċi objettiv speċifiku ġdid bħala parti minn emenda ta' programm, għandu jivvaluta jekk il-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni marbuta mal-objettiv speċifiku magħżul humiex issodisfati. Kundizzjoni ta' abilitazzjoni tkun issodisfata meta jkunu ssodisfati l-kriterji kollha relatati. L-Istat Membru għandu jidentifika f'kull programm jew fl-emenda tal-programm, il-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni ssodisfati u mhux issodisfati u fejn iqis li kundizzjoni ta' abilitazzjoni tkun issodisfata, għandu jipprovdi ġustifikazzjoni.

3. Meta kundizzjoni ta' abilitazzjoni ma tkunx issodisfata fil-mument tal-approvazzjoni tal-programm jew tal-emenda tal-programm, l-Istat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni hekk kif jidhirlu li l-kundizzjoni ta' abilitazzjoni tkun issodisfata b'ġustifikazzjoni.

4. Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni u tgħarraf lill-Istat Membru meta taqbel mal-issodisfar.

Meta ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar dan u tagħtih l-opportunità li jippreżenta l-kummenti tiegħu fi żmien xahar.

5. In-nefqa relatata mal-operazzjonijiet marbuta mal-objettiv speċifiku ma tistax tkun inkluża fit-talbiet għall-pagament sakemm il-Kummissjoni tkun għarrfet lill-Istat Membru rigward l-issodisfar tal-kundizzjoni ta' abilitazzjoni skont il-paragrafu 4.

L-ewwel sottoparagrafu ma għandux japplika għall-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kundizzjoni ta' abilitazzjoni korrispondenti.

6. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni jkunu ssodisfati u applikati matul il-perjodu ta' programmazzjoni. Għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'kull modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni.

Meta l-Kummissjoni tkun tal-fehma li kundizzjoni ta' abilitazzjoni ma għadhiex aktar issodisfata, għandha tgħarraf lill-Istat Membru u tagħtih l-opportunità li jippreżenta l-kummenti tiegħu fi żmien xahar. Meta l-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li għad hemm nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni ta' abilitazzjoni, in-nefqa relatata mal-objettiv speċifiku kkonċernat ma tistax tiġi inkluża fit-talbiet għall-pagament sa dakinhar li l-Kummissjoni tgħarraf lill-Istat Membru b'dan.

7. L-Anness IV ma għandux japplika għall-programmi appoġġati mill-FEMS.

*Artikolu 12*

***Qafas tal-prestazzjoni***

1. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi qafas tal-prestazzjoni li għandu jagħti lok għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-programm kif ukoll għar-rappurtar dwarha matul l-implimentazzjoni tiegħu, u jikkontribwixxi sabiex titkejjel il-prestazzjoni kumplessiva tal-Fondi.

Il-qafas tal-prestazzjoni għandu jkun magħmul minn:

(a) l-indikaturi tal-output u tar-riżultati marbuta mal-objettivi speċifiċi stabbilit fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi;

(b) l-istadji importanti li jridu jintlaħqu sa tmiem is-sena 2024 għall-indikaturi tal-output; u

(c) il-miri li jridu jintlaħqu sa tmiem is-sena 2029 għall-indikaturi tal-output u tar-riżultati.

2. L-istadji importanti u l-miri għandhom jiġu stabbilit f'rabta ma' kull objettiv speċifiku fl-ambitu ta' programm, ħlief għall-assistenza teknika u għall-objettiv speċifiku li jindirizza privazzjoni materjali stabbilit fl-Artikolu [4(c)(vii)] tar-Regolament FSE+.

3. L-istadji importanti u l-miri għandhom jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru jkejlu l-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi speċifiċi. Għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu [33(3)] tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 13*

***Metodoloġiji biex ikun stabbilit il-qafas tal-prestazzjoni***

1. Il-metodoloġiji biex jiġi stabbilit il-qafas tal-prestazzjoni għandhom jinkludu:

   (a) il-kriterji applikati mill-Istat Membru biex jagħżel l-indikaturi;

   (b) id-data jew l-evidenza użata, il-garanzija tal-kwalità tad-data u l-metodu tal-ikkalkular;

   (c) fatturi li jistgħu jinfluwenzaw l-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri u kif dawn ġew ikkunsidrati.

2. B'talba tal-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jqiegħed dawn il-metodoloġiji għad-dispożizzjoni tagħha.

*Artikolu 14*

***Rieżami ta' nofs it-terminu***

1. Għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni, l-Istat Membru għandu jagħmel rieżami ta' kull programm, filwaqt li jqis l-elementi li ġejjin:

   (a) l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi adottati fl-2024;

   (b) il-qagħda soċjoekonomika tal-Istat Membru jew tar-reġjun ikkonċernat;

   (c) il-progress fl-ilħuq tal-istadji importanti;

   (d) l-eżitu tal-aġġustament tekniku kif stabbilit fl-Artikolu 104(2), fejn applikabbli.

2. L-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni talba għall-emendar ta' kull programm sal-31 ta' Marzu 2025 f'konformità mal-Artikolu 19(1). L-Istat Membru għandu jiġġustifika l-emendar fuq il-bażi tal-elementi stabbiliti fil-paragrafu 1.

   Il-programm rivedut għandu jinkludi:

   (a) l-allokazzjonijet tar-riżorsi finanzjarji skont il-prijorità inklużi l-ammonti għas-snin 2026 u 2027;

   (b) miri ġodda jew riveduti;

   (c) l-allokazzjonijiet riveduti tar-riżorsi finanzjarji li jirriżultaw mill-aġġustament tekniku kif stabbilit fl-Artikolu 104(2) inklużi l-ammonti għas-snin 2025, 2026 u 2027, fejn applikabbli.

3. Meta jiġi ppreżentat programm ġdid b'riżultat tar-rieżami, il-pjan ta' finanzjament imsemmi fil-punt (ii) tal-Artikolu 17(3)(f) għandu jkopri l-approprjazzjoni finanzjarja totali għal kull wieħed mill-Fondi mis-sena tal-approvazzjoni tal-programm.

# KAPITOLU III
# Miżuri marbuta ma' governanza ekonomika tajba

*Artikolu 15*

***Miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi mal-governanza ekonomika tajba***

1. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex jirrieżamina u jipproponi l-emendi għall-programmi rilevanti, meta dan ikun meħtieġ biex tkun appoġġata l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill rilevanti.

Talba bħal din tista' ssir għall-finijiet li ġejjin:

(a) biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni rilevanti speċifika għall-pajjiżi adottata f'konformità mal-Artikolu 121(2) TFUE u ta' rakkomandazzjoni rilevanti tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 148(4) TFUE, indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat.

(b) biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill rilevanti indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat u adottati f'konformità mal-Artikoli 7(2) jew 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011[39] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dment li dawn l-emendi jitqiesu neċessarji biex jgħinu fl-irranġar tal-iżbilanċi makroekonomiċi.

2. Talba mill-Kummissjoni lil Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tkun iġġustifikata b'referenza għall-ħtieġa li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tkun appoġġata u għandha tindika l-programmi jew il-prijoritajiet li skontha huma kkonċernati u n-natura tal-emendi mistennija.

3. L-Istat Membru għandu jippreżenta t-tweġiba tiegħu għat-talba msemmija fil-paragrafu 1, fi żmien xahrejn minn meta jirċeviha, filwaqt li jistabbilixxi l-emendi li skontu huma meħtieġa fil-programmi rilevanti, ir-raġunijiet għal tali emendi, jidentifika l-programmi kkonċernati u jispjega n-natura tal-emendi proposti u l-effetti mistennija tagħhom fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u fuq l-implimentazzjoni tal-Fondi. Jekk ikun hemm bżonn, il-Kummissjoni għandha tagħmel kummenti fi żmien xahar minn meta tirċievi dik it-tweġiba.

4. L-Istat Membru għandu jippreżenta proposta biex jemenda l-programmi rilevanti fi żmien xahrejn mid-data tal-preżentazzjoni tat-tweġiba msemmija fil-paragrafu 3.

5. Meta l-Kummissjoni ma tkunx ippreżentat kummenti jew meta tkun issodisfata li kull kumment ippreżentat ikun tqis kif dovut, għandha tadotta deċiżjoni li tapprova l-emendi għall-programmi rilevanti f'konformità mal-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu [19(4)].

6. Meta l-Istat Membru jonqos milli jieħu azzjoni effettiva bi tweġiba għat-talba li tkun saret f'konformità mal-paragrafu 1, sal-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagamenti kollha jew parti minnhom għall-programmi jew għall-prijoritajiet ikkonċernati f'konformità mal-Artikolu 91.

7. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta lill-Kunsill biex jissospendi l-impenji jew il-pagamenti kollha jew parti minnhom għal programm wieħed jew aktar ta' Stat Membru fil-każijiet li ġejjin:

[39] Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

(a) meta l-Kunsill jiddeċiedi f’konformità mal-Artikolu 126(8) jew mal-Artikolu 126(11) TFUE, li Stat Membru ma jkunx ħa azzjoni effettiva biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv tiegħu;

(b) meta l-Kunsill jadotta żewġ rakkomandazzjonijiet suċċessivi fl-istess proċedura ta’ żbilanċ, f’konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [40] għar-raġunijiet li Stat Membru jkun ippreżenta pjan ta’ azzjoni korrettiva insuffiċjenti;

(c) meta l-Kunsill jadotta żewġ deċiżjonijiet suċċessivi fl-istess proċedura ta’ żbilanċ f’konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 li permezz tagħhom jistabbilixxi nuqqas ta’ konformità minn Stat Membru għar-raġunijiet li ma jkunx ħa l-azzjoni korrettiva rakkomandata;

(d) meta l-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru ma jkunx ħa miżuri kif imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002[41] u b’konsegwenza ta’ hekk tiddeċiedi li ma tawtorizzax l-iżborż tal-assistenza finanzjarja mogħtija lil dak l-Istat Membru;

(e) meta l-Kunsill jiddeċiedi li Stat Membru ma jikkonformax mal-programm ta’ aġġustament makroekonomiku msemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42], jew mal-miżuri mitluba minn deċiżjoni tal-Kunsill adottata f’konformità mal-Artikolu 136(1) TFUE.

Għandha tingħata prijorità lis-sospensjoni tal-impenji; il-pagamenti għandhom ikunu sospiżi biss meta titfittex azzjoni immedjata u fil-każ ta’ nuqqas ta’ konformità sinifikanti. Is-sospensjoni tal-pagamenti għandha tapplika għat-talbiet għall-pagamenti ppreżentati għall-programmi kkonċernati wara d-data tad-deċiżjoni għas-sospensjoni.

Il-Kummissjoni tista’, għal raġunijiet ta’ ċirkostanzi ekonomiċi eċċezzjonali jew wara talba motivata mill-Istat Membru kkonċernat indirizzata lill-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem mill-adozzjoni tad-deċiżjoni jew tar-rakkomandazzjoni msemmija fis-sottoparagrafu preċedenti, tirrakkomanda li l-Kunsill jikkanċella s-sospensjoni msemmija fl-istess sottoparagrafu.

8. Proposta mill-Kummissjoni għas-sospensjoni tal-impenji għandha titqies bħala adottata mill-Kunsill sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix, permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni, li jirrifjuta tali proposta b’maġġoranza kwalifikata fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

Is-sospensjoni tal-impenji għandha tapplika għall-impenji mill-Fondi għall-Istat Membru kkonċernat mill-1 ta' Jannar tas-sena ta’ wara d-deċiżjoni ta’ sospensjoni.

Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni, permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni, wara proposta mill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 7 f’rabta mas-sospensjoni tal-pagamenti.

9. Il-kamp ta’ applikazzjoni u l-livell tas-sospensjoni tal-impenji jew tal-pagamenti li jridu jiġu imposti għandhom jirrispettaw l-ugwaljanza tat-trattament bejn l-Istati Membri u għandhom iqisu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat, b’mod partikolari l-livell ta’ qgħad, il-livell ta’ faqar jew esklużjoni soċjali tal-Istat Membru kkonċernat meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni u l-impatt tas-sospensjoni fuq l-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat.

---

40 Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

41 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta’ Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta’ pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002).

42 Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-Żona tal-Euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b’diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).

L-impatt tas-sospensjonijiet fuq programmi ta' importanza fundamentali biex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet ekonomiċi jew soċjali avversi għandu jkun fattur speċifiku li jrid jitqies.

10. Is-sospensjoni tal-impenji għandha tkun soġġetta għal massimu ta' 25 % tal-impenji relatati mas-sena kalendarja li jkun imiss għall-Fondi jew 0,25 % tal-PDG nominali, jekk dan ikun inqas, fi kwalunkwe każ minn dawn li ġejjin:

(a) fl-ewwel każ ta' nuqqas ta' konformità bi proċedura ta' defiċit eċċessiv kif imsemmi skont il-punt (a) tal-paragrafu 7;

(b) fl-ewwel każ ta' nuqqas ta' konformità relatat ma' pjan ta' azzjoni korrettiva fl-ambitu ta' proċedura ta' żbilanċ eċċessiv kif imsemmi skont il-punt (b) tal-paragrafu 7;

(c) f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-azzjoni korrettiva rakkomandata skont proċedura ta' żbilanċ eċċessiv kif imsemmi skont il-punt (c)(c) tal-paragrafu 7;

(d) fl-ewwel każ ta' nuqqas ta' konformità kif imsemmi skont il-punti (d) u (e) tal-paragrafu 7.

F'każ ta' nuqqas ta' konformità persistenti, is-sospensjoni tal-impenji tista' taqbeż il-perċentwali massimi stabbiliti fl-ewwel sottoparagrafu.

11. Il-Kunsill għandu jneħħi s-sospensjoni tal-impenji wara li ssirlu proposta mill-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 8, fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-proċedura ta' defiċit eċċessiv tinżamm sospiża f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97[43] jew il-Kunsill ikun iddeċieda li, skont l-Artikolu 126(12) TFUE jabroga d-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv;

(b) meta l-Kunsill ikun approva pjan ta' azzjoni korrettiva mressaq mill-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 jew il-proċedura dwar żbilanċ eċċessiv tkun f'sospensjoni f'konformità mal-Artikolu 10(5) ta' dak ir-Regolament jew il-Kunsill ikun għalaq il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament;

(c) meta l-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li Stat Membru jkun ħa l-miżuri xierqa kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 332/2002;

(d) meta l-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-Istat Membru kkonċernat ikun ħa miżuri xierqa biex jimplimenta l-programm ta' aġġustament imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 jew il-miżuri mitluba minn deċiżjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 136(1) TFUE.

Wara li l-Kunsill ikun neħħa s-sospensjoni tal-impenji, il- Kummissjoni għandha tibbaġitja mill-ġdid l-impenji sospiżi f'konformità mal-Artikolu [8] tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) [ *[...] (ir-Regolament QFP)*].

L-impenji sospiżi ma jistgħux jiġu bbaġitjati mill-ġdid lil hinn mis-sena 2027.

Il-limitu taż-żmien tad-diżimpenn għall-ammont ibbaġitjat mill-ġdid f'konformità mal-Artikolu 99 għandu jibda mis-sena li fiha l-impenn sospiż ikun ġie bbaġitjat mill-ġdid.

Deċiżjoni li tikkonċerna t-tneħħija tas-sospensjoni tal-pagamenti għandha tittieħed mill-Kunsill wara proposta mill-Kummissjoni meta l-kundizzjonijiet applikabbli stabbiliti fl-ewwel sottoparagrafu jkunu ssodisfati.

43 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tal-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

12. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bl-implimentazzjoni ta' dan l-artikolu. B'mod partikolari, meta waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 7 tiġi ssodisfata għal Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tgħarraf f'qasir żmien lill-Parlament Ewropew u tipprovdi dettalji tal-Fondi u tal-programmi li jistgħu jkunu soġġetti għal sospensjoni tal-impenji.

Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni għal djalogu strutturat dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, wara li titqies it-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel sottoparagrafu.

Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-proposta għal sospensjoni tal-impenji jew il-proposta biex titneħħa tali sospensjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

13. Il-paragrafi minn 1 sa 12 ma għandhomx japplikaw għal prijoritajiet jew programmi skont l-Artikolu [4(c)(v)(ii)] tar-Regolament FSE+.

# TITOLU III
## PROGRAMMAZZJONI

# KAPITOLU I
# Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi

### *Artikolu 16*
### ***Tħejjija u preżentazzjoni tal-programmi***

1. L-Istati Membri għandhom iħejju l-programmi biex jimplimentaw il-Fondi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-programmi lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara l-preżentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija.

3. L-Istati Membri għandhom iħejju l-programmi f'konformità mal-mudell tal-programmi stabbilit fl-Anness V.

Għall-AMIF, l-ISF u l-BMVI, l-Istat Membru għandu jħejji l-programmi f'konformità mal-mudell tal-programmi stabbilit fl-Anness VI.

### *Artikolu 17*
### ***Il-kontenut tal-programmi***

1. Kull programm għandu jistabbilixxi strateġija għall-kontribuzzjoni tal-programm għall-objettivi ta' politika u għall-komunikazzjoni tar-riżultati tiegħu.

2. Programm għandu jkun magħmul minn prijoritajiet. Kull prijorità għandha tikkorrispondi għal objettiv uniku ta' politika jew għal assistenza teknika. Prijorità li tikkorrispondi għal objettiv ta' politika għandha tkun magħmula minn objettiv speċifiku wieħed jew aktar. Aktar minn prijorità waħda tista' tikkorrispondi għall-istess objettiv ta' politika.

Għall-programmi appoġġati mill-FEMS, kull prijorità tista' tikkorrispondi għal objettiv ta 'politika wieħed jew aktar. Objettivi speċifiċi jikkorrispondu għal oqsma ta' appoġġ kif definiti fl-Anness [III] tar-Regolament FEMS.

Għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, programm għandu jkun magħmul minn objettivi speċifiċi.

3. Kull programm għandu jistabbilixxi:

(a) sommarju tal-isfidi ewlenin, filwaqt li jitqiesu:

(i) l-inugwaljanzi ekonomiċi, soċjali u territorjali, ħlief għal programmi appoġġati mill-FEMS;

(ii) il-fallimenti tas-suq, il-ħtiġijiet ta' investiment u l-komplementarità ma' forom oħra ta' appoġġ;

(iii) l-isfidi identifikati f'rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi u rakkomandazzjonijiet rilevanti oħra tal-Unjoni indirizzati lill-Istat Membru;

(iv) l-isfidi marbuta mal-governanza u l-kapaċità amministrattiva;

(v) it-tagħlimiet meħuda mill-esperjenza tal-imgħoddi;

(vi) l-istrateġiji makroreġjonali u l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar, jekk l-Istati Membri u r-reġjuni jkunu jipparteċipaw fi strateġiji bħal dawn;

(vii) għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni u l-*acquis* rilevanti tal-Unjoni;

(b) ġustifikazzjoni għall-objettivi ta' politika magħżula, il-prijoritajiet korrispondenti, l-objettivi speċifiċi u l-forom ta' appoġġ;

(c) għal kull prijorità, ħlief għall-assistenza teknika, l-objettivi speċifiċi;

(d) għal kull objettiv speċifiku:

(i) it-tipi ta' azzjonijiet relatati, inkluża lista ta' operazzjonijiet ippjanati ta' importanza strateġika, u l-kontribuzzjoni mistennija tagħhom għal dawk l-objettivi speċifiċi u għall-istrateġiji makroreġjonali u l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar, fejn xieraq;

(ii) l-indikaturi tal-output u l-indikaturi tar-riżultati bl-istadji importanti u l-miri korrispondenti;

(iii) il-gruppi prinċipali fil-mira;

(iv) it-territorji speċifiċi fil-mira, inkluż l-użu ppjanat ta' investiment territorjali integrat, l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jew għodod territorjali oħra;

(v) l-azzjonijiet interreġjonali u transnazzjonali ma' benefiċjarji li jinsabu f'minn tal-anqas Stat Membru ieħor;

(vi) l-użu ppjanat tal-istrumenti finanzjarji;

(vii) it-tipi ta' intervent u tqassim indikattiv tar-riżorsi programmati skont it-tip ta' intervent jew qasam ta' appoġġ;

(e) l-użu ppjanat ta' assistenza teknika f'konformità mal-Artikoli minn 30 sa 32 u t-tipi rilevanti ta' intervent;

(f) pjan ta' finanzjament li fih:

(i) tabella li tispeċifika l-allokazzjoni finanzjarji totali għal kull wieħed mill-Fondi u għal kull kategorija ta' reġjun għal perjodu ta' programmazzjoni kollu u skont is-sena, inkluż kull ammont trasferit skont l-Artikolu 21;

(ii) tabella li tispeċifika l-allokazzjonijiet finanzjarji totali għal kull prijorità skont il-Fond u skont il-kategorija ta' reġjun u l-kontribuzzjoni nazzjonali u jekk tikkonsistix minn kontribuzzjonijiet pubbliċi u privati;

(iii) għall-programmi appoġġati mill-FEMS, tabella li tispeċifika għal kull tip ta' qasam ta' appoġġ, l-ammont tal-allokazzjonijiet finanzjarji totali tal-appoġġ mill-Fond u l-kontribuzzjoni nazzjonali;

(iv) għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, tabella li tispeċifika, skont l-objettiv speċifiku, l-allokazzjonijiet finanzjarji totali skont it-tip ta' azzjoni, il-kontribuzzjoni nazzjonali u jekk tikkonsistix minn kontribuzzjonijiet pubbliċi u privati;

(g) l-azzjonijiet meħuda sabiex l-imsieħba msemmija fl-Artikolu 6 jiġu involuti fit-tħejjija tal-programm, u r-rwol ta' dawk l-imsieħba fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm;

(h) għal kull kundizzjoni ta' abilitazzjoni, stabbilita f'konformità mal-Artikolu 11, l-Anness III u l-Anness IV, valutazzjoni ta' jekk il-kundizzjoni ta' abilitazzjoni tkunx ġiet issodisfata sad-data tal-preżentazzjoni tal-programm;

(i) l-approċċ previst għall-komunikazzjoni u l-viżibilità tal-programm billi jiġu definiti l-objettivi, l-udjenzi fil-mira, il-kanali ta' komunikazzjoni, l-ilħuq tal-midja soċjali, il-baġit ippjanat u l-indikaturi rilevanti tiegħu għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

(j) l-awtorità ta' ġestjoni, l-awtorità tal-awditjar u l-korp li jirċievi l-pagamenti mill-Kummissjoni.

Il-punti (c) u (d) ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw għall-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu [4(c)(vii)] tar-Regolament FSE+.

4. Permezz ta' deroga mill-punt (d) tal-paragrafu 3, għal kull objettiv speċifiku tal-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, għandu jkun ipprovdut dan li ġej:

(a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni inizjali, tal-isfidi u tar-reazzjonijiet appoġġati mill-Fond;

(b) indikazzjoni tal-objettivi operazzjonali;

(c) lista indikattiva ta' azzjonijiet u l-kontribuzzjoni mistennija tagħhom għall-objettivi speċifiċi u operazzjonali;

(d) meta applikabbli, ġustifikazzjoni għall-appoġġ operattiv, għall-azzjonijiet speċifiċi, għall-assistenza ta' emerġenza, u għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikoli [16 u 17] tar-Regolament AMIF;

(e) indikaturi tal-output u tar-riżultati bl-istadji importanti u l-miri korrispondenti;

(f) tqassim indikattiv tar-riżorsi programmati skont it-tip ta' intervent.

5. It-tipi ta' intervent għandhom ikunu bbażati fuq in-nomenklatura stabbilita fl-Anness I. Għall-programmi appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, it-tipi ta' intervent għandhom ikunu bbażati fuq in-nomenklatura stabbilita fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi.

6. Għall-programmi tal-FEŻR, tal-FSE+ u tal-Fond ta' Koeżjoni ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 16, it-tabella msemmija fil-paragrafu (3)(f)(ii) għandha tinkludi l-ammonti għas-snin 2021 sa 2025 biss.

7. L-Istat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (3)(j) mingħajr il-bżonn ta' emendar tal-programm.

*Artikolu 18*

***Approvazzjoni tal-programmi***

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-programm u l-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament u mar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, kif ukoll il-konsistenza tiegħu mal-Ftehim ta' Sħubija. Il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tagħha għandha, b'mod partikolari, tqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

2. Il-Kummissjoni tista' tagħmel il-kummenti fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-programm mill-Istat Membru.

3. L-Istat Membru għandu jirrieżamina l-programm filwaqt li jqis il-kummenti li jkunu saru mill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, deċiżjoni li tapprova l-programm mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data tal-preżentazzjoni ta' dan il-programm mill-Istat Membru.

*Artikolu 19*

***Emendar tal-programmi***

1. L-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal emenda ta' programm flimkien mal-programm emendat, filwaqt li jindika l-impatt mistenni ta' dik l-emenda fuq il-kisba tal-objettivi.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-emenda u l-konformità tagħha ma' dan ir-Regolament u mar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi, inklużi r-rekwiżiti fil-livell nazzjonali, u tista' tagħmel il-kummenti fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni tal-programm emendat.

3. L-Istat Membru għandu jirrieżamina l-programm emendat u jqis il-kummenti li jkunu saru mill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emendar ta' programm mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tiegħu mill-Istat Membru.

5. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni, l-Istat Membru jista' jittrasferixxi ammont sa massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni inizjali ta' prijorità u mhux aktar minn 3 % tal-baġit tal-programm lil prijorità oħra tal-istess Fond tal-istess programm. Għall-programmi appoġġati mill-FEŻR u mill-FSE+, it-trasferiment għandu jikkonċerna biss l-allokazzjonijiet għall-istess kategorija ta' reġjuni.

   Tali trasferimenti ma għandhomx jaffettwaw is-snin preċedenti. Għandhom jitqiesu bħala mhux sostanzjali u ma għandhomx jirrikjedu deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-programm. Madankollu, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji kollha. L-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni t-tabella riveduta msemmija taħt il-punti (f)(ii), (f)(iii) jew (f)(iv) tal-Artikolu 17(3), kif applikabbli.

6. L-approvazzjoni tal-Kummissjoni ma għandhiex tkun meħtieġa għal korrezzjonijiet ta' natura purament klerikali jew editorjali li ma jaffettwawx l-implimentazzjon tal-programm. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'tali korrezzjonijiet.

7. Għall-programmi appoġġati mill-FEMS, l-emendi għall-programmi relatati mal-introduzzjoni ta' indikaturi ma għandhomx jirrikjedu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

*Artikolu 20*
***Appoġġ konġunt mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni***

1. Il-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni jistgħu jipprovdu appoġġ b'mod konġunt għall-programmi taħt l-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir.

2. Il-FEŻR u l-FSE+ jistgħu jiffinanzjaw, b'mod komplementari u soġġett għal limitu ta' 10 % ta' appoġġ minn dawk il-Fondi għal kull prijorità ta' programm, l-operazzjoni kollha jew parti minnha li l-kostijiet tagħha jkunu eliġibbli għal appoġġ mill-Fond l-ieħor fuq il-bażi tar-regoli ta' eliġibbiltà applikati għal dak il-Fond, dment li tali kostijiet ikunu meħtieġa għall-implimentazzjoni.

*Artikolu 21*
***Trasferiment tar-riżorsi***

1. L-Istati Membri jistgħu jitolbu t-trasferiment sa massimu ta' 5 % tal-allokazzjonijiet finanzjarji tal-programm minn kwalunkwe wieħed mill-Fondi lejn Fond ieħor taħt ġestjoni kondiviża jew lejn kwalunkwe strument taħt ġestjoni diretta jew indiretta.

2. Ir-riżorsi trasferiti għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-regoli tal-Fond jew tal-istrument li fih dawn ir-riżorsi jiġu trasferiti u, fil-każ ta' trasferimenti lejn strumenti taħt ġestjoni diretta jew indiretta, għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

3. It-talbiet skont il-paragrafu 1 għandhom jistabbilixxu l-ammont totali trasferit għal kull sena skont il-Fond u skont il-kategorija ta' reġjun, meta rilevanti, għandhom ikunu debitament ġustifikati u għandhom ikunu akkumpanjati mill-programm(i) rivedut(i), li r-riżorsi għandhom ikunu trasferiti minnu/hom f'konformità mal-Artikolu 19, bl-indikazzjoni ta' liema Fond jew strument ieħor huwa l-benefiċjarju tal-ammonti trasferiti.

4. Il-Kummissjoni tista' toġġezzjona għal talba għal trasferiment fl-emenda relatata tal-programm fil-każijiet li fihom din tkun timmina l-kisba tal-objettivi tal-programm li minnu jridu jiġu trasferiti r-riżorsi.

5. Jistgħu jiġu trasferiti biss riżorsi ta' snin kalendarji tal-futur.

# KAPITOLU II
# Żvilupp territorjali

*Artikolu 22*
***Żvilupp territorjali integrat***

L-Istat Membru għandu jappoġġa l-iżvilupp territorjali integrat permezz ta' strateġiji ta' żvilupp territorjali u lokali fi kwalunkwe forma fost dawn li ġejjin:

(a) investimenti territorjali integrati;

(b) żvilupp lokali mmexxi mill-komunità;

(c) għodda territorjali oħra li tappoġġa inizjattivi mfassla mill-Istat Membru għall-investimenti programmati għall-FEŻR skont l-objettiv ta' politika msemmi fl-Artikolu 4(1)(e).

*Artikolu 23*
***Strateġiji territorjali***

1. L-istrateġiji territorjali implimentati skont il-punti (a) jew (c) tal-Artikolu 22 għandu jkun fihom l-elementi li ġejjin:

(a) iż-żona ġeografika koperta mill-istrateġija;

(b) analiżi tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp u tal-potenzjal taż-żona;

(c) deskrizzjoni ta' approċċ integrat biex il-potenzjal u l-ħtiġijiet tal-iżvilupp identifikati jiġu indirizzati;

(d) deskrizzjoni tal-involviment tal-imsieħba f'konformità mal-Artikolu 6 fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-istrateġija.

Dawn jista' jkun fihom ukoll lista tal-operazzjonijiet li jridu jiġu appoġġati.

2. L-istrateġiji territorjali għandhom jitfasslu taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet jew korpi rilevanti fil-livell urban, lokali jew f'livell territorjali ieħor.

3. Fil-każijiet li fihom il-lista tal-operazzjonijiet li jridu jiġu appoġġati ma tkunx ġiet inkluża fl-istrateġija territorjali, l-awtoritajiet jew korpi rilevanti fil-livell urban, lokali jew f'livell territorjali ieħor għandhom ikunu involuti fl-għażla tal-operazzjonijiet.

L-operazzjonijiet li jintgħażlu għandhom jikkonformaw mal-istrateġija territorjali.

4. Fil-każijiet fejn awtorità jew korp fil-livell urban, lokali jew f'livell territorjali ieħor iwettqu kompiti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni bl-eċċezzjoni tal-għażla tal-operazzjonijiet, l-awtorità għandha tiġi tidentifika bħala korp intermedjarju mill-awtorità ta' ġestjoni.

5. Jista' jingħata appoġġ għat-tħejjija u għat-tfassil tal-istrateġiji territorjali.

*Artikolu 24*
***Investiment territorjali integrat***

1. Meta strateġija implimentata f'konformità mal-Artikolu 23 tinvolvi investimenti li jirċievu appoġġ minn Fond wieħed jew aktar, minn aktar minn programm wieħed jew minn aktar minn prijorità waħda tal-istess programm, l-azzjonijiet jistgħu jiġu eżegwiti bħala investiment territorjali integrat ("ITI").

2. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li s-sistema elettronika għall-programm jew programmi tipprevedi għall-identifikazzjoni tal-operazzjonijiet u għall-outputs u r-riżultati li jikkontribwixxu għal ITI.

*Artikolu 25*
***Żvilupp lokali mmexxi mill-komunità***

1. Il-FEŻR, il-FSE+ u l-FEMS jistgħu jappoġġaw żvilupp lokali mmexxi mill-komunità.

2. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jkun:

(a) iffukat fuq żoni subreġjonali;

(b) immexxi minn gruppi ta' azzjoni lokali magħmula minn rappreżentanti tal-interessi soċjoekonomiċi lokali pubbliċi u privati, li fihom, l-ebda grupp ta' interess waħdu ma jkollu kontroll tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

(c) imwettaq permezz ta' strateġiji integrati f'konformità mal-Artikolu 26;

(d) ta' appoġġ għal fatturi innovattivi u ta' netwerking fil-kuntest lokali u, meta xieraq, għall-kooperazzjoni ma' atturi territorjali oħra.

3. Meta jkun disponibbli l-appoġġ għall-istrateġiji msemmija fil-paragrafu 2(c) minn aktar minn Fond wieħed, l-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti għandhom jorganizzaw sejħa konġunta għall-għażla ta' dawk l-istrateġiji u għandhom jistabbilixxu kumitat konġunt għall-Fondi kollha kkonċernati biex iwettaq monitoraġġ ta' dawk l-istrateġiji. L-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti jistgħu jagħżlu wieħed mill-Fondi kkonċernati biex jappoġġaw il-kostijiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni u ta' animazzjoni kollha msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 28(1) relatati ma' dawk l-istrateġiji.

4. Meta l-implimentazzjoni ta' strateġija bħal din tinvolvi appoġġ minn Fond wieħed jew aktar, l-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti jistgħu jagħżlu wieħed mill-Fondi kkonċernati bħala l-Fond Ewlieni.

5. Ir-regoli tal-Fond Ewlieni għandhom japplikaw għal dik l-istrateġija. L-awtoritajiet ta' fondi oħra għandhom iserrħu fuq deċiżjonijiet u verifiki ta' ġestjoni li jsiru mill-awtorità kompetenti tal-Fond Ewlieni.

6. L-awtoritajiet tal-Fond Ewlieni għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet ta' Fondi oħra bl-informazzjoni meħtieġa biex jagħmlu monitoraġġ u jwettqu l-pagamenti f'konformità mar-regoli stabbilit fir-Regolament speċifiku għall-Fondi.

*Artikolu 26*

***Strateġiji ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità***

1. L-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti għandhom jiżguraw li kull strateġija msemmija fl-Artikolu 25(2)(c) tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) iż-żona ġeografika u tal-popolazzjoni koperti mill-istrateġija;

(b) il-proċess ta' involviment tal-komunità fl-iżvilupp ta' dik l-istrateġija;

(c) analiżi tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp u tal-potenzjal taż-żona;

(d) l-objettivi ta' dik l-istrateġija, inklużi l-isfidi li jistgħu jitkejlu għar-riżultati, u azzjonijiet ippjanati relatati;

(e) l-arranġamenti għall-ġestjoni, għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni, li juru l-kapaċità tal-grupp ta' azzjoni lokali li jimplimenta dik l-istrateġija;

(f) pjan finanzjarju, inkluża l-allokazzjoni ppjanata minn kull Fond u programm ikkonċernat.

2. L-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti għandhom jiddefinixxu l-kriterji għall-għażla ta' dawk l-istrateġiji, għandhom iwaqqfu kumitat biex jagħmel din l-għażla u għandhom japprovaw l-istrateġiji magħżula minn dak il-kumitat.

3. L-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti għandhom ilestu l-ewwel rawnd ta' għażla tal-istrateġiji u jiżguraw li l-gruppi ta' azzjoni lokali magħżula jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 27(3) fi żmien 12-il xahar mid-data tal-approvazzjoni tal-programm rilevanti jew, fil-każ ta' strateġiji appoġġati minn aktar minn Fond wieħed, fi żmien 12-il xahar mid-data tal-approvazzjoni tal-aħħar programm ikkonċernat.

4. Id-deċiżjoni li tapprova strateġija għandha tistabbilixxi l-allokazzjoni ta' kull Fond u programm ikkonċernat u tistabbilixxi r-responsabbiltajiet għall-kompiti ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programm jew tal-programmi.

*Artikolu 27*

***Gruppi ta' azzjoni lokali***

1. Il-gruppi ta' azzjoni lokali għandhom ifasslu u jimplimentaw l-istrateġiji msemmija fl-Artikolu 25(2)(c).

2. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jiżguraw li l-gruppi ta' azzjoni lokali jew jagħżlu msieħeb wieħed fi ħdan il-grupp bħala msieħeb ewlieni fi kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji, jew jingħaqdu flimkien fi struttura komuni kkostitwita legalment.

3. Il-gruppi ta' azzjoni lokali għandhom iwettqu, b'mod esklużiv, dawn il-kompiti li ġejjin:

   (a) it-tisħiħ tal-kapaċità ta' atturi lokali biex jiżviluppaw u jimplimentaw l-operazzjonijiet;

   (b) it-tfassil ta' proċedura u kriterji ta' selezzjoni nondiskriminatorji u trasparenti, li jevitaw il-kunflitti tal-interess u jiżguraw li l-ebda grupp ta' interess waħdu ma jkollu kontroll tad-deċiżjonijiet dwar l-għażla;

   (c) it-tħejjija u l-pubblikazzjoni tas-sejħiet għal proposti;

   (d) l-għażla tal-operazzjonijiet u l-iffissar tal-ammont tal-appoġġ u l-preżentazzjoni tal-proposti lill-korp responsabbli għall-verifika finali tal-eliġibbiltà qabel l-approvazzjoni;

   (e) il-monitoraġġ tal-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-istrateġija;

   (f) l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija.

4. Meta l-gruppi ta' azzjoni lokali jwettqu kompiti mhux koperti mill-paragrafu 3 li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni jew tal-aġenzija tal-pagamenti, dawk il-gruppi ta' azzjoni lokali għandhom ikunu identifikati mill-awtorità ta' ġestjoni bħala korpi intermedji f'konformità mar-regoli speċifiċi għall-Fondi."

5. Il-grupp ta' azzjoni lokali jista' jkun benefiċjarju u jista' jimplimenta operazzjonijiet f'konformità mal-istrateġija.

*Artikolu 28*

***Appoġġ mill-Fondi għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità***

1. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-appoġġ mill-Fondi għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jkopri:

   (a) il-bini ta' kapaċità u l-azzjonijiet ta' tħejjija li jservu ta' appoġġ għat-tfassil u għall-implimentazzjoni fil-futur tal-istrateġiji;

   (b) l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet, inklużi l-attivitajiet ta' kooperazzjoni u t-tħejjija tagħhom, magħżula fl-ambitu tal-istrateġija tal-iżvilupp lokali;

   (c) il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istrateġija u l-animazzjoni tagħha.

2. L-appoġġ imsemmi taħt il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jkun eliġibbli irrispettivament minn jekk l-istrateġija tkunx imbagħad magħżula għall-finanzjament.

   L-appoġġ imsemmi taħt il-punt (c) tal-paragrafu 1 ma għandux jaqbeż 25 % tal-kontribuzzjoni pubblika totali għall-istrateġija.

# KAPITOLU III
# Assistenza teknika

*Artikolu 29*
**Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni**

1. Bl-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Fondi jistgħu jsostnu l-azzjonijiet ta' tħejjija, ta' kontroll tal-monitoraġġ, ta' awditjar, ta' evalwazzjoni, ta' komunikazzjoni, inkluża dik istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, ta' viżibbiltà u l-azzjonijiet kollha amministrattivi u ta' assistenza teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u fejn xieraq ma' pajjiżi terzi.

2. Tali azzjonijiet jistgħu jkopru perjodu ta' programmazzjoni tal-futur u preċedenti.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbillixxi l-pjanijiet tagħha meta tkun prevista kontribuzzjoni mill-Fondi f'konformità mal-Artikolu [110] tar-Regolament Finanzjarju.

4. Skont l-iskop, l-azzjonijiet msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu ffinanzjati bħala nefqa operazzjonali jew inkella nefqa amministrattiva.

*Artikolu 30*
***Assistenza teknika tal-Istati Membri***

1. Fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru, il-Fondi jistgħu jappoġġaw azzjonijiet, li jistgħu jikkonċernaw perjodi ta' programmazzjoni preċedenti u sussegwenti, meħtieġa għall-użu u l-amministrazzjoni b'mod effettiv ta' dawk il-Fondi.

2. Kull Fond jista' jappoġġa azzjonijiet ta' assistenza teknika eliġibbli taħt kwalunkwe wieħed mill-Fondi l-oħra.

3. Fl-ambitu ta' kull programm, l-assistenza teknika għandu jkollha l-għamla ta' prijorità relatata ma' Fond wieħed biss.

*Artikolu 31*
***Finanzjament b'rata fissa għall-assistenza teknika tal-Istati Membri***

1. L-assistenza teknika għal kull programm għandha tkun rimborżata bħala rata fissa billi l-persentaġġi stabbiliti fil-paragrafu 2 jiġu applikati għan-nefqa eliġibbli inkluża f'kull applikazzjoni għal pagament skont l-Artikolu 85(3)(a) jew (c) kif xieraq.

2. Il-persentaġġ tal-Fondi rimborżati għall-assistenza teknika għandu jkun dan li ġej:

   (a) għall-appoġġ tal-FEŻR taħt l-għan tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir, u għall-appoġġ tal-Fond ta' Koeżjoni: 2,5 %;

   (b) għall-appoġġ tal-FSE+: 4 % u għall-programmi skont l-Artikolu 4(1)(c)(vii) tar-Regolament FSE+: 5 %;

   (c) għall-appoġġ tal-FEMS: 6 %;

   (d) għall-appoġġ tal-AMIF, tal-ISF u tal-BMVI: 6 %.

3. Ir-regoli speċifiċi għall-assistenza teknika għall-programm Interreg għandhom ikunu stabbiliti fir-Regolament KTE.

*Artikolu 32*

***Finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għall-assistenza teknika tal-Istati Membri***

Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31, l-Istat Membru jista' jipproponi li jieħu azzjonijiet addizzjonali ta' azzjoni teknika sabiex isaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-Istat Membru, tal-benefiċjarji u tal-imsieħba rilevanti, meħtieġa għall-użu u l-amministrazzjoni b'mod effettiv tal-Fondi.

L-appoġġ għal azzjonijiet bħal dawn għandu jiġi implimentat permezz ta' finanzjament li ma jkunx marbut mal-kostijiet f'konformità mal-Artikolu 89.

# TITOLU IV
# MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI, KOMUNIKAZZJONI U VIŻIBILITÀ

## KAPITOLU I
## Monitoraġġ

*Artikolu 33*

***Kumitat ta' monitoraġġ***

1. L-Istat Membru għandu jwaqqaf kumitat għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm ("kumitat ta' monitoraġġ") fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika lill-Istat Membru kkonċernat dwar id-deċiżjoni li tapprova l-programm.

   L-Istat Membru jista' jistabbilixxi kumitat uniku ta' monitoraġġ biex ikopri aktar minn programm wieħed.

2. Kull kumitat ta' monitoraġġ għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

3. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jiltaqa' minn tal-anqas darba f'sena u għandu jagħmel rieżami tal-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress tal-programm lejn il-kisba tal-objettivi tiegħu.

4. L-Istat Membru għandu jippubblika r-regoli ta' proċedura tal-kumitat ta' monitoraġġ u d-data u l-informazzjoni kollha kondiviżi mal-kumitat ta' monitoraġġ fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 44(1).

5. Il-paragrafi minn 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw għall-programmi skont l-Artikolu [4(c)(vi)] tar-Regolament FSE+ u għall-assistenza teknika relatata.

*Artikolu 34*

***Kompożizzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ***

1. L-Istat Membru għandu jiddetermina l-kompożizzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ u għandu jiżgura rappreżentanza bilanċjata tal-awtoritajiet u tal-korpi intermedji rilevanti tal-Istat Membru, kif ukoll tar-rappreżentanti tal-imsieħba msemmija fl-Artikolu 6.

   Kull membru tal-kumitat ta' monitoraġġ għandu jkollu vot.

   L-Istat Membru għandu jippubblika l-lista tal-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 44(1).

2. Għandhom jipparteċipaw rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ f'kapaċità konsultattiva.

*Artikolu 35*

***Funzjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ***

1. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jeżamina:

(a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-programm u fl-ilħuq tal-istadji importanti u tal-miri;

(b) kull kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-programm u l-miżuri meħuda biex dawn il-kwistjonijiet ikunu trattati;

(c) il-kontribuzzjoni tal-programm għall-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi;

(d) l-elementi tal-valutazzjoni *ex ante* elenkati fl-Artikolu 52(3) u d-dokument ta' strateġija msemmi fl-Artikolu 53(2);

(e) il-progress li sar fit-twettiq tal-evalwazzjonijiet, il-ġabriet fil-qosor tal-evalwazzjonijiet u kwalunkwe segwitu għal dak li rriżulta mill-valutazzjonijiet;

(f) l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni u viżibilità;

(g) il-progress fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' importanza strateġika, meta rilevanti;

(h) l-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni;

(i) il-progress fil-bini ta' kapaċità amministrattiva għall-istituzzjonijiet pubbliċi u għall-benefiċjarji, meta rilevanti.

2. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu japprova:

(a) il-metodoloġija u l-kriterji użati għall-għażla tal-operazzjonijiet, inkluża kull bidla fihom, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni skont l-Artikolu 67(2), mingħajr preġudizzju għall-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 27(3);

(b) ir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni għall-programmi appoġġati mill-FEMS, mill-AMF, mill-ISF u mill-BMVI, u r-rapport finali dwar il-prestazzjoni għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni;

(c) il-pjan ta' evalwazzjoni u kull emenda li ssir fih;

(d) kull proposta mill-awtorità ta' ġestjoni għall-emendat ta' programm inkluż għal trasferimenti f'konformità mal-Artikolu 19(5) u mal-Artikolu 21.

*Artikolu 36*

***Rieżami annwali dwar il-prestazzjoni***

1. Għandha tiġi organizzata laqgħa annwali ta' rieżami bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru biex tiġi analizzata l-prestazzjoni ta' kull programm.

Il-laqgħa annwali ta' rieżami għandha tiġi ppreseduta mill-Kummissjoni jew, jekk l-Istat Membru jitlob dan, ikkoppreseduta mill-Istat Membru u mill-Kummissjoni.

2. Għall-programm appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, il-laqgħa ta' rieżami għandha tiġi organizzata minn tal-anqas darbtejn matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

3. Għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni, l-Istat Membru għandu, mhux aktar tard minn xahar qabel il-laqgħa annwali ta' rieżami, jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar l-elementi elenkati fl-Artikolu 35(1).

Għall-programmi taħt l-Artikoli [4(1)(c)(vii)] tar-Regolament FSE+, l-informazzjoni li trid tingħata għandha tkun limitata għall-punti (a), (b), (e), (f) u (h) tal-Artikolu 35(1).

4. L-eżitu tal-laqgħa annwali ta' rieżami għandu jiġi rreġistrat fil-minuti miftiehma.

5. L-Istat Membru għandu jagħmel segwitu ta' kwistjonijiet imqajma mill-Kummissjoni u jgħarraf lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur bil-miżuri meħuda.

6. Għall-programmi appoġġati mill-FEMS, mill-AMF, mill-ISF u mill-BMVI, l-Istat Membru għandu jippreżenta rapport annwali dwar il-prestazzjoni f'konformità mar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi.

*Artikolu 37*

***Trażmissjoni tad-data***

1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tittrażmetti elettronikament lill-Kummissjoni data kumulattiva għal kull programm sal-31 ta' Jannar, il-31 ta' Marzu, il-31 ta' Mejju, il-31 ta' Lulju, it-30 ta' Settembru u t-30 ta' Novembru ta' kull sena f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness VII.

L-ewwel trażmissjoni għandha tkun dovuta sal-31 ta' Jannar 2022 u l-aħħar waħda sal-31 ta' Jannar 2030.

Għall-programmi taħt l-Artikolu 4(1)(c)(vii) tar-Regolament FSE+, id-data għandha tkun trażmessa annwalment sat-30 ta' Novembru.

2. Id-data għandha tinqasam għal kull prijorità skont l-objettiv speċifiku u skont il-kategorija ta' reġjuni, u għandha tirreferi għal:

(a) l-għadd ta' operazzjonijiet magħżula, il-kost totali eliġibbli tagħhom, il-kontribuzzjoni mill-Fondi u n-nefqa totali eliġibbli ddikjarata mill-benefiċjarji lill-awtorità ta' ġestjoni, kollha mqassma skont it-tip ta' intervent;

(b) il-valuri tal-indikaturi tal-output u tar-riżultati għall-operazzjonijiet magħżula u l-valuri miksuba skont l-operaturi.

3. Għall-istrumenti finanzjarji, għandha tkun provduta wkoll data dwar dan li ġej:

(a) in-nefqa eliġibbli skont it-tip ta' prodott finanzjarju;

(b) l-ammont tal-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni ddikjarati bħala nefqa eliġibbli;

(c) l-ammont, skont it-tip ta' prodott finanzjarju, tar-riżorsi pubbliċi u privati mobilizzati apparti l-Fondi;

(d) l-imgħax u qligħ ieħor iġġenerati permezz tal-appoġġ tal-Fondi għall-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 54 u r-riżorsi mroddija lura attribwibbli lil appoġġ mill-Fondi kif imsemmi fl-Artikolu 56.

4. Id-data ppreżentata f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tkun affidabbli u aġġornata sa tmiem ix-xahar li jippreċedi x-xahar tal-preżentazzjoni.

5. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippubblika d-data trażmessa lill-Kummissjoni fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 44(1).

6. Għall-programmi appoġġati mill-FEMS, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 109(2) sabiex ikun stabbilit il-mudell li jrid jintuża għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 38*
***Rapport finali dwar il-prestazzjoni***

1. Għall-programmi appoġġati mill-FEŻR, mill-FSE+ u mill-Fond ta' Koeżjoni, kull awtorità ta' ġestjoni għandha tippreżenta rapport finali dwar il-prestazzjoni tal-programm lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar 2031.
2. Ir-rapport finali dwar il-prestazzjoni għandu jivvaluta l-ksib tal-objettivi tal-programm fuq il-bażi tal-elementi elenkati fl-Artikolu 35(1), ħlief għall-informazzjoni provduta skont l-Artikolu 35(1)(d).
3. Il-Kummissjoni għandha tanalizza r-rapport finali dwar il-prestazzjoni u tgħarraf lill-awtorità ta' ġestjoni b'kull kumment fi żmien ħames xhur mid-data li fiha tkun irċeviet ir-rapport finali dwar il-prestazzjoni. Meta jsiru tali kummenti, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa fir-rigward ta' dawn il-kummenti u, meta jkun xieraq, tgħarraf lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur dwar il-miżuri meħuda. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bl-aċċettazzjoni tar-rapport
4. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippubblika rapporti dwar il-prestazzjoni finali fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 44(1).
5. Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-mudell għar-rapport finali dwar il-prestazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 108.

# KAPITOLU II
# Evalwazzjoni

*Artikolu 39*
***Evalwazzjonijiet mill-Istati Membri***

1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha twettaq evalwazzjonijiet tal-programm. Kull evalwazzjoni għandha tivvaluta l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud Ewropew bil-għan li titjib il-kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi.
2. Barra minn hekk, l-awtorità ta' ġestjoni għandha twettaq evalwazzjoni għal kull programm biex tivvaluta l-impatt tiegħu sat-30 ta' Ġunju 2029.
3. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tħalli l-evalwazzjonijiet f'idejn esperti funzjonalment indipendenti.
4. L-awtorità ta' ġestjoni jew l-Istat Membru għandhom jiżguraw il-proċeduri neċessarji biex jipproduċu u jiġbru d-data neċessarja għall-evalwazzjonijiet.
5. L-awtorità ta' ġestjoni jew l-Istat Membru għandhom ifasslu pjan ta' evalwazzjoni. Tali pjan ta' evalwazzjoni jista' jkopri aktar minn programm wieħed. Għall-AMIF, għall-ISF u għall-BMVI dan il-pjan għandu jinkludi evalwazzjoni ta' nofs it-terminu li għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.
6. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippreżenta l-pjan ta' evalwazzjoni lill-kumitat ta' monitoraġġ mhux aktar tard minn sena wara l-approvazzjoni tal-programm.
7. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippubblika l-evalwazzjonijiet fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 44(1).

*Artikolu 40*
***Evalwazzjoni mill-Kummissjoni***

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu biex teżamina l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-relevanza, il-koerenza u l-valur miżjud Ewropew ta' kull Fond sa tmiem l-2024. Il-Kummissjoni tista' tuża l-informazzjoni kollha rilevanti diġà disponibbli skont l-Artikolu [128] tar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni retrospettiva biex teżamina l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-relevanza, il-koerenza u l-valur miżjud Ewropew ta' kull Fond sal-31 ta' Diċembru 2031.

# KAPITOLU III
# Viżibilità, trasparenza u komunikazzjoni

## TAQSIMA I
## VIŻIBILITÀ TAL-APPOĠĠ MILL-FONDI

*Artikolu 41*
***Viżibilità***

Kull Stat Membru għandu jiżgura:

(a) il-viżibbiltà tal-appoġġ fl-attivitajiet kollha marbuta mal-operazzjonijiet appoġġati mill-Fondi b'attenzjoni partikolari għal operazzjonijiet ta' importanza strateġika;

(b) komunikazzjoni għaċ-ċittadini tal-Unjoni tar-rwol u l-kisbiet tal-Fondi permezz ta' portal uniku għas-sit web li jipprovdi aċċess għall-programmi kollha li jinvolvu dak l-Istat Membru.

*Artikolu 42*
***Emblema tal-Unjoni***

L-Istati membri, l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-benefiċjarji għandhom jużaw l-emblema tal-Unjoni Ewropea skont l-Anness VIII meta jwettqu attivitajiet ta' viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni.

*Artikolu 43*
***Uffiċjali għall-komunikazzjoni u n-netwerks***

1. Kull Stat Membru għandu jidentifika koordinatur tal-komunikazzjoni għall-attivitajiet ta' viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni fir-rigward tal-appoġġ mill-Fondi, inklużi programmi taħt l-għan ta' Kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) fejn dak l-Istat Membru jospita l-awtorità ta' ġestjoni. Il-koordinatur għall-komunikazzjoni għandu jikkoordina miżuri ta' komunikazzjoni u viżibbiltà mal-programmi kollha.

   Il-koordinatur għall-komunikazzjoni għandu jinvolvi lill-korpi segwenti fl-attivitajiet ta' viżibilità, trasparenza u komunikazzjoni:

   (a) ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri; kif ukoll lil Ċentri ta' Informazzjoni tal-Europe Direct u netwerks oħra, istituzzjonijiet edukattivi u ta' riċerka;

   (b) imsieħba u korpi rilevanti oħra.

2. Kull awtorità ta’ ġestjoni għandha tidentifika uffiċjal għall-komunikazzjoni għal kull programm (“uffiċjal għall-komunikazzjoni tal-programm”)

3. Il-Kummissjoni għandha topera netwerk li tinkludi lill-koordinaturi għall-komunikazzjoni, lill-uffiċjali għall-komunikazzjoni tal-programm u rappreżentanti tal-Kummissjoni biex jiskambjaw informazzjoni dwar attivitajiet ta’ viżibbiltà, trasparenza u komunikazzjoni.

## TAQSIMA II
## TRASPARENZA TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FONDI U KOMUNIKAZZJONI DWAR IL-PROGRAMMI

### *Artikolu 44*
### ***Ir-responsabbiltajiet tal-awtorità ta' ġestjoni***

1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li, fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-programm, ikun hemm sit web fejn tkun disponibbli informazzjoni dwar programmi li hija responsabbli għalihom, li tkopri l-objettivi, l-attivitajiet, l-opportunitajiet ta’ finanzjament disponibbli u l-kisbiet tal-programm.

2. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tippubblika fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1, mill-inqas xahar qabel il-ftuħ ta’ sejħa għall-proposti, sommarju qasir tas-sejħiet għall-proposti ippjanati u ppubblikati bid-data segwenti:

(a) żona ġeografika koperta mis-sejħa għal proposta;

(b) objettiv tal-politika jew objettiv speċifiku kkonċernat;

(c) tip ta’ applikanti eliġibbli;

(d) ammont totali ta’ appoġġ għas-sejħa;

(e) dati għal bidu u t-tmiem tas-sejħa.

3. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tagħmel il-lista ta’ operazzjonijiet magħżula għall-appoġġ mill-Fondi disponibbli pubblikament fuq is-sit web f’mill-anqas waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Unjoni u għandha taġġornaha mill-inqas kull tliet xhur, Kull operazzjoni għandu jkollha kodiċi uniku. Din il-lista għandu jkun fiha d-data segwenti:

(a) fil-każ ta’ entitajiet ġuridiċi, isem il-benefiċjarju;

(b) fejn il-benefiċjarju huwa persuna fiżika, l-isem u l-kunjom;

(c) għall-operazzjonijiet tal-FEMS marbuta ma’ bastiment tas-sajd, in-numru ta’ identifikazzjoni tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni kif jissemma fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2017/218[44];

(d) isem l-operazzjoni;

(e) l-iskop tal-operazzjoni u l-kisbiet tagħha;

(f) id-data ta’ bidu tal-operazzjoni;

(g) id-data mistennija jew reali tat-tlestija tal-operazzjoni;

(h) il-kost totali tal-operazzjoni;

(i) il-Fond ikkonċernat;

---

[44] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar 2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9).

(j) l-objettiv speċifiku konċernat;

(k) ir-rata ta' kofinanzjament mill-Unjoni;

(l) indikatur tal-post jew ġeolokalizzazzjoni għall-operazzjoni u l-pajjiż ikkonċernati;

(m) għal operazzjonijiet mobbli jew li jkopru bosta postijiet, il-post tal-benefiċjarju meta dan ikun entità ġuridika; jew ir-reġjun fil-livell NUTS 2 meta l-benefiċjarju huwa persuna fiżika;

(n) tip ta' intervent għall-operazzjoni f'konformità mal-Artikolu 67(3)(g);

Għal data msemmija fil-punti (b), (c) u (k) tal-ewwel subparagrafu, id-data għandha titneħħa wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni inizjali tagħha fuq is-sit web.

Għal programmi appoġġati mill-FEMS, id-data msemmija fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun ippubblikata biss jekk tali pubblikazzjoni hija konformi mal-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali.

4. Id-data msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandha tkun ippubblikata fuq is-sit web f'formati miftuħa u li jinqraw mill-magni, kif stipulat fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2003/98/KE[45] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li tippermetti li d-data tkun magħżula, imfittxija, estratta, mqabbla u użata mill-ġdid.

5. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tinforma lill-benefiċjarji li d-data se ssir pubblika qabel ma tkun ippubblikata skont dan l-Artikolu.

6. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li l-materjal kollu ta' komunikazzjoni u viżibbiltà fil-livell tal-benefiċjarju jkun disponibbli fuq talba lill-istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji tal-Unjoni u liċenzja mingħajr dritt dovut għall-użu ta' proprjetà, mhux esklussiva u irrevokabbli għall-użu ta' dan il-materjal u kull dritt pre-eżistenti marbuta miegħu jingħataw lill-Unjoni skont l-Anness VIII.

*Artikolu 45*

***Ir-Responsabbiltajiet tal-benefiċjarji***

1. Benefiċjarji u korpi li jimplimentaw strumenti finanzjarji għandhom jirrikonoxxu l-appoġġ mill-Fondi, inklużi riżorsi użati mill-ġdid skont l-Artikolu 56 għall-operazzjoni billi:

(a) jipprovdi fuq il-websajt professjonali jew is-siti tal-midja soċjali tal-benefiċjarju, fejn tali siti jeżistu, spjegazzjoni qasira dwar l-operazzjoni, proporzjonata għal-livell tal-appoġġ, inklużi l-għanijiet u r-riżultati tagħha, u jixħet dawl fuq l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni;

(b) jipprovdu dikjarazzjoni li tissottolinja l-appoġġ mill-Fondi b'manjiera viżibbli fuq dokumenti u materjali għall-komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjoni, użati għall-pubbliku jew għall-parteċipanti;

(c) jesponu plakkek u billboards hekk kif tibda l-implimentazzjoni fiżika tal-operazzjonijiet li tinvolvi investiment fiżiku jew ix-xiri ta' tagħmir, fir-rigward tas-segwenti:

(i) operazzjonijiet appoġġati mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni, li l-kost totali tagħhom jaqbeż l-EUR 500 000;

(ii) operazzjonijiet appoġġati mill-FSE+, mill-FEMS, mill-ISF, mill-AMIF u mill-BMVI, li l-kost totali tagħhom jaqbeż l-EUR 100 000;

---

45 Id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 90).

(d) għal operazzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-punt (c), jesponu pubblikament almenu displej stampat jew elettroniku ta’daqs minimu A3 bl-informazzjoni dwar l-operazzjoni li jissottolinja l-appoġġ mill-Fondi;

(e) għal operazzjonijiet ta’ importanza strateġika u operazzjonijiet li l-kost totali tagħhom jaqbeż l-EUR 10 000 000 li jorganizzaw avveniment ta’ komunikazzjoni u li jinvolvi l-Kummissjoni u l-awtorità ta' ġestjoni responsabbli b’mod f’waqtu.

Għal operazzjonijiet appoġġati bl-objettiv speċifiku stipulat fl-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament FSE+, dan ir-rekwiżit ma japplikax.

2. Għal fondi ta’ proġetti żgħar, il-benefiċjarju għandu jiżgura li r-riċevituri finali jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1.

Għal strumenti finanzjarji, il-benefiċjarju għandu jiżgura li r-riċevituri finali jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fil-punt (c) tal-paragrafu 1.

3. Jekk il-benefiċjarju ma jikkonformax mal-obbligazzjonijiet skont l-Artikolu 42 jew il-paragrafi 1 u 2 ta’ dan l-Artikolu, l-Istat Membru għandu japplika korrezzjoni finanzjarja billi jikkanċella sa 5 % tal-appoġġ mill-Fondi għall-operazzjoni kkonċernata.

## TITOLU V
## APPOĠĠ FINANZJARJU MILL-FONDI

# KAPITOLU I
# Forom ta’ kontribuzzjoni tal-Unjoni

*Artikolu 46*
***Forom ta’ kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi***

Il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jieħdu kwalunkwe forma minn dawn li ġejjin:

(a) finanzjament mhux marbut ma’ kostijiet tal-operazzjonijiet rilevanti skont l-Artikolu 89 u bbażat fuq waħda mis-segwenti:

(i) l-issodisfar tal-kundizzjonijiet;

(ii) il-kisba tar-riżultati;

(b) rimborż tal-kostijiet eliġibbli realment imġarrba mill-benefiċjarji jew l-imsieħba privati tal-operazzjonijiet PPP u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet;

(c) kostijiet unitarji skont l-Artikolu 88, li jkopru l-kategoriji kollha jew ċerti kategoriji speċifiċi ta’ kostijiet eliġibbli, identifikati b’mod ċar bil-quddiem permezz ta’ referenza għal ammont għal kull unità.

(d) somom f'daqqa skont l-Artikolu 88, li jkopru kumplessivament il-kategoriji kollha jew ċerti kategoriji speċifiċi ta’ kostijiet eliġibbli, identifikati b’mod ċar bil-quddiem.

(e) finanzjament b’rata fissa skont l-Artikolu 88, li jkopri kategoriji speċifiċi ta’ kostijiet eliġibbli, identifikati b’mod ċar bil-quddiem, billi jkun applikat perċentwali.

(f) taħlita tal-forom imsemmijin fil-punti minn (a) sa (e).

# KAPITOLU II
# Forom ta' appoġġ mill-Istati Membri

*Artikolu 47*

***Forom ta' appoġġ***

L-Istati Membri għandhom jużaw il-kontribuzzjoni mill-Fondi biex jipprovdu appoġġ lill-benefiċjarji fil-forma ta' għotjiet, strumenti finanzjarji jew premijiet jew taħlita ta' dawn il-miżuri.

## TAQSIMA I
## FOROM TA' GĦOTJIET

*Artikolu 48*

***Forom ta' għotjiet***

1. Għotjiet ipprovduti mill-Istati Membri lill-benefiċjarji jistgħu jieħdu kwalunkwe waħda mill-forom segwenti:

(a) rimborż tal-kostijiet eliġibbli realment imġarrba minn benefiċjarju jew l-imsieħeb privat tal-operazzjonijiet PPP u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet, inklużi kontribuzzjonijiet in natura u deprezzament;

(b) kostijiet unitarji;

(c) somom f'daqqa;

(d) finanzjament b'rata fissa:

(e) taħlita ta' forom imsemmija fil-punti minn (a) sa (d) sakemm kull forma tkopri kategoriji differenti ta' kostijiet jew fejn dawn jintużaw għal proġetti differenti li jiffurmaw parti minn operazzjoni jew għal fażijiet suċċessivi ta' operazzjoni.

Jekk il-kost totali ta' operazzjoni ma jaqbiżx l-EUR 200 000, il-kontribuzzjoni provduta lill-benefiċjarju mill-FEŻR, mill-FSE+, mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI għandha tieħu l-forma ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa jew ta' rati fissi, għajr għal dawk l-operazzjonijiet li għalihom l-appoġġ jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Jekk jintuża finanzjament b'rata fissa, huma biss il-kategoriji tal-kost li għalihom tapplika r-rata fissa li jistgħu jkunu rimborżati skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu.

Barra minn hekk, allowances u s-salarji mħallsa lil parteċipanti jistgħu jkunu rimborżati skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu.

2. L-ammonti għall-forom ta' għotjiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-tal-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti b'wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) metodu ta' kalkolu ġust, ekwitabbli u verifikabbli bbażat fuq:

(i) data statistika, informazzjoni oġġettiva oħra jew ġudizzju espert;

(ii) id-data storika vverifikata ta' benefiċjarji individwali;

(iii) l-applikazzjoni tal-prattiki kontabilistiċi normali tal-kostijiet ta' benefiċjarji individwali;

(b) abbozz ta' baġit stabbilit skont il-każ u miftiehem *ex ante* mill-korp li jagħżel l-operazzjoni, fejn il-kost totali tal-operazzjoni ma jaqbiżx il-EUR 200 000;

(c) f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni ta' kostijiet unitarji korrispondenti , somom f'daqqa u rati fissi applikabbli f'politiki tal-Unjoni għal tip simili ta' operazzjoni;

(d) f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni ta' kostijiet unitarji korrispondenti, somom f'daqqa u rati fissi applikati skont skemi għall-għotjiet iffinanzjati għal kollox mill-Istat Membru għal tip simili ta' operazzjoni;

(e) rati fissi u metodi speċifiċi stabbiliti minn dan ir-Regolament jew ir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond.

*Artikolu 49*

***Il-Finanzjament b'rata fissa għall-kostijiet indiretti li jikkonċernaw l-għotjiet***

Jekk tintuża rata fissa li tkopri l-kostijiet indiretti ta' operazzjoni, hija għandha tkun ibbażata fuq waħda mis-segwenti.

(a) rata fissa sa massimu ta' 7 % tal-kostijiet diretti eliġibbli, f'liema każ l-Istat Membru ma jkunx mitlub jagħmel kalkolu biex tiġi ddeterminata r-rata applikabbli;

(b) rata fissa sa massimu ta' 15 % tal-kostijiet diretti tal-persunal eliġibbli, f'liema każ l-Istat Membru ma jkunx mitlub jagħmel kalkolu biex tiġi ddeterminata r-rata applikabbli;

(c) rata fissa sa massimu ta' 25 % tal-kostijiet diretti eliġibbli, sakemm din ir-rata tkun ikkalkulata skont l-Artikolu 48(2)(a).

Barra minn hekk, fejn Stat Membru jkun ikkalkula rata fissa skont l-Artikolu 67(5)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, din ir-rata fissa tista' tintuża għal operazzjoni simili għall-finijiet tal-punt (c).

*Artikolu 50*

***Kostijiet diretti tal-persunal dwar għotjiet***

1. Il-kostijiet diretti tal-persunal ta' operazzjoni jistgħu jiġu kkalkulati b'rata fissa sa massimu ta' 20 % tal-kostijiet diretti għajr il-kostijiet tal-persunal ta' dik l-operazzjoni, mingħajr ma jkun hemm rekwiżit li l-Istat Membru jagħmel kalkolu biex jiddetermina r-rata applikabbli pprovduta li l-kostijiet diretti tal-operazzjoni ma jinkludux kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi jew kuntratti ta' forniment jew servizz li jeċċedu fil-valur il-limitu minimu stipulat fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46] jew l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47].

   Għall-AMIF, l-ISF u l-BMVI, kull kost soġġett għall-akkwist pubbliku u l-kostijiet diretti tal-persunal ta' dik l-operazzjoni għandhom ikunu esklużi mill-bażi għall-kalkolu tar-rata fissa.

2. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kostijiet diretti tal-persunal, tista' tkun ikkalkulata rata fis-siegħa b'wieħed mill-modi li ġejjin:

   (a) billi niddividu l-kostijiet annwali gross l-aktar riċenti dokumentati tal-kostijiet tal-impjegatur b'1720 siegħa għall-persuni li jaħdmu full-time, jew b'siegħat prorata korrispondenti minn 1720 siegħa, għal persuni li jaħdmu part-time;

   (b) billi niddividu l-kostijiet mensili gross tal-impjiegi dokumentati riċentament bil-ħin tax-xogħol tal-persuna kkonċernata għal dak ix-xahar skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli msemmija fil-kuntratt ta' impjieg.

[46] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

[47] Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

3. Jekk tiġi applikata r-rata fis-siegħa kkalkolata f'konformità mal-paragrafu 2, l-għadd totali ta' sigħat iddikjarati għal kull persuna għal sena jew xahar partikolari ma għandx jeċċedi l-għadd ta' sigħat użati għall-kalkolu ta' dik ir-rata fis-siegħa.

4. Jekk il-kostijiet tal-impjiegi gross annwali ma jkunux disponibbli, dawn jistgħu jiġu dderivati mill-kostijiet tal-impjiegi gross iddokumentati disponibbli jew mill-kuntratt għall-impjieg, aġġustati kif adatt għal perijodu ta' 12-il xahar.

5. Il-kostijiet tal-persunal relatati ma' individwi li jaħdmu fuq assenjament part-time fuq l-operazzjoni jistgħu jiġu kkalkolati bħala perċentwal fiss mill-kostijiet tal-impjieg gross, f'konformità ma' perċentwal fiss ta' ħin maħdum kull xahar fuq l-operazzjoni, mingħajr ebda obbligu li tiġi stabbilita sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin tax-xogħol separata. Min iħaddem għandu joħroġ dokument għall-impjegati li jistabbilixxi dak il-perċentwal fiss."

*Artikolu 51*

***Finanzjament b'rata fissa għall-kostijiet eliġibbli għajr kostijiet tal-persunal li jikkonċernaw għotjiet***

1. Tista' tintuża rata fissa sa massimu ta' 40 % tal-kostijiet diretti tal-persunal eliġibbli sabiex tkopri l-kostijiet eliġibbli li jifdal ta' operazzjoni L-Istat Membru ma għandux ikun meħtieġ li jagħmel kalkolu biex jiddetermina r-rata applikabbli.

2. Għal operazzjonijiet appoġġati mill-AMIF, l-ISF, il-BMVI, il-FSE+ u l-FEŻR, is-salarji u l-allokazzjonijiet imħallsin lill-parteċipanti għandhom jitqiesu bħala kost eliġibbli addizzjonali mhux inkluż fir-rata fissa.

3. Ir-rata fissa msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun applikata għal kostijiet tal-persunal ikkalkolati fuq il-bażi tar-rata fissa kif imsemmija fl-Artikolu 50(1).

## TAQSIMA II
## STRUMENTI FINANZJARJI

*Artikolu 52*

***Strumenti finanzjarji***

1. L-awtoritajiet ta' ġestjoni jistgħu jipprovdu kontribuzzjoni, fi programm wieħed jew aktar, għal strumenti finanzjarji mwaqqfa f'livell nazzjonali, reġjonali, transnazzjonali jew transfruntier u ġestiti minn, jew taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni li tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi.

2. L-istrumenti finanzjarji għandhom jipprovdu appoġġ lir-riċevituri finali għall-investimenti ġodda biss li huma mistennija li jkunu finanzjarjament vijabbli, bħal pereżempju fil-ġenerazzjoni ta' dħul jew iffrankar, u li ma jsibux finanzjament suffiċjenti mis-sorsi tas-suq.

3. L-appoġġ mill-Fondi pemezz ta' istrumenti finanzjarji għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni *ex ante* mfassla mill-awtorità ta' ġestjoni responsabbli. Il-valutazzjoni *ex ante* għandha titlesta qabel ma l-awtorità ta' ġestjoni tiddeċiedi li tagħmel kontribuzzjonijiet tal-programm għal strumenti finanzjarji.

Il-valutazzjoni *ex ante* għandha tinkludi tal-anqas l-elementi li ġejjin:

(a) l-ammont propost ta' kontribuzzjoni tal-programm għal strument finanzjarju u l-effett ta' ingranaġġ mistenni;

(b) il-prodotti finanzjarji li għandhom jiġu offruti, inkluża l-possibbiltà ta' ħtieġa għal trattament differenzjat tal-investituri;

(c) il-grupp fil-mira propost ta' riċevituri finali;

(d) il-kontribuzzjoni mistennija tal-istrument finanzjarju għall-kisba ta' objettivi speċifiċi.

Il-valutazzjoni *ex ante* tista' tkun rieżaminata jew aġġornata u tista' tkopri parti mit-territorju tal-Istat Membru jew l-Istat Membru sħiħ u tista' tkun ibbażata fuq valutazzjonijiet *ex ante* eżistenti jew aġġornati.

4. L-appoġġ għar-riċevituri finali jista' jkun ikkombinat ma kwalunkwe forma ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni, anki mill-istess Fond u jista' jkopri l-istess element tan-nefqa. F'dak il-każ, l-appoġġ tal-istrument finanzjarju mill-Fond, li huwa parti minn operazzjoni tal-istrument finanzjarju, ma għandux ikun iddikjarat lill-Kummissjoni għall-appoġġ taħt forma oħra, fond ieħor jew strument ieħor tal-Unjoni.

5. Strumenti finanzjarji jistgħu jkunu kombinati ma' appoġġ anċillari tal-programmi fil-forma ta' għotjiet bħala operazzjoni unika ta' strument finanzjarju, fi ftehim uniku ta' finanzjament, fejn iż-żewġ forom distinti ta' appoġġ għandhom ikunu provduti mill-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju. F'tali każ għandhom japplikaw l-istrumenti finanzjarji applikabbli għal dik l-operazzjoni unika tal-istrument finanzjarju.

6. F'każ ta' appoġġ kombinat skont il-paragrafi 4 u 5 għandhom jinżammu rekords separati għal kull sors ta' appoġġ.

7. It-total tal-forom kollha ta' appoġġ kombinat ma għandux jaqbeż l-ammont totali tal-element a' nefqa kkonċernat. L-għotjiet ma għandhomx jintużaw biex jiġi rimborżat sostenn irċevut minn strumenti finanzjarji. L-istrumenti finanzjarji ma għandhomx jintużaw biex jiġu prefinanzjati l-għotjiet.

### *Artikolu 53*
### ***Implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji***

1. Strumenti finanzjarji ġestiti mill-awtorità ta' ġestjoni jistgħu biss jipprovdu self jew garanziji. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet dwar il-kontribuzzjoni tal-programm għall-istrument finanzjarju f'dokument ta' strateġija li jinkludi l-elementi kollha stabbiliti fl-Anness IX.

2. Strumenti finanzjarji ġestiti taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' ġestjoni jistgħu jitwaqqfu bħala wieħed mis-segwenti:

(a) investiment ta' riżorsi tal-programm fil-kapital ta' entità legali;

(b) blokki separati ta' kontijiet fiduċjarji jew finanzjarji fl-istituzzjoni.

L-awtorità ta' ġestjoni għandha tagħżel il-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju.

Jekk il-korp magħżul mill-awtorità ta' ġestjoni jimplimenta fond ta' parteċipazzjoni, dan il-korp jista' ulterjorment jagħżel korpi oħra biex jimplimenta fond speċifiku.

3. It-terminu u l-kundizzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet tal-programm għal strumenti finanzjarji implimentati skont il-paragrafu 2 għandhom jkunu stabbiliti fi ftehimiet ta' finanzjament bejn:

(a) ir-rappreżentanti bil-mandat dovut tal-awtorità ta' ġestjoni u l-korp li jimplimenta fond ta' parteċipazzjoni, fejn applikabbli;

(b) ir-rappreżentanti bil-mandat dovut tal-awtorità ta' ġestjoni, jew, fejn applikabbli, il-korp li jimplimenta fond ta' parteċipazzjoni u l-korp li jimplimenta fond speċifiku;

Dawn il-ftehimiet ta' finanzjament għandhom jinkludu l-elementi kollha stabbiliti fl-Anness IX.

4. L-obbligazzjoni finanzjarja tal-awtorità ta' ġestjoni ma għandhiex taqbeż l-ammont impenjat mill-awtorità ta' ġestjoni għall-istrument finanzjarju skont il-ftehimiet ta' finanzjament rilevanti.

5. Il-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji kkonċernati, jew fil-kuntest tal-garanziji, il-korpi li jipprovdu s-selfiet sottostanti, għandhom jagħżlu r-riċevituri finali, waqt li jikkunsidraw b'mod dovut l-objettivi tal-programm u l-potenzjal għall-vijabbiltà finanzjarja tal-investiment kif ġustifikati fil-pjan tan-negozju jew f'dokument ekwivalenti. Il-proċess tal-għażla ta' riċevituri finali għandu jkun trasparenti, ġustifikat min-natura tal-azzjoni u ma għandux iwassal għal kunflitt ta' interess.

6. Il-kofinanzjament nazzjonali ta' programm jista' jingħata fil-livell tal-awtorità ta' ġestjoni jew fil-livell tal-fondi ta' parteċipazzjoni, jew fil-livell ta' fondi speċifiċi, jew fil-livell tal-investimenti f'reċivituri finali, skont ir-regoli speċifiċi għall-Fondi. Jekk il-kofinanzjament nazzjonali jiġi pprovdut fil-livell ta' investiment fir-riċevituri finali, il-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju għandu jżomm evidenza dokumentata li turi l-eliġibbiltà tan-nefqa sottostanti.

7. L-awtorità ta' ġestjoni, fil-ġestjoni tal-istrument finanzjarju skont il-paragrafu 2 jew il-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju, fil-ġestjoni tal-istrument finanzjarju skont il-paragrafu 3, għandhom iżommu kontijiet separati jew ikollhom kodiċi kontabilistika għal kull prijorità u għal kull kategorija ta' reġjun għal kull kontribuzzjoni tal-programm u separatament għar-riżorsi msemmija fl-Artikoli 54 u 56 rispettivament.

*Artikolu 54*

***Imgħax u dħul ieħor iġġenerat permezz tas-sostenn mill-Fondi għall-istrumenti finanzjarji***

1. L-appoġġ mill-Fondi mħallas lill-istrumenti finanzjarji għandu jitpoġġa f'kontijiet li jrendu l-imgħax f'istituzzjonijiet finanzjarji domiċiljati fl-Istati Membri u għandu jiġi ġestit skont il-prinċipji ta' ġestjoni attiva tal-flus u l-ġestjoni finanzjarja soda.

2. L-imgħax u dħul ieħor li jista' jiġi attribwit lill-appoġġ mill-Fondi mħallas lill-istrumenti finanzjarji għandu jintuża għall-istess objettiv jew objettivi ta' appoġġ inizjali mill-Fondi, jew fl-istess strument finanzjarju; jew, sussegwentament għall-għeluq tal-istrumenti finanzjarju, fi strumenti finanzjarji oħrajn jew forom oħra ta' appoġġ, sa tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà.

3. Imgħax u gwadann ieħor imsemmi fil-paragrafu 2 li ma jintużax skont dik id-dispożizzjoni għandu jitnaqqas min-nefqa eliġibbli.

*Artikolu 55*

***Trattament differenzjat tal-investituri***

1. Appoġġ mill-Fondi lill-istrumenti finanzjarji investiti f'riċevituri finali kif ukoll kwalunkwe tip ta' introjtu ġġenerat minn dawk l-investimenti, li huwa attribwibbli għall-appoġġ mill-Fondi, jista' jintuża għall-trattament differenzjat ta' investituri li joperaw skont il-prinċipju ta' ekonomija orjentata lejn is-suq permezz ta' kondiviżjoni xierqa tar-riski u tal-profitti.

2. Il-livell ta' tali trattament differenzjat ma għandux jaqbeż dak li hu neċessarju biex joħloq inċentivi biex jattiraw riżorsi privati, stabbiliti minn proċess kompetittiv jew valutazzjoni indipendenti.

*Artikolu 56*
***Użu mill-ġdid tar-riżorsi attribwibbli għall-appoġġ mill-fondi***

1. Riżorsi mħallsa lura, qabel tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà, lil strumenti finanzjarji minn investimenti f'riċevituri finali jew mir-rilaxx ta' riżorsi mwarrba kif miftiehem fil-kuntratti ta' garanzija, inklużi pagamenti lura ta' kapital u kwalunkwe tip ta' introjtu ġġenerat li huwa attibwibbli għall-appoġġ mill-Fondi, għandu jintuża mill-ġdid fl-istess strumenti finanzjarji jew f'oħrajn għal investiment ulterjuri fir-riċevituri finali, skont l-istess objettiv speċifiku u għal kwalunkwe kostijiet u tariffi ta' ġestjoni assoċjati ma' tali investiment ulterjuri.

2. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li r-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1 u mħallsa lura lill-istrumenti finanzjarji matul perjodu ta' mill-inqas tmien snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' eliġibbiltà, jiġu użati mill-ġdid f'konformità mal-objettivi tal-programm jew programmi taħt liema twaqqfu, jew fl-istess strument finanzjarju jew, wara l-ħruġ ta' dawk ir-riżorsi mill-istrument finanzjarju, fi strumenti finanzjarji oħra jew f'forom oħra ta' appoġġ.

# KAPITOLU III
# Regoli ta' Eliġibbiltà

*Artikolu 57*
***Eliġibbiltà***

1. L-eliġibbiltà tan-nefqa għandha tiġi ddeterminata fuq il-bażi tar-regoli nazzjonali, ħlief fejn ikunu stabbiliti r-regoli speċifiċi f'dan ir-Regolament jew fuq il-bażi tiegħu jew tar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi.

2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fondi jekk tkun saret minn benefiċjarju jew mill-imsieħeb privat f'każ ta' operazzjoni PPP u tħallset fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet, bejn id-data tal-preżentazzjoni tal-programm lill-Kummissjoni jew mill-1 ta' Jannar 2021, skont liema data tiġi l-ewwel, u l-31 ta' Diċembru 2029.

   Għal kostijiet rimborżati skont il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 48(1), l-azzjonijiet li jikkostitwixxu l-bażi tar-rimborż għandhom jitwettqu bejn id-data tal-preżentazzjoni tal-programm lill-Kummissjoni jew mill-1 ta' Jannar 2021, skont liema data tiġi l-ewwel, u l-31 ta' Diċembru 2029.

3. Għall-FEŻR, in-nefqa relatata ma' operazzjonijiet li jkopru aktar minn kategorija waħda tar-reġjuni kif stipulat fl-Artikolu 102(2) fi Stat Membru għandha tkun allokata fil-kategoriji tar-reġjuni kkonċernati fuq bażi *pro rata*, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi.

   Għall-FSE+, in-nefqa relatata mal-operazzjonijiet għandha tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi speċifiċi tal-programm.

4. Operazzjoni sħiħa jew parti minnha jistgħu jiġu implimentati barra minn Stat Membru, anki barra mill-Unjoni, sakemm dik l-operazzjoni tikkontribwixxi għall-objettivi tal-programm.

5. Għal għotjiet li jieħdu l-forma tal-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 48(1), in-nefqa li għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fondi għandha tkun l-istess bħall-ammonti kkalkolati skont l-Artikolu 48(2).

6. L-operazzjonijiet ma għandhomx jiġu magħżula għall-appoġġ mill-Fondi fejn ikunu tlestew fiżikament jew ġew implimentati bis-sħiħ qabel ma ssir l-applikazzjoni għall-finanzjament skont il-programm lill-awtorità ta' ġestjoni, irrispettivament minn jekk il-pagamenti relatati kollha jkunux saru.

7. Nefqa li ssir eliġibbli bħala riżultat ta’ emenda ta’ programm għandha tkun eliġibbli mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba korrispondenti lill-Kummissjoni.

Għall-FEŻR, il-Fond ta’ Koeżjoni, dan għandu jkun il-każ fejn tip ġdid ta’ intervent imsemmi fit-Tabella 1 tal-Anness I jew, għall-AMIF, l-ISF u l-BMVI, fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond tiżdied fil-programm.

Jekk programm ikun emendat biex jipprovdi reazzjoni għal diżastri naturali, il-programm jista’ jipprovdi li l-eliġibbiltà tan-nefqa marbuta ma’ tali emendi tibda mid-data meta jkun seħħ id-diżastru naturali.

8. Jekk programm ġdid ikun approvat fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu skont l-Artikolu 14, in-nefqa għandha tkun leġibbli mid-datta tal-preżentazzjoni tat-talba korrispondenti lill-Kummissjoni.

9. Operazzjoni tista’ tirċievi appoġġ minn Fnd wieħed jew aktar jew minn programm wieħed jew aktar u minn strumenti ħra tal-Unjoni. F’każijiet bħal dawn, nefqa ddikjarata f’talba għall-ħlas għal wieħed mill-Fondi ma għandhiex tkun iddikjarata għal xi wieħed mis-segwenti:

(a) appoġġ minn Fond jew strument tal-Unjoni ieħor;

(b) appoġġ mill-istess Fond taħt programm ieħor.

L-ammont tan-nefqa li jrid jiddaħħal f'applikazzjoni għal pagament ta' Fond jista' jiġi kkalkolat għal kull Fond u għall-programm jew programmi kkonċernati fuq bażi *pro rata* f'konformità mad-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ."

*Artikolu 58*

***Kostijiet li mhumiex eliġibbli.***

1. Il-kostijiet segwenti eliġibbli ma għandhomx ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fondi:

(a) interessi fuq id-dejn, ħlief fir-rigward ta' għotjiet mogħtija fil-forma ta’ sussidju għal rata tal-interess jew sussidju ta’ tariffa għal garanzija;

(b) ix-xiri ta' art għal ammont ogħla minn 10 % tan-nefqa totali eliġibbli għall-azzjoni konċernata; għal siti abbandunati u għal dawk li qabel kellhom użu industrijali li jinkludu bini, dak il-limitu għandu jiżdied għal 15 %. għal garanziji, dawn il-perċentwali għandhom japplikaw fuq l-ammont tas-self sottostanti;

(c) taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), għajr għal operazzjonijiet li l-kost totali tagħhom huwa inqas minn EUR 5 000 000.

Għall-punt (b), il-limiti ma għandhomx japplikaw għal operazzjonijiet li jirrigwardaw il-konservazzjoni ambjentali.

2. Ir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond jistgħu jidentifikaw kostijiet addizzjonali li mhumiex eliġibbli għall-kontribuzzjoni minn kull Fond.

*Artikolu 59*

***Id-durabbiltà tal-operazzjonijiet***

1. L-Istat Membru għandu jħallas lura l-kontribuzzjoni mill-Fondi għal operazzjoni li tikkonsisti minn investiment fl-infrastruttura jew investiment produttiv, jekk fi żmien ħames snin mill-pagament finali lill-benefiċjarju jew fil-perjodu ta’ żmien stabbilit fir-regoli tal-għajnuna mill-Istat, meta applikabbli, din l-operazzjoni tkun soġġetta għal xi sitwazzjoni mis-segwenti:

(a) waqfien jew trasferiment ta’ attività produttiva;

(b) bidla tas-sjieda ta’ oġġett infrastrutturali li tagħti vantaġġ mhux dovut lil impriża jew lil korp pubbliku;

(c) bidla sostanzjali li taffettwa n-natura, l-għanijiet jew il-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tagħha, li jirriżulta fl-imminar tal-għanijiet oriġinali tagħha.

L-Istat Membru jista’ jnaqqas il-limitu ta’ żmien stabbilit fl-ewwel subparagrafu għal tliet snin fil-każ taż-żamma ta’ investimenti jew impjiegi maħluqa minn SMEs.

2. Operazzjonijiet appoġġati mill-FSE+ għandhom iħallsu lura l-appoġġ mill-FSE+ biss meta jkunu soġġetti għal obbligu għaż-żamma ta’ investiment skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal ebda operazzjoni li tgħaddi minn waqfien ta’ attività produttiva minħabba falliment mhux frawdolenti.

*Artikolu 60*

***Rilokazzjoni***

1. Nefqa li tappoġġa r-rilokazzjoni kif definita fl-Artikolu 2(26) ma għandhiex tkun eliġibbli għal kontribuzzjonimill-Fondi.

2. Meta kontribuzzjoni mill-Fondi tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tara li l-kontribuzzjoni ma tappoġġax rilokazzjoni skont l-Artikolu 14(16) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014.

*Artikolu 61*

***Regoli tal-eliġibbiltà speċifiċi għall-għotjiet***

1. Kontribuzzjonijiet in natura fil-forma ta’ provvediment ta’ xogħlijiet, beni, servizzi, art u proprjetà immobbli li għalihom ma jkun sar l-ebda pagament sostnut minn fatturi, jew dokumenti ta’ valur probatorju ekwivalenti, jistgħu jkunu eliġibbli meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet segwenti:

(a) l-appoġġ pubbliku mogħti lill-operazzjoni li jinkludi kontribuzzjonijiet in natura ma jaqbżux in-nefqa totali eliġibbli, minbarra kontribuzzjonijiet in natura, fl-aħħar tal-operazzjoni;

(b) il-valur attribwit lill-kontribuzzjonijiet in natura ma jaqbiżx il-kostijiet aċċettati ġeneralment fis-suq in kwistjoni;

(c) il-valur u t-twassil tal-kontribuzzjoni in natura jistgħu jiġu vvalutati u vverifikati b'mod indipendenti.

(d) fil-każ tal-provvista ta’ art jew ta’ proprjetà immobbli, jista’ jsir pagament għall-finijiet ta’ ftehim ta’ kiri ta’ ammont nominali annwalment li ma jaqbiżx unità singola tal-munita tal-Istat Membru;

(e) fil-każ ta’ kontribuzzjonijiet in natura fil-forma ta’ xogħol mhux imħallas, il-valur ta’ dak ix-xogħol jiġi ddeterminat billi jitqies il-ħin meħud ivverifikat u r-rata ta’ rimunerazzjoni għal xogħol ekwivalenti.

Il-valur tal-art jew tal-proprjetà immobbli msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu għandu jiġi ċċertifikat minn espert kwalifikat indipendenti jew minn korp uffiċjali awtorizzat kif mistħoqq u ma jaqbiżx il-limitu stipulat fl-Artikolu 58(1)(b).

2. Il-kostijiet ta’ deprezzament li għalihom ma jkun sar l-ebda pagament sostnut minn fatturi, jista’ jkun ikkunsidrat bħala eliġibbli meta jkunu sodisfati l-kundizzjonijiet segwenti:

(a) ir-regoli ta' eliġibbiltà tal-programm jippermettu dan;

(b) l-ammont tan-nefqa huwa ġġustifikat permezz ta' dokumenti li jappoġġawh li għandhom valur probatarju ekwivalenti għall-fatturi għal kostijiet eliġibbli fejn dawn il-kostijiet ikunu rimborżati fil-forma msemmija fl-Artikolu 48(1)(a);

(c) il-kostijiet ikunu marbuta b'mod esklussiv mal-perjodu ta' appoġġ għall-operazzjoni;

(d) ma kkontribbwixxewx għotjiet pubbliċi għall-akkwist tal-assi deprezzati.

*Artikolu 62*

***Regoli tal-eliġibbiltà speċifiċi għall-istrumenti finanzjarji***

1. In-nefqa eliġibbli ta' strument finanzjarju għandha tkun l-ammont totali tal-kontribuzzjoni mħallsa lill-istrument finanzjarju, jew, fil-każ ta' garanziji, imwarrba kif miftiehem fil-kuntratti ta' garanzija mill-istrument finanzjarju fil-perjodu ta' eliġibbiltà, meta l-ammont jikkorrispondi għal:

(a) pagamenti lil riċevituri finali, fil-każ ta' self, investiminti ta' ekwità u dawk ta' kważi ekwità;

(b) riżorsi mwarrba kif miftiehem fil-kuntratti ta' garanzija, kemm jekk pendenti jew li diġà mmaturaw, sabiex ikunu onorati talbiet possibbli għal ħlas ta' garanzija f'każ ta' telf, ikkalkolati fuq il-bażi ta' proporzjon multiplikatur li jkopri ammont multiplu ta' selfiet ġodda sottostanti żburżati, investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità f'riċevituri finali;

(c) pagamenti lil riċevituri finali, jew għall-benefiċċju tagħhom meta l-istrumenti finanzjarji jkunu kkombinati ma' kontribuzzjoni oħra tal-Unjoni f'operazzjoni ta' strument finanzjarju unika ta' strument finanzjarju skont l-Artikolu 52(5);

(d) pagamenti ta' tariffi ta' ġestjoni u rimborżi ta' kostijiet ta' ġestjoni mħallsa minn korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju.

2. Għall-punt (b) tal-paragrafu 1, il-proporzjon multiplikatur għandu jkun stabbilit f'valutazzjoni tar-riskju *ex ante* prudenti u miftehma fil-ftehim ta' finanzjament rilevanti. Il-proporzjon multiplikatur jista' jkun rieżaminat, meta dan ikun ġustifikat minn bidliet sussegwenti fil-kundizzjonijiet tas-suq. Tali rieżami ma għandux ikollu effett retroattiv.

3. Għall-punt (d) tal-paragrafu 1, it-tariffi ta' ġestjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-prestazzjoni. Jekk korpi li jimplimentaw fond ta' parteċipazzjoni u / jew fondi speċifiċi, skont l-Artikolu 53(3), jintgħażlu permezz ta' għotja diretta ta' kuntratt, l-ammont ta' kostijiet u tariffi ta' ġestjoni mħallsa lil dawk il-korpi li jista' jkun ddikjarat bħala nefqa eliġibbli għandu jkun soġġett għal limitu sa massimu ta' 5 % tal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm żborżati lir-riċevituri finali f'self, investiment ta' ekwità u kważi ekwità jew imwarrba kif miftiehem fil-kuntratti ta' garanzija.

Dan il-limitu mhuwiex applikabbli meta l-għażla tal-korpi li jimplimentaw strumenti finanzjarji ssir permezz ta' sejħa għall-offerti kompetittiva skont il-liġi applikabbli u s-sejħa għall-offerti kompetittiva tistabbilixxi l-ħtieġa għal livell ogħla ta' kostijiet u tariffi ta' ġestjoni.

4. Jekk it-tariffi ta' arranġamenti, jew kwalunkwe parti minnhom, huma imposti fuq ir-riċevituri finali, ma għandhomx jiġu ddikjarati bħala nefqa eliġibbli.

5. In-nefqa eliġibbli ddikjarata skont il-paragrafu 1 ma għandhiex taqbeż l-ammont totali ta' appoġġ mill-Fondi mħallsa għall-finijiet tal-paragrafu u l-kofinanzjament nazzjonali korrispondenti.

## TITOLU VI
## ĠESTJONI U KONTROLL

# KAPITOLU I
# Regoli ġenerali dwar il-ġestjoni u l-kontroll

*Artikolu 63*
***Responsabbiltajiet tal-Istati Membri***

1. L-Istati Membri għandhom sistema ta' ġestjoni u kontroll għall-programmi tagħhom skont dan it-Titolu u jiżguraw il-funzjonament tagħhom skont il-ġestjoni maniġerjali tajba u r-rekwiżiti ewlenin elenkati fl-Anness X.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kontijiet preżentati lill-Kummissjoni u għandhom jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jipprevjenu, jaqbdu, jikkoreġu u jirrapportaw irregolaritajiet inkluż frodi.

3. L-Istati Membri, b'talba mill-Kummissjoni, għandhom jieħdu l-azzjonijiet neċessarji biex jiżguraw il-funzjonament effettiv tas-sistemi tal-ġestjoni u kontroll u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa ppreżentata lill-Kummissjoni. Jekk din l-azzjoni tkun awditu, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom jistgħu jieħdu sehem.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kwalità u l-affidabbiltà tas-sistema ta’ monitoraġġ u tad-data dwar l-indikaturi.

5. L-Istati Membri għandu jkollhom sistemi u proċeduri biex jiżguraw li d-dokumenti kollha meħtieġa għar-rekord tal-awditjar kif stipulat fl-Anness XI jinżammu skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 76.

6. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw l-eżami effettiva tal-ilementi rigward il-fondi. L-Istati Membri, b'talba tal-Kummissjoni, għandhom jeżaminaw l-ilmenti ppreżentati lill-Kummissjoni li huma fl-ambitu tal-programmi tagħhom u għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati ta’ dawk l-eżamijiet.

   Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, l-ilmenti jkopru kwalunkwe tilwima bejn benefiċjarji magħżula u dawk potenzjali fir-rigward tal-operazzjoni proposta jew magħżula u kwalunkwe tilwim ma’ terzi persuni dwar l-implimentazzjoni tal-programm jew l-operazzjonijiet tiegħu, irrispettivament mill-kwalifika tal-mezzi tar-rimedju legali stabbilita skont id-dritt nazzjonali.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskambji ta’ informazzjoni bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet tal-programm jitwettqu permezz ta’ sistemi ta’ skambju elettroniku ta’ data skont l-Anness XII.

   Għal programmi appoġġati mill-FEMS, mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI, l-ewwel subparagrafu għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2023.

   L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-programmi skont l-Artikolu [4(1)(c)(vii)] tar-Regolament FSE+.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskambji uffiċjali kollha ta’ informazzjoni mal-Kumissjoni jitwettqu permezz ta’ sistemi ta’ skambju elettroniku ta’ data skont l-Anness XII.

9. Kull Stat Membru, wara l-approvazzjoni tal-programm u mhux aktar miż-żmien tal-preżentazzjoni tat-talba għall-ħlas finali għall-ewwel sena kontabilistika u mhux aktar tard mit-30 ta’ Ġunju 2023, għandu jfassal deskrizzjoni tas-sistema ta’ ġestjoni u kontroll skont il-

mudell stipulat fl-Anness XIV. Huwa għandu jżomm din id-deskrizzjoni aġġornata biex tirrifletti kwalunkwe modifika sussegwenti.

10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 107 biex tissupplimenta l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu billi tistabbilixxi il-kriterji biex ikunu determinati l-każijiet ta' irregolarità li għandhom ikunu rrapportati u d-data li għandha tkun ipprovduta.

11. Il-Kummisjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistipula l-format li għandu jintuża għar-rapportar ta' irregolaritajiet f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 109(2) sabiex tiżgura l-uniformità tal-kundizzjonijiet fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 64*

***Setgħat u responsabbiltajiet tal-Kummissjoni***

1. Il-Kummissjoni għandha tissodisfa lilha nnifisha li l-Istat Membru jkollu sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u li dawn is-sistemi jiffunzjonaw b'mod effettiv matul l-implimentazzjoni tal-programmi. Il-Kummissjoni għandha tfassal strateġija ta' awditjar u pjan ta' awditjar li għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni tar-riskju.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom jikkoordinaw il-pjanijiet ta' awditjar tagħhom.

2. Awditi tal-Kummissjoni għandhom isiru sa tliet snin kalendarji wara l-aċċettazzjoni tal-kontijiet li fihom tkun inkluża n-nefqa kkonċernata. Dan il-perjodu għandu japplika għal operazzjonijiet fejn ikun hemm suspett ta' frodi.

3. Għall-fini ta' dawn l-awditi, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħhom għandu jkollhom aċċess għar-rekords, għad-dokumenti u għall-metadata kollha neċessarji, irrispettivament mill-mezz li fih ikunu maħżuna, rigward l-operazzjonijiet appoġġati mill-Fondi jew is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u għandhom jirċievu kopji fil-format speċifiku mitlub.

4. Għall-awditi fil-post, għandu japplika dan li ġej:

(a) il-Kummissjoni għandha tavża lill-awtorità kompetenti tal-programm mill-inqas 12 jum ta' ħidma għall-awditu, għajr f'każijiet urġenti. Uffiċjali jew rappreżentanti awtorizzati tal-Istat Membru jistgħu jieħdu sehem f'dan l-awditjar.

(b) fejn l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tirriżerva ċerti atti għal aġenti speċifikament maħtura mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-uffiċjali tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti awtorizzati għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni hekk miksuba mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-qrati nazzjonali u fi-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tas-soġġetti ġuridiċi kkonċernati.

(c) il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-konklużjonijiet preliminari tal-awditu, f'mill-inqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-aħħar jum tal-awditu, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

(d) il-Kummissjoni għandha tittrażmetti r-rapport tal-awditur, f'mill-inqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha tirċievi risposta komplta mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru dwar il-konklużjonijiet preliminari tal-awditu.

Il-Kummissjoni tista' testendi l-limiti ta' żmien imsemmija fil-punti (c) u (d) bi tliet xhur addizzjonali.

*Artikolu 65*
***L-awtoritajiet tal-programm***

1. Għall-finijiet tal-Artikolu [63(3)] tar-Regolament Finanzjarju, l-Istat Membru għandu jidentifika awtorità ta’ ġestjoni u awtorità tal-awditjar għal kull programm. Meta Stat Membru juża l-għażla msemmija fl-Artikolu 66(2), il-korp ikkonċernat għandu jkun identifikat bħala l-awtorità tal-programm. L-istess awtoritajiet jistgħu jkunu responsabbli għal aktar minn programm operazzjonali wieħed.

2. L-awtorità tal-awditjar għandha tkun awtorità pubblika, funzjonalment indipendenti minn dawk li jkunu awditjati.

3. L-awtorità ta' ġestjoni tista’ tidentifika korp intermedju wieħed jew aktar biex iwettqu ċerti kompiti fir-responsabbiltà tagħha. Arranġamenti bejn l-awtorità ta’ ġestjoni u l-korpi intermedji għandhom ikunu rreġistrati bil-miktub.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet bejn l-awtoritajiet tal-programm u fi ħdanhom ikun irrispettat.

5. Il-korp li jimplimenta l-kofond tal-Programm kif imsemmi fl-Artikolu [11] tar-Regolament UE (...) [*Regoli ta’ Parteċipazzjoni għal Orizzont Ewropa*] għandu jkun identifikat bħala korp intermedju mill-awtorità ta' ġestjoni tal-programm rilevanti, f’konformità mal-paragrafu 3

# KAPITOLU II
# Sistemi standard ta' ġestjoni u kontroll

*Artikolu 66*
***Il-funzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni***

1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-programm bil-għan li twassal għall-objettivi tal-programm. Partikolarment, hija għandu jkollha l-funzjonijiet li ġejjin:

   (a) tagħżel l-operazzjonijiet b'konformità mal-Artikolu 67;

   (b) twettaq kompiti ta’ ġestjoni tal-programm skont l-Artikolu 68;

   (c) tappoġġa l-ħima tal-kumitat ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 69;

   (d) twettaq superviżjoni tal-korpi intermedji;

   (e) tirreġista u taħżen id-data neċessarja għal kull operazzjoni f’sistema elettronika għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifiki u l-awditi, u għandha tiżgura s-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-data u l-awtentikazzjoni tal-utenti.

2. L-Istat Membru jista’ jafda tal-funzjoni kontabbilistika msemmija fl-Artikolu 70 lill-awtorità ta’ ġestjoni jew lil korp ieħor.

3. Għal programmi appoġġati permezz tal-AMIF, l-ISF u l-BMVI, il-funzjoni kontabilistika għandha ssir mill-awtorità ta' ġestjoni jew fir-responsabbiltà tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta’ implimentazzjoni skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 109(2) biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għad-data elettronika li għandha tkun irreġistrata u maħżuna msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 109(2).

*Artikolu 67*

***Għażla ta' operazzjonijiet mill-awtorità ta' ġestjoni***

1. Għall-għażla tal-operazzjonijiet, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tistabbilixxi u tapplika kriterji u proċeduri li mhumiex diskriminatorji, li huma trasparenti, jiżguraw l-ugwaljanza bejn is-sessi u jikkunsidraw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli u l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent skont l-Artikoli 11 u 191(1) TFUE.

   Il-kriterji u l-proċeduri għandhom jiżguraw il-prijoritizzazzjoni tal-operazzjonijiet magħżula bil-għan li tkun massimizzata l-kontribuzzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni biex jintlaħqu l-objettivi tal-programm.

2. B'talba tal-Kummissjoni, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tikkonsulta mal-Kummissjoni u tikkunsidra l-kummenti tagħha qabel il-preżentazzjoni inizjali tal-kriterji tal-għażla lill-kumitat ta' monitoraġġ u qabel kwalunkwe bidla sussegwenti għal dawn il-kriterji.

3. Fl-għażla tal-operazzjonijiet, l-awtorità ta' ġestjoni għandha:

   (a) tiżgura li l-operazzjonijiet magħżula jikkonformaw mal-programm u tipprovdi kontribuzzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi tiegħu;

   (b) tiżgura li l-operazzjonijiet magħżula jkunu konsistenti mal-istrateġiji u mad-dokumenti tal-ippjanar korrispondenti stabbiliti għat-twettiq tal-kundizzjonijiet abilitanti;

   (c) tiżgura li l-operazzjonijiet magħżula jippreżentaw l-aħjar relazzjoni bejn l-ammont ta' appoġġ, l-attivitajiet imwettqa u l-kisba tal-objettivi;

   (d) tivverifika li l-benefiċjarju jkollu r-riżorsi finanzjarji u l-mekkaniżmi neċessarji biex ikopri l-kostijiet tal-operat u tal-manutenzjoni;

   (e) tiżgura li l-operazzjonijiet magħżula li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48] ikunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali jew proċedura ta' skrinjar fuq il-bażi tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49];

   (f) tivverifika li fejn l-operazzjonijiet ikunu bdew qabel il-preżentazzjonijoni ta' applikazzjoni għall-finanzjament lill-awtorità ta' ġestjoni, il-liġi applikabbli tkun ġiet osservata;

   (g) tiżgura li l-operazzjonijiet magħżula jaqgħu fl-ambitu tal_Fond ikkonċernat u huma attribwiti għal xi tip ta' intervent jew qasam ta' appoġġ għall-FEMS;

   (h) tiżgura li l-operazzjonijiet ma jinkludux attivitajiet li kienu parti minn operazzjoni soġġetta għal rilokazzjoni skont l-Artikolu 60 jew li tikkostitwixxi trasferiment ta' attività produttiva f'konformità mal-Artikolu 59(1) (a);

   (i) tiżgura li l-operazzjonijiet magħżula mhumiex affettwati minn opinjoni motivata mill-Kummissjoni rigward ksur skont l-Artikolu 258 TFUE li jqiegħed f'riskju l-legalità u r-regolarità tan-nefqa jew il-prestazzjoni tal-operazzjonijiet;

   (j) tiżgura r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima tal-investimenti fl-infrastruttura li mistennija jkollhom ħajja ta' mill-inqas ħames snin.

---

48 Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

49 Id-Direttiva 2014/52/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/92/UE dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 124 of 25.4.2014, p. 1).

4. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li l-benefiċjarju jkun ipprovdut b'dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ għal kull operazzjoni inkluż ir-rekwiżiti speċifiċi li jikkonċernaw il-prodotti jew is-servizzi li jridu jkunu fornuti, il-pjan ta' finanzjament, il-limitu ta' żmien għall-eżekuzzjoni tiegħu u fejn applikabbli, il-metodu li għandu jiġi applikat għad-determinazzjoni tal-kostijiet tal-operazzjoni u l-kundizzjonijiet għall-pagament tal-għotja.

5. Għall-operazzjonijiet mogħtija ċ-ċertifikazzjoni tas-Siġill ta' Eċċellenza, jew magħżula skont il-kofond tal-programm F'Orizzont Ewropa, l-awtorità ta' ġestjoni tista' tiddeċiedi li tagħti appoġġ mill-FEŻR jew mill-FSE direttament, dment li tali operazzjonijiet huma konsistenti mal-objettivi tal-programm.

Għandha tapplika r-rata ta' kofinanzjament ta' strument li jipprovdi ċertifikazzjoni tas-Siġill ta' Eċċellenza jew il-kofond tal-programm u din għandha tkun stabbilita fid-dokument imsemmi fil-paragrafu 4.

6. Jekk l-awtorità ta' ġestjoni tagħżel operazzjoni ta' importanza strateġika, hija għandha tinforma minnufih lill-Kummissjoni u għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha rilevanti lill-Kummissjoni dwar din l-operazzjoni.

*Artikolu 68*

***Ġestjoni tal-programm mill-awtorità ta' ġestjoni***

1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha:

(a) twettaq il-verifiki ta' ġestjoni biex tivverifika li l-prodotti u s-servizzi kofinanzjati ġew ipprovduti, li l-operazzjoni tikkonforma mal-liġi applikabbli, mal-programm u mal-kondizzjonijiet għall-appoġġ tal-operazzjoni u,

(i) fejn il-kostijiet għandhom jiġu rimborżati skont l-Artikolu 48(1)(a), li l-ammont tan-nefqa ddikjarat mill-benefiċjarji b'rabta ma' dawk il-kostijiet ikun tħallas u li l-benefiċjarji jżommu rekords tal-kontabilistiċi separati għat-tranżazzjonijiet kollha relatati mal-operazzjoni;

(ii) fejn il-kostijiet għandhom jiġu rimborżati skont il-punti (b), (c) u (d) ta' l-Artikolu 48(1), li l-kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa lill-benefiċjarju għandhom ikun sodisfati;

(b) tiżgura, soġġett għad-disponibbiltà ta' finanzjament, li benefiċjarju jirċievi l-ammont dovut kollu kemm hu u mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba għall-pagament mill-benefiċjarju;

(c) ikollha fis-seħħ miżuri u proċeduri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi filwaqt li tqis ir-riskji identifikati;

(d) tipprevjeni, taqbad u tikkoreġi irregolaritajiet;

(e) tikkonferma li n-nefqa mniżżla fil-kontijiet hija legali u regolari;

(f) tfassal id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni skont il-mudell stabbilit fl-Anness XV;

(g) tipprovdi previżjonijiet tal-ammont ta' talbiet għall-pagament li jiġu ppreżentati għas-sena finanzjarja attwali u għas-snin kalendarji segwenti sal-31 ta' Jannar u sal-31 ta' Lulju, skont l-Anness VII.

Għall-punt (b) tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-ebda ammont ma għandu jitnaqqas jew jinżamm u l-ebda tariffa speċifika jew tariffa oħra b'effett ekwivalenti ma għandhom jiġu imposti li jnaqqsu ammonti dovuti lill-benefiċjarji.

Għal operazzjonijiet PPP, l-awtorità ta' ġestjoni għandha twettaq pagamenti lil kont miżmum minn terzi persuni stabbilit għal dak il-għan f'isem il-benefiċjarju għall-użu skont il-Ftehim tal-PPP.

2. Il-verifiki ta' ġestjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju u proporzjonati mar-riskji identifikati kif definit fl-istrateġija ta' ġestjoni tar-riskju.

Il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jinkludu verifiki amministrattivi fir-rigward ta' talbiet għall-pagamenti mill-benefiċjarji u verifiki fil-post ta' operazzjonijiet. Dawn il-verifiki għandhom isiru sa mhux aktar tard minn qabel il-preparazzjoni tal-kontijiet skont l-Artikolu 92.

3. Jekk l-awtorità ta' ġestjoni tkun ukoll benefiċjarja taħt il-programm operazzjonali, l-arranġamenti għall-verifiki tal-ġestjoni għandhom jiżguraw separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, ir-Regolament KTE jista' jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-verifiki ta' ġestjoni applikabbli għall-programmi Interreg.

*Artikolu 69*

***Appoġġ għax-xogħol tal-kumitat ta' monitoraġġ mill-awtorità ta' ġestjoni***

L-awtorità ta' ġestjoni għandha:

(a) tipprovdi lill-kumitat ta' monitoraġġ bl-informazzjoni kollha meħtieġa f'waqtha sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu;

(b) tiżgura s-segwitu tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ.

*Artikolu 70*

***Il-funzjoni kontabilistika***

1. Il-funzjoni kontabbilistika għandha tikkonsisti minn dan li ġej:

(a) tfassal u tippreżenta lill-Kummissjoni talbiet għall-pagament skont l-Artikoli 85 u 86;

(b) tfassal il-kontijiet f'konformità mal-Artikolu 92 u ż-żamma tar-rekords tal-elementi kollha tal-kontijiet f'sistema elettronika;

(c) tikkonverti l-ammonti tan-nefqa mġarrba f'munita oħra f'euro bl-użu tar-rata tal-kambju kontabilistika mensili tal-Kummissjoni fix-xahar li matulu n-nefqa tkun irreġistrat fis-sistemi tal-kontabbiltà tal-korp responsabbli biex iwettaq il-kompiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-funzjoni kontabilistika ma għandhiex tinkludi verifiki fil-livell tal-benefiċjarji.

3. B'deroga mill-punt (c) tal-paragrafu 1, ir-Regolament KTE jista' jistabbilixxi metodu differenti biex ikunu konvertiti l-ammonti tan-nefqa mġarrba f'munita oħra f'euro.

*Artikolu 71*

***Funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar***

1. L-awtorità tal-awditjar għandha tkun responsabbli għat-twettiq ta' awditi tas-sistemi, awditi tal-operazzjonijiet u awditi tal-kontijiet sabiex tipprovdi aċċertament indipendenti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni.

2. Ix-xogħol tal-awditjar għandu jitwettaq skont standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment.

3. L-awtorità tal-awditjar għandha tħejji l-applikazzjonijiet għall-pagament u tippreżentahom lill-Kummissjoni:

(a) opinjoni tal-awditjar annwali skont l-Artikolu [63(7)] tar-Regolament Finanzjarju u skont il-mudell stabbilit fl-Anness XVI u bbażata fuq ix-xogħol kollu tal-awditjar imwettaq, li jkopri it-tliet komponenti distinti li ġejjin:

(i) il-kompletezza, il-veraċità u l-akkuratezza tal-kontijiet;

(ii) il-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni;

(iii) il-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll;

(b) rapport annwali ta' kontroll li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu [63(5) (b)] tar-Regolament Finanzjarju, skont il-mudell stabbilit fl-Anness XVII u, b'appoġġ għall-opinjoni tal-awditjar imsemmija fil-punt (a) u li tistabbilixxi sommarju tas-sejbiet, inkluża analiżi tan-natura u l-firxa ta' erruri u nuqqasijiet kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi proposti u implimentati u r-rata ta' errur totali u r-rata ta' żball residwu għan-nefqa mniżżla fil-kontijiet ippreżentati lill-Kummissjoni.

4. Jekk il-programmi jinġabru flimkien għall-iskop ta' awditi ta' operazzjonijiet skont l-Artikolu 73(2), l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu (3)(b) tista' tinġabar f'rapport wieħed.

Jekk l-awtorità ta' verifika tuża din l-għażla għal programmi appoġġati permezz tal-AMIF, l-ISF u l-BMVI, l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu (3)(b) għandha tkun irrapportata skont il-Fond.

5. L-awtorità tal-awditjar għandha tittrażmetti lill-Kummissjoni rapporti tal-awditjar tas-sistema malli tlestiet il-proċedura kontradittorja ma' min qiegħed jiġi awditjat.

6. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom jiltaqgħu fuq bażi regolari u mill-inqas darba fis-sena, sakemm ma jkunx ġie miftiehem mod ieħor, sabiex jeżaminaw l-istrateġija tal-awditjar, ir-rapport annwali ta' kontroll, l-opinjoni tal-awditjar, sabiex jikkoordinaw il-pjanijiet tal-awditu l-metodi tagħhom u sabiex jiskambjaw fehmiet dwar kwistjonijiet relatati mat-titjib tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll.

*Artikolu 72*

***Strateġija tal-awditjar***

1. L-awtorità ta' awditjar għandha tħejji strateġija tal-awditjar fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju, waqt li tikkunsidra d-deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll prevista fl-Artikolu 63(9), li tkopri awditi tas-sistema u awditi tal-operazzjonijiet. L-istrateġija tal-awditjar għandha tinkludi awditi tas-sistema ta' awtoritajiet ta' ġestjoni identifikati ġodda u ta' awtoritajiet responsabbli għall-funzjoni kontabilistika fi żmien disa' xhur wara l-ewwel sena ta' funzjonament tagħhom. L-istrateġija tal-awditjar għandha titħejja skont il-mudell stabbilit fl-Anness XVIII, u għandha tkun aġġornata kull sena wara l-ewwel rapport annwali ta' kontroll u l-opinjoni tal-awditjar ipprovduti lill-Kummissjoni. Hija tista' tkopri wieħed jew aktar mill-programmi.

2. L-istrateġija tal-awditjar għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni wara talba għal dan.

*Artikolu 73*

***Awditjar tal-operazzjonijiet***

1. L-awditi tal-operazzjonijiet għandhom ikopru n-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni fis-sena kontabilistika fuq il-bażi ta' kampjun. Dan il-kampjun għandu jkun rappreżentattiv u għandu jkun ibbażat fuq metodi statistiċi għall-kampjunar.

2. Jekk il-popolazzjoni tkun inqas minn 300 unità tal-kampjunar, metodu ta' kampjunar mhux statistiku jista' jintuża fuq il-ġudizzju professjonali tal-awtorità tal-awditjar. F'każijiet bħal dawn id-daqs tal-kampjun għandu jkun biżżejjed biex jippermetti lill-awtorità tal-awditjar tħejji opinjoni tal-awditjar valida. Il-metodu tal-kampjunar mhux statistiku għandu jkopri minimu ta' 10 % tal-unitajiet tal-kampjunar fil-popolazzjoni tas-sena kontabilistika, magħżula b'mod aleatorju.

   Il-kampjun statistiku jista' jkopri programm wieħed jew aktar li jirċievu l-appoġġ mill-FEŻR, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FSE + u, fejn xieraq, soġġett għal stratifikazzjoni, perjodu ta' programmazzjoni wieħed jew aktar skont il-ġudizzju professjonali tal-awtorità tal-awditjar.

   Il-kampjun tal-operazzjonijiet appoġġati mill-AMIF, mill-ISF u mill-BMVI u mill-FEMS għandu jkopri operazzjonijiet appoġġati minn kull Fond separatament.

3. L-awditjar tal-operazzjonijiet għandhom jinkludu verifiki fuq il-post tal-implimentazzjoni fiżika tal-operazzjoni biss fejn din tkun meħtieġa għat-tip ta' operazzjoni kkonċernata.

   Ir-Regolament FSE+ jista' jistipula dispożizzjonijiet speċifiċi għall-programmi skont l-Artikolu [4(1)(c)(vi)] tar-Regolament FSE+.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 107 biex tissupplimenta dan l-Artikolu billi tistabbilixxi metodoloġiji u modalitajiet tal-kampjunar standardizzati u kummerċjalment disponibbli biex ikopru perjodu ta' programmazzjoni wieħed jew aktar.

*Artikolu 74*

***Arranġamenti għal awditi uniċi***

1. Waqt it-twettiq tal-awditi, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom jikkunsidraw il-prinċipji ta' awditu uniku u ta' proporzjonalità fir-rigward tal-livell ta' riskju għall-baġit tal-Unjoni. Għandhom jiġu evitati awditi doppji tal-istess nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni bil-għan li jitnaqqsu kemm jista' jkun il-kostijiet tal-verifiki u l-awditi ta' ġestjoni u l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji.

   Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom l-ewwel jużaw l-informazzjoni u r-rekords kollha disponibbli fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 66(1)(e), inklużi r-riżultati ta' verifiki ta' ġestjoni u jitolbu u jiksbu d-dokumenti addizzjonali u evidenza għall-awditjar mingħand il-benefiċjarji konċernati biss meta, fuq il-bażi tal-ġudizzju professjonali tagħhom, din hija meħtieġa biex tappoġġa konklużjonijiet tal-awditjar robusti.

2. Għal programmi li għalihom il-Kummissjoni tikkonkludi li l-opinjoni tal-awtorità tal-awditjar hija affidabbli u l-Istat Membru kkonċernat jipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, l-awditi proprji tal-Kummissjoni għandhom ikunu limitat għal awditjar tax-xogħol tal-awtorità tal-awditjar.

3. Operazzjonijiet li n-nefqa totali eliġibbli għalihom ma taqbiżx l-EUR 400 000 għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, EUR 300 000 għall-FSE+ jew EUR 200 000 għall-FEMS, l-AMIF, l-ISF u l-BMVI, ma għandhomx ikunu soġġetti għal aktar minn awditu wieħed mill-awtorità tal-awditjar jew mill-Kummissjoni qabel il-preżentazzjoni tal-kontijiet għas-sena ta' kontabbiltà li fiha tkun tlestiet l-operazzjoni.

Operazzjonijiet oħra ma għandhomx ikunu soġġetti għal aktar minn awditu wieħed f'kull sena ta' kontabilità, mill-awtorità tal-awditjar jew mill-Kummissjoni qabel il-preżentazzjoni tal-kontijiet li fihom tkun inkluża n-nefqa finali tal-operazzjoni kompluta. L-operazzjonijiet ma għandhomx ikunu soġġetti għal awditjar mill-Kummissjoni jew l-awtorità tal-awditjar f'ebda sena fejn diġà kien hemm awditjar f'dik is-sena mill-Qorti tal-Awdituri, sakemm ir-riżultati tal-awditjar imwettaq minn din il-Qorti tal-Awdituri għal dawn l-operazzjonijiet jistgħu jintużaw mill-awtorità tal-awditjar jew mill-Kummissjoni għall-fini li jaqdu l-kompiti rispettivi tagħhom.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, kull operazzjoni tista' tkun soġġetta għal aktar minn awditu wieħed, jekk l-awtorità tal-awditjar, fuq il-bażi tal-ġudizzju professjonali tagħha, tikkonkludi li mhuwiex possibbli li tfassal opinjoni tal-awditjar valida.

5. Il-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx japplikaw meta:

(a) hemm riskju speċifiku ta' irregolarità jew indikazzjoni ta' frodi;

(b) hemm il-ħtieġa li jerġa' jsir ix-xogħol tal-awtorità tal-awditjar biex jinkiseb livell ta' affidabbiltà dwar il-funzjonament effettiv tiegħu;

(c) ikun hemm evidenza ta' nuqqas serju fis-sistema tax-xogħol tal-awtorità tal-awditjar.

*Artikolu 75*

***Il-verifiki ta' ġestjoni u l-awditjar ta' strumenti finanzjarji***

1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tagħmel verifiki ta' ġestjoni fil-post skont l-Artikolu 68(1) fil-livell tal-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju biss u, fil-kuntest ta' fondi ta' garanzija, fil-livell ta' korpi li jagħtu s-self ġdid sottostanti.

2. L-awtorità ta' ġestjoni ma għandhiex tagħmel verifiki fil-post fil-livell tal-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI") jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn li fihom Stat Membru huwa azzjonist.

Madankollu, il-BEI jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn li fihom Stat Membru huwa azzjonist għandhom jipprovdu rapporti ta' kontroll li jappoġġaw it-talba għall-pagament lill-awtorità ta' ġestjoni.

3. L-awtorità tal-awditjar għandha tagħmel awditi tas-sistema u awditi tal-operazzjonijiet skont l-Artikoli 71, 73 jew 77 fil-livell tal-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju u, fil-kuntest ta' fondi ta' garanzija, fil-livell ta' korpi li jagħtu s-self ġdid sottostanti.

4. L-awtorità tal-awditjar ma għandhiex tagħmel awditi fil-livell tal-BEI jew ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn li fihom Stat Membru huwa azzjonist, għal strumenti finanzjarji implimentati minnhom.

Madankollu, il-BEI jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn li fihom Stat Membru huwa azzjonist għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-awtorità tal-awditjar b'rapport annwali tal-awditjar imfassal mill-awdituri esterni tagħhom sal-aħħar ta' kull sena kalendarja. Dan ir-rapport għandu jkopri l-elementi inklużi fl-Anness XVII.

5. Il-BEI jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet tal-programm id-dokumenti kollha neċessarji biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

*Artikolu 76*
***Disponibbiltà ta' dokumenti***

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw l-għajnuna mill-Istat, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li d-dokumenti ta' prova kollha marbuta ma' operazzjoni appoġġata mill-Fondi jinżammu fil-livell xieraq għal perjodu ta' ħames snin mill-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha jkun sar l-aħħar pagament mill-awtorità ta' ġestjoni lill-benefiċjarju.

2. Dan il-perjodu ta' żmien għandu jkun interrott fil-każ ta' proċedimenti legali jew permezz ta' talba mill-Kummissjoni.

# KAPITOLU III
# Dipendenza fuq sistemi ta' ġestjoni nazzjonali

*Artikolu 77*
***Arranġamenti proporzjonati msaħħa***

L-Istat Membru jista' japplika dawn l-arranġamenti proporzjonati msaħħa għas-sistema ta' ġestjoni u kontroll ta' programm, meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 78 jiġu ssodisfati:

(a) permezz ta' deroga mill-Artikolu 68(1)(a) u 68(2), l-awtorità ta' ġestjoni tista' tapplika biss proċeduri nazzjonali għat-twettiq tal-verifiki ta' ġestjoni;

(b) permezz ta' deroga mill-Artikolu 73(1) u (3), l-awtorità tal-awditjar tista' tillimita l-attività tagħha ta' awditu għal kampjun statistiku ta' 30 unità tal-kampjunar għal programm jew grupp ta' programmi kkonċernati;

(c) il-Kummissjoni, għandha tillimita l-awditjar tagħha stess għal rieżami tax-xogħol tal-awtorità tal-awditjar permezz tat-twettiq mill-ġdid fil-livell tagħha biss, ħlief jekk l-informazzjoni disponibbli tissuġġerixxi li hemm defiċjenza serja fis-sistema tax-xogħol tal-awtorità tal-awditjar.

Għal punt (b), fejn il-popolazzjoni hija inqas minn 300 unità tal-kampjunar, l-awtorità tal-awditjar tista' tapplika metodu ta' kampjunar mhux statistiku f'konformità mal-Artikolu 73(2).

*Artikolu 78*
***Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' arranġamenti proporzjonati msaħħa***

1. L-Istat Membru jista' japplika l-arranġamenti proporzjonati msaħħa stabbiliti fl-Artikolu 77 fi kwalunkwe żmien matul il-perjodu ta' programmazzjoni, meta l-Kummissjoni tkun ikkonfermat li r-rapporti ta' attività annwali ppubblikati fl-aħħar sentejn qabel id-deċiżjoni tal-Istat Membru li japplika d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-programm jiffunzjonaw b'mod effettiv u li r-rata ta' żball totali għal kull sena hija ta' inqas minn 2 %. Meta tivvaluta l-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm, il-Kummissjoni għandha tqis il-parteċipazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat f'koperazzjoni msaħħa dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

   Jekk Stat Membru jiddeċiedi li juża din il-possibbiltà, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' arranġamenti proporzjonati stabbiliti fl-Artikolu 77 li għandhom japplikaw mill-bidu tas-sena kontabilistika sussegwenti.

2. Fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, l-Istat Membru jista' japplika l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 77, sakemm il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkunu ssodisfati fir-rigward ta' programm simili implimentat fl-2020-2014 u fejn l-arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti għall-programm 2021-2027 fil-biċċa l-kbira

tagħhom jibnu fuq dawk għall-programm preċedenti. F'każijiet bħal dawn, se japplikaw l-arranġamenti proporzjonati msaħħa mill-bidu tal-programm.

3. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi jew jaġġorna kif meħtieġ id-deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u l-istrateġija tal-awditjar deskritta fl-Artikoli 63(9) u 72.

*Artikolu 79*

***Aġġustament matul il-perjodu ta' programmazzjoni***

1. Jekk il-Kummissjoni jew l-awtorità tal-awditjar jikkonkludu li, fuq il-bażi tal-awditjar imwettaq u tar-rapport annwali ta' kontroll, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 78 ma għadhom jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtorità tal-awditjar twettaq xogħol addizzjonali tal-awditjar f'konformità mal-Artikolu 63(3) u tieħu azzjonijiet ta' rimedju.

2. Jekk ir-rapport ta' kontroll annwali sussegwenti li tikkonferma li l-kundizzjonijiet jibqgħu ma jiġux issodisfati, u b'hekk jillimitaw l-assigurazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa, il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtorità tal-awditjar tagħmel awditjar tas-sistema.

3. Il-Kummissjoni tista', wara li tkun tat lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta l-kummenti tiegħu, tinforma lill-Istat Membru li l-arranġamenti proporzjonati msaħħa stabbiliti fl-Artikolu 77 ma għandhomx jibqgħu jiġu applikati.

## TITOLU VII
## ĠESTJONI FINANZJARJA, PREŻENTAZZJONI U EŻAMI TAL-KONTIJIET U TAL-KORREZZJONIJIET FINANZJARJI

# KAPITOLU I
# Ġestjoni finanzjarja

## TAQSIMA I
## REGOLI ĠENERALI TAL-KONTABBILTÀ

*Artikolu 80*

***Impenji baġitarji***

1. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova programm skont l-Artikolu 18 għandha tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament fis-sens tal-[Artikolu 110(3)] tar-Regolament Finanzjarju u ladarba tiġi nnotifikata lill-Istat Membru kkonċernat, tikkostitwixxi impenn legali.

Din id-deċiżjoni għandha tispeċifika l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal kull Fond u għal kull sena.

2. L-impenji baġitarji tal-Unjoni fir-rigward ta' kull programm għandhom isiru mill-Kummissjoni f'pagamenti annwali għal kull Fond matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027.

3. B'deroga mill-Artikolu 111(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-impenji baġitarji għall-ewwel pagament parzjali għandhom isegwu l-adozzjoni tal-programm mill-Kummissjoni.

*Artikolu 81*
***Użu tal-euro***

L-ammonti kollha stabbiliti fil-programmi, irrapportati jew iddikjarati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri għandhom ikunu denominati f'euro.

*Artikolu 82*
***Pagament mill-ġdid***

1. Kull pagament lura dovut li għandu jsir lill-baġit tal-Unjoni għandu jsir qabel id-data indikata fl-ordni għall-irkupru mfassal skont l-Artikolu 98 tar-Regolament Finanzjarju. Id-data stipulata għandha tkun l-aħħar jum tat-tieni xahar wara l-ħruġ tal-ordni.

2. Kull dewmien fil-pagament lura għandu jagħti lok għal imgħax minħabba pagament tard, li jibda mid-data dovuta u jintemm fid-data tal-pagament attwali. Ir-rata ta' tali interessi għandha tkun punt perċentwali u nofs aktar mir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew, fl-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' rifinanzjament, fl-ewwel jum ta' xogħol tax-xahar li fih taħbat id-data tal-għeluq.

## TAQSIMA II
## REGOLI GĦALL-PAGAMENTI FL-ISTATI MEMBRI

*Artikolu 83*
***Tipi ta' pagamenti***

Il-pagamenti għandhom jieħdu l-forma ta' prefinanzjament, ta' pagamenti *interim* u pagamenti tal-bilanċ tal-kontijiet għas-sena ta' kontabbiltà.

*Artikolu 84*
***Prefinanzjament***

1. Il-Kummissjoni jentieġ li tħallas il-prefinanzjament fuq il-bażi tal-appoġġ totali mill-Fondi kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-programm skont l-Artikolu 17(3)(f) (i).

2. Il-prefinanzjament għal kull Fond għandu jitħallas b'pagamenti parzjali annwali qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena, soġġett għad-disponibbiltà ta' fondi, kif ġej:

   (a) 2021: 0.5 %;

   (b) 2022: 0.5 %;

   (c) 2023: 0.5 %;

   (d) 2024: 0.5 %;

   (e) 2025: 0.5 %;

   (f) 2026: 0.5 %

   Jekk programm jiġi adottat wara l-1 ta' Lulju 2021, il-pagamenti parzjali preċedenti għandhom jitħallsu fis-sena tal-adozzjoni.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, għall-programmi Interreg, għandhom jiġu stabbiliti regoli speċifiċi fuq il-prefinanzjament fir-Regolament tal-KTE.

4. L-ammont imħallas bħala prefinanzjament inizjali għandu jiġi saldat għal kollox mill-kontijiet tal-Kummissjoni mhux aktar tard minn meta jingħalaq il-programm.

5. Kull interess iġġenerat mill-pre-finanzjament għandu jiġi użat għall-programm ikkonċernat bl-istess mod bħall-Fondi u għandu jiġi inkluż fil-kontijiet għas-sena ta' kontabbiltà finali.

*Artikolu 85*

***Applikazzjonijiet għall-pagamenti***

1. L-Istat Membru għandu jibgħat massimu ta' erba' applikazzjonijiet għall-pagament għal kull programm, għal kull Fond u għal kull sena fiskali. Kull sena il-limitu ta' żmien għal kull applikazzjoni għal pagament għandu jkun it-30 ta' April, il-31 ta' Lulju, il-31 ta' Ottubru u s-26 ta' Diċembru.

L-aħħar applikazzjoni għal pagament imressqa sal-31 ta' Lulju għandha titqies bħala applikazzjoni finali għal pagament għas-sena ta' kontabbiltà li ntemmet fit-30 ta' Ġunju.

2. L-applikazzjonijiet għal pagament mhux se jkunu ammissibbli sakemm ma jkunx ġie ppreżentat l-aħħar pakkett ta' assigurazzjoni dovut.

3. L-applikazzjonijiet għal pagament għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni skont il-mudell stabbilit fl-Anness XIX u jinkludu, għal kull prijorità u skont il-kategorija ta' reġjun:

(a) l-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet, kif irreġistrati fis-sistema tal-kontabbiltà tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni;

(b) l-ammont ta' assistenza teknika kkalkolata skont l-Artikolu 31(2);

(c) l-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika mħallsa jew li għandha tiġi mħallsa kif imdaħħal fis-sistema tal-kontabbiltà tal-korp li jwettaq il-funzjoni tal-kontabbiltà;

4. Permezz ta' deroga mill-punt (d) tal-paragrafu 3, għandu japplika dan li ġej:

(a) fejn il-kontribuzzjoni tal-Unjoni hija magħmula skont il-punt (a) tal-Artikolu 46, l-ammonti inklużi fl-applikazzjoni għal pagment għandhom ikunu l-ammonti ġustifikati mill-progress li sar f'l-issodisfar tal-kundizzjonijiet jew il-kisba tar-riżultati, skont id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 89(2);

(b) fejn il-kontribuzzjoni tal-Unjoni hija magħmula skont il-punti (c), (d) u (e) tal-Artikolu 46, l-ammonti inklużi fl-applikazzjoni għal pagment għandhom ikunu l-ammonti determinati skont id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 88(3);

(c) għall-forom ta' għotjiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 48(1), l-ammonti inklużi fl-applikazzjoni għal pagament għandhom ikunu l-kostijiet ikkalkolati fuq il-bażi applikabbli.

5. Permezz ta' deroga mill-punt (c) tal-paragrafu 3, fil-każ ta' skemi ta' għajnuna skont l-Artikolu 107 TFUE, il-kontribuzzjoni pubblika li tikkorrispondi man-nefqa inkluża f'applikazzjoni ta' pagament għandha tkun tħallset lill-benefiċjarji mill-entità li tagħti l-għajnuna.

*Artikolu 86*

***Elementi speċifiċi għall-istrimenti finanzjarji fl-applikazzjonijiet għal pagment***

1. Fejn l-istrumenti finanzjarji jkunu implementati f'konformità mal-Artikolu 53(2), l-applikazzjonijiet għal pagament sottomessi skont l-Anness XIX għandhom jinkludu l-ammonti totali mħallsa jew, fil-każ ta' garanziji, l-ammonti mwarrba kif miftiehem f'kuntratti ta' garanzija, mill-awtorità ta' ġestjoni għal riċevituri finali kif imsemmi fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 62(1).

2. Fejn l-istrumenti finanzjarji jkunu implementati f'konformità mal-Artikolu 53(3), l-applikazzjonijiet għal pagament li tinkludi nefqa għall-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu sottomessi skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ammont inkluż fl-ewwel applikazzjoni għal pagament irid ikun tħallas lill-istrumenti finanzjarji u jista' jkun sa 25 % tal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-programm impenjati għall-istrument finanzjarju skont il-ftehim ta' finanzjament rilevanti, skont il-prijorità u l-kategorija ta' reġjun, jekk applikabbli;

(b) l-ammont inkluż f'applikazzjonijiet għal pagament sussegwenti ppreżentati waqt il-perjodu ta' eliġibbiltà għandhom jinkludu n-nefqa eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 62(1).

3. L-ammont inkluż fl-ewwel applikazzjoni għal pagament, imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2, għandu jitħallas mill-kontijiet tal-Kummissjoni mhux aktar tard mis-sena finali tal-kontabbiltà.

Dan għandu jiġi żvelat separatament fl-applikazzjonijiet għal pagament.

*Artikolu 87*

***Regoli komuni għall-pagamenti***

1. Soġġett għall-finanzjament disponibbli, il-Kummissjoni għandha tagħmel il-pagamenti *interim* sa mhux aktar tard minn 60 jum wara d-data li fiha applikazzjoni għal pagament tkun ġiet irreġistrata mal-Kummissjoni.

2. Kull pagament għandu jkun assenjat lill-impenn tal-baġit miftuħ tal-Fond ikkonċernat li jmur l-aktar lura fiż-żmien. Il-Kummissjoni għandha tirrimborża bħala pagamenti *interim* 90 % tal-ammonti inklużi fl-applikazzjoni għal pagament, li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rata ta' kofinanzjament għal kull prijorità għan-nefqa totali eliġibbli jew għall-kontribuzzjoni pubblika kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-ammonti li jkun fadal għar-rimborż jew biex jiġu rkuprati fil-kalkolu tal-bilanċ tal-kontijiet skont l-Artikolu 94.

3. L-appoġġ mill-Fondi lil prijorità f'pagamenti *interim* ma għandux ikun ogħla mill-ammont tal-appoġġ mill-Fondi għall-prijorità stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm.

4. Meta l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tieħu l-forma ta' punt (a) tal-Artikolu 46 jew fejn l-għotjiet jieħdu l-forma elenkata fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 48(1), il-Kummissjoni ma għandhiex tħallas iktar mill-ammont mitlub mill-Istat Membru.

5. Barra minn hekk, l-appoġġ mill-Fondi lill-prijorità fil-ħlas tal-bilanċ tas-sena ta' kontabbiltà finali ma għandux jaqbeż l-ammonti li ġejjin:

(a) il-kontribuzzjoni pubblika ddikjarata fl-applikazzjonijiet għal pagamenti;

(b) l-appoġġ mill-Fondi mħallsa lill-benefiċjarji;

(c) l-ammont mitlub mill-Istat Membru.

6. Fuq it-talba ta' Stat Membru, il-pagamenti *interim* jistgħu jiżdiedu b'10 % aktar mir-rata ta' kofinanzjament applikabbli għal kull prijorità għall-Fondi, jekk Stat Membru jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin wara [id-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament]:

(a) fejn l-Istat Membru kkonċernat jirċievi self mill-Unjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010;

(b) l-Istat Membru li jirċievi għajnuna finanzjarja fuq perjodu ta' żmien medju skont il-MES kif stabbilit bit-Trattat li jistabbilixxi l-MES tat-2 ta' Frar 2012 jew kif imsemmi

fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002[50] taħt il-kundizzjoni tal-implimentazzjoni ta’ programm ta’ aġġustament makroekonomiku;

(c) l-għajnuna finanzjarja ssir disponibbli għall-Istat Membru taħt il-kundizzjoni tal-implimentazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru 472/2013[51] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Ir-rata miżjuda, li ma tistax taqbeż il-100 %, għandha tapplika għal talbiet ta’ pagamenti sa tmiem is-sena kalendarja li matulha l-assistenza finanzjarja relatata tasal fi tmiemha.

7. Il-paragrafu 6 ma għandux japplika għall-FEMS.

*Artikolu 88*

***Ir-rimborż tan-nefqa eliġibbli fuq il-bażi ta’ kostijiet ta’ unità, somom f’daqqa u rati fissi***

1. Il-Kummissjoni tista’ trodd lura l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal programm fuq il-bażi ta’ kostijiet unitarji, somom f’daqqa u rati fissi għal rimbors tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal programm.

2. Sabiex isir użu ta’ kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programm fuq il-bażi ta’ kostijiet unitarji, somom f’daqqa u rati fissi kif imsemmi fl-Artikolu 46, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw proposta lill-Kummissjoni skont il-mudelli stabbiliti fl-Annessi IV u V, bħala parti mill-programm jew ta’ talba għal emenda tiegħu.

L-ammonti u r-rati proposti mill-Istat Membru għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 4 jew fuq il-bażi ta’ dan li ġej:

(a) metodu ta’ kalkolu ġust, ekwu u verifikabbli bbażat fuq wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) data statistika, informazzjoni oġġettiva oħra jew ġudizzju espert;

(ii) data storika vverifikata;

(iii) l-applikazzjoni tal-prattiki kontabilistiċi normali tal-kostijiet;

(b) Abbozz ta' Baġit

(c) ir-regoli dwar il-kostijiet unitarji u s-somom f’daqqa korrispondent applikabbli f’politiki tal-Unjoni għal tip simili ta’ operazzjoni;

(d) f’konformità mar-regoli għall-applikazzjoni ta’ kostijiet unitarji korrispondenti, somom f’daqqa applikati skont skemi għall-għotjiet iffinanzjati għal kollox mill-Istat Membru għal tip simili ta’ operazzjoni.

3. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm jew l-emenda tagħha għandha tistabbilixxi t-tipi ta’ operazzjonijiet koperti mir-rimborż fuq il-bażi ta’ kostijiet unitarji, somom f’daqqa u rati fissi, id-definizzjoni u l-ammonti koperti bi kostijiet unitarji, somom f’daqqa u rati fissi u l-metodi għall-aġġustament tal-ammonti.

L-Istati Membri għandhom jużaw waħda mill-forom ta’ għotjiet kif imsemmi fl-Artikolu 48(1) bħala appoġġ għal operazzjonijiet li għalihom l-infiq jiġi rimborżat mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta’ dan l-Artikolu.

---

50 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat- 18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagamenti ta' l-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

51 Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-Żona tal-Euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).

L-awditjar tal-Kummissjoni jew l-Istati Membri għandu jimmira esklużivament li jivverifika li l-kundizzjonijiet għar-rimborż mill-Kummissjoni jkunu ġew issodisfati.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 107 biex tissupplimenta dan l-Artikolu permezz tad-definizzjoni ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa, rati fissi, l-ammonti tagħhom u l-aġġustament tal-metodi ta' modi kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2.

*Artikolu 89*

***Finanzjament mhux marbut mal-kostijiet***

1. Sabiex isir użu ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-parti jew il-partijiet kollha ta' programmi bbażati fuq finanzjament mhux mnarbut ma' kostijiet, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw proposta lill-Kummissjoni skont il-mudelli stabbiliti fl-Annessi IV u V, bħala parti mill-programm jew ta' talba għal emenda tiegħu. Din il-lista għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni tal-prijorità kkonċernata u l-ammont totali kopert minn finanzjament mhux marbut ma' kostijiet; deskrizzjoni tal-parti tal-programm u t-tip ta' operazzjonijiet koperti minn finanzjament mhux marbut ma' kostijiet;

(b) deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfati jew ta' riżultati li għandhom jinkisbu u skeda ta' żmien;

(c) riżultati intermedji li jwasslu għal rimborż mill-Kummissjoni;

(d) unità tal-kejl;

(e) l-iskeda għal rimborż mill-Kummissjoni u l-ammonti relatati marbuta mal-progress fl-issodisfar tal-kundizzjonijiet jew il-kisba tar-riżultati;

(f) l-arranġamenti għal verifika tar-riżultati intermedji u l-issodisfar tal-kundizzjonijiet jew il-kisba tar-riżultati;

(g) il-metodi għall-aġġustament tal-ammonti, fejn applikabbli;

(h) l-arranġamenti sabiex tiġi żgurata sekwenza tal-awditjar skont l-Anness XI juru l-issodisfar tal-kundizzjonijiet jew il-kisba tar-riżultati.

2. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm jew talba għall-emendar tagħha għandha tistabbilixxu l-elementi kollha elenkati fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jużaw waħda mill-forom ta' għotjiet kif imsemmi fl-Artikolu 48(1) bħala appoġġ għal operazzjonijiet li għalihom l-infiq jiġi rimborżat mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' dan l-Artikolu.

L-awditjar tal-Kummissjoni jew l-Istati Membri għandu jimmira esklużivament li jivverifika li l-kundizzjonijiet għar-rimborż mill-Kummissjoni jkunu ġew issodisfati jew li r-riżultati nkisbu

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 107 biex tissupplimenta dan l-Artikolu billi tistabbilixxi l-ammonti għal finanzjament mhux marbut ma' kostijiet skont it-tip ta' operazzjoni, il-metodi għall-aġġustament tal-ammonti u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfati jew ir-riżultati li għandhom jinkisbu.

## TAQSIMA III
## INTERRUZZJONIJIET U SOSPENSJONIJIET

*Artikolu 90*

***Interruzzjoni tad-data ta' skadenza tal-pagament***

1. Il-Kummissjoni tista' tinterrompi l-iskadenza tal-pagamenti, ħlief għal prefinanzjament, għal perjodu massimu ta' sitt xhur meta xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tiġi ssodisfata:

   (a) Ikun hemm evidenza li tissuġġerixxi nuqqas serju u li għalih ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi;

   (b) il-Kummissjoni jkollha twettaq verifiki addizzjonali wara li tirċievi informazzjoni li nefqa f'applikazzjoni ta' pagament tista' tkun marbuta ma' irregolarità.

2. L-Istat Membru jista' jaqbel li l-perjodu ta' interruzzjoni jiġi estiż għal tliet xhur.

3. L-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni b'delega għandu jillimita l-interruzzjoni għall-parti tan-nefqa koperta mit-talba ta' pagament affettwata mill-elementi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, sakemm ma jkunx possibbli li tiġi identifikata l-parti tan-nefqa affettwata. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru bil-miktub bir-raġuni għall-interruzzjoni u għandha titolbu jirrimedja s-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha ttemm l-interruzzjoni hekk kif jittieħdu l-miżuri li jirrimedjaw l-elementi msemmija fil-paragrafu 1.

4. Ir-regoli speċifiċi għall-Fondi għall-FEMS jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri marbuta ma' nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli skont il-Politika Komuni tas-Sajd.

*Artikolu 91*

***Sospensjoni ta' pagamenti***

1. Il-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagamenti kollha jew parti minnhom wara li tkun tat l-opportunità lill-Istat Membru biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, jekk tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) l-Istat Membru jkun naqas milli jieħu l-azzjoni meħtieġa sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni li tagħti lok għal interruzzjoni skont l-Artikolu 90.

   (b) ikun hemm nuqqas serju;

   (c) in-nefqa fl-applikazzjonijiet għal pagament tkun marbuta ma' irregolarità li ma tkunx ġiet ikkoreġuta;

   (d) Ikun hemm opinjoni motivata mill-Kummissjoni fir-rigward ta' ksur skont l-Artikolu 258 TFUE li jpoġġi f'riskju l-legalità u r-regolarità tan-nefqa

   (e) l-Istat Membru jkun naqas milli jieħu l-azzjoni meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 15(6).

2. Il-Kummissjoni għandha ttemm is-sospensjoni tal-pagamenti kollha jew parti minnhom meta l-Istat Membru jkun ħa miżuri li jirrimedjaw l-elementi msemmija fil-paragrafu 1.

3. Ir-regoli speċifiċi għall-Fondi għall-FEMS jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri marbuta ma' nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli skont il-Politika Komuni tas-Sajd.

# KAPITOLU II
# Preżentazzjoni u eżami tal-kontijiet

*Artikolu 92*

***Kontenut u preżentazzjoni tal-kontijiet***

1. Għal kull sena fiskali li għaliha jkunu ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet għall-pagament, l-Istat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar, id-dokumenti li ġejjin ("il-pakkett ta' garanzija") li għandu jkopri s-sena ta' kontabbiltà preċedenti kif definit fl-Artikolu 2(28):

   (a) il-kontijiet skont il-mudell stabbilit fl-Anness XX;

   (b) id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 68(1)(f) skont il-mudell stabbilit fl-Anness XV;

   (c) l-opinjoni tal-awditjar imsemmija fl-Artikolu 71(3)(a) skont il-mudell stabbilit fl-Anness XVI;

   (d) ir-rapport annwali ta' kontroll imsemmi fl-Artikolu 71(3)(b) skont il-mudell stabbilit fl-Anness XVII;

2. L-iskadenza msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi estiża b'eċċezzjoni mill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu, fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat.

3. Il-kontijiet għandhom jinkludu fil-livell ta' kull prijorità u, fejn applikabbli, l-fond u l-kategorija tar-reġjun:

   (a) l-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mdaħħal fis-sistemi kontabilistiċi tal-korp li jwettaq il-funzjoni ta' kontabbiltà li ġiet inkluża fl-applikazzjoni finali għal pagament għas-sena ta' kontabbiltà u l-ammont totali tal-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti mħallas jew li għandu jitħallas;

   (b) l-ammonti rtirati matul is-sena ta' kontabbiltà;

   (c) l-ammonti ta' kontribuzzjoni pubblika mħallsa għal kull strument finanzjarju;

   (d) għal kull prijorità, spjegazzjoni dwar kwalunkwe differenza bejn l-ammonti ddikjarati skont il-punt (a) u l-ammonti ddikjarati f'applikazzjonijiet għall-pagament għall-istess sena kontabilistika.

4. Il-kontijiet ma għandhomx ikunu ammissibbli jekk l-Istati Membri ma jkunux wettqu l-korrezzjonijiet meħtieġa biex jitnaqqas ir-riskju residwu fuq il-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kontijiet għal inqas minn 2 %.

5. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jnaqqsu mill-kontijiet:

   (a) in-nefqa irregolari li tkun ġiet suġġetta għal korrezzjonijiet finanzjarji skont l-Artikolu 97;

   (b) in-nefqa li hi suġġetta għal valutazzjoni kontinwa tal-legalità u r-regolarità tagħha;

   (c) ammonti oħra kif meħtieġ biex titnaqqas għal 2 % ir-rata ta' erruri residwi fin-nefqa ddikjarata fil-kontijiet.

   L-Istat Membru jista' jinkludi l-infiq taħt il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu fl-applikazzjoni ta' pagament fi snin ta' kontabbiltà sussegwenti ladarba tiġi kkonfermata l-legalità u r-regolarità tagħha.

6. L-Istati Membri jistgħu jissostitwixxu ammonti irregolari li jinkixfu wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet billi tagħmel l-aġġustamenti korrispondenti fil-kontijiet għas-sena ta' kontabbiltà fejn tinkixef l-irregolarità, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 98.

7. Bħala parti minn pakkett ta' assigurazzjoni, l-Istat Membru għandu jippreżentaw għall-aħħar sena ta' kontabbiltà ir-rapport finali tal-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 38 jew l-aħħar rapport ta' implimentazzjoni annwali għall-FEMS, AMIF, ISF u BMVI.

*Artikolu 93*

***Eżami tal-kontijiet***

Il-Kummissjoni għandha tissodisfa ruħha li l-kontijiet huma kompluti, preċiżi u veri, sal-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara t-tmiem tas-sena tal-kontijiet sakemm ma jkunx japplika l-Artikolu 96.

*Artikolu 94*

***Kalkolu tal-bilanċ***

1. Meta tiddetermina l-ammont attribwibbli għall-Fondi għas-sena ta' kontabbiltà u l-aġġustamenti konsegwenti fir-rigward tal-pagamenti lill-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra:

(a) l-ammonti fil-kontijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 95(2) u li għalih għandha tiġi applikata r-rata ta' kofinanzjament għal kull prijorità;

(b) l-ammont totali ta' pagamenti magħmula mill-Kummissjoni matul dik is-sena ta' kontabbiltà li jikkonsisti minn:

2. Meta jkun hemm ammont li jista' jiġi rkuprat mill-Istat Membru, huwa għandu jkun soġġett għal ordni ta' rkupru maħruġa mill-Kummissjoni li għandha tiġi eżegwita, fejn ikun possibbli, billi jitnaqqsu l-ammonti dovuti lill-Istat Membru għal pagamenti sussegwenti għall-istess programm operattiv. Dak l-irkupru ma għandux jikkostitwixxi korrezzjoni finanzjarja u ma għandux inaqqas l-appoġġ mill-Fondi għall-programm operazzjonali. L-ammont irkuprat għandu jikkostitwixxi dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 177(3) tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 95*

***Proċedura għall-eżami tal-kontijiet***

1. Il-proċedura stipulata fl-Artikolu 96 għandha tapplika f'xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-awtorità ta' verifika tkun ipprovdiet opinjoni tal-awditjar kwalifikata jew negattiva minħabba raġunijiet marbuta mal-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet;

(b) il-Kummissjoni għandha evidenza li tpoġġi fid-dubju l-affidabbiltà ta' opinjoni ta' awditu mhux kwalifikata.

2. Fil-każijiet l-oħra kollha, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-ammonti attribwibbli għall-Fondi skont l-Artikolu 94 u tagħmel il-pagamenti rispettivi jew irkupri qabel l-1 ta' Lulju. Dan il-pagament jew l-irkupru għandu jikkostitwixxi l-aċċettazzjoni tal-kontijiet.

*Artikolu 96*

***Il-proċedura kontradittorja għall-eżami tal-kontijiet***

1. Jekk l-awtorità tal-verifika tipprovdi opinjoni tal-awditjar li tkun kwalifikata minħabba raġunijiet marbuta il-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet, il-Kummissjoni

għandha titlob lill-Istat Membru jirrevedi l-kontijiet u jerġa’ jippreżenta d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 92(1) fi żmien xahar.

Jekk sal-limitu ta’ żmien stabbilit fl-ewwel subparagrafu:

(a) l-opinjoni tal-awditjar ma tkunx kwalifikata, għandu japplika l-Artikolu 94 u l-Kummissjoni għandha tħallas kwalunkwe ammont addizzjonali dovut jew tipproċedi għall-irkupru fi żmien xahrejn;

(b) l-opinjoni tal-awditjar tkun għadha kwalifikata jew id-dokumenti ma jkunux ġew ippreżentati mill-ġdid mill-Istat Membru, għandhom japplikaw il-paragrafi 2, 3 u 4.

2. Jekk l-opinjoni tal-awditjar tibqa’ kwalifikata minħabba raġunijiet marbuta mal-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet jew jekk l-opinjoni tal-awditjar tibqa’ affidabbli, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar l-ammont attribwibbli għall-Fondi għas-sena ta’ kontabbiltà.

3. Jekk l-Istat Membru jaqbel ma’ dan l-ammont fi żmien xahar, il-Kummissjoni għandha tħallas kwalunkwe ammont addizzjonali dovut jew jipproċedu għal irkupru skont l-Artikolu 94 fi żmien xahrejn.

4. Jekk Stat Membru ma jaqbilx mal-ammont imsemmi fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammont attribwibbli għall-Fondi għas-sena ta’ kontabbiltà. Dik id-deċiżjoni m ' għandhiex tikkostitwixxi korrezzjoni finanzjarja u m ' għandhiex tnaqqas l-appoġġ mill-Fond għall-programm operattiv. Il-Kummissjoni għandha tħallas kwalunkwe ammont addizzjonali dovut jew jipproċedu għal irkupru skont l-Artikolu 94 fi żmien xahrejn.

5. Fir-rigward ta’ sena ta’ kontabbiltà, il-Kummissjoni għandha tħallas jew tirkupra l-bilanċ annwali tal-kontijiet ta’ programmi appoġġati mill-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta’ Koeżjoni mhux aktar tard minn xahrejn wara d-data tal-aċċettazzjoni tar-rapport finali tal-prestazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 38.

# KAPITOLU III
# Korrezzjonijiet finanzjarji

*Artikolu 97*

***Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri***

1. L-Istati Membri għandhom iħarsu l-baġit tal-Unjoni u japplikaw il-korrezzjonijiet finanzjarji permezz tal-kanċellazzjoni totali jew parzjali ta’ sostenn mill-Fondi għal operazzjoni jew programm meta n-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni tinstab li kienet irregolari.

2. Il-korrezzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu rreġistrati fil-kontijiet għas-sena ta' kontabbiltà li fiha tkun ittieħdet id- deċiżjoni dwar il-kanċellazzjoni.

3. L-appoġġ mill-Fondi mħassra jista’ jerġa’ jintuża mill-Istat Membru fi ħdan il-programm ikkonċernat ħlief għal operazzjoni li kienet is-suġġett ta’ dik il-korrezzjoni jew, fejn tkun saret korrezzjoni finanzjarja għal irregolarità sistemika, għal kwalunkwe operazzjoni affettwata mill-irregolarità sistemika.

4. Ir-regoli speċifiċi għall-Fondi għall-FEMS jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri marbuta ma' nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli skont il-Politika Komuni tas-Sajd.

5. Permezz ta' deroga mill-paragrafi minn 1 sa 3, f'operazzjonijiet li jinvolvu strumenti finanzjarji, il-kontribuzzjoni mħassra skont dan l-Artikolu, bħala riżultat ta' irregolarità individwali, tista' terġa' tintuża fi ħdan l-istess operazzjoni bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) meta l-irregolarità li twassal għat-tħassir tal-kontribuzzjoni tiġi identifikata fil-livell tar-riċevitur finali: biss għal riċevituri finali oħrajn fl-istess strument finanzjarju;

(b) meta l-irregolarità li twassal għat-tħassir tal-kontribuzzjoni tiġi identifikata fil-livell tal-korp li jimplimenta l-fond speċifiku, fejn strument finanzjarju jiġi implimentat permezz ta' struttura b'fond ta' parteċipazzjoni, biss għal korpi oħra li jimplimentaw fondi speċifiċi.

Jekk l-irregolarità li twassal għat-tħassir tal-kontribuzzjoni tinstab fil-livell tal-korp li jimplimenta l-fond ta' parteċipazzjoni jew fil-livell tal-korp li jimplimenta strumenti finanzjarji fejn l-istrument finanzjarju huwa implimentat permezz ta' struttura mingħajr fond ta' parteċipazzjoni, il-kontribuzzjoni mħassra ma tistax terġa' tintuża fi ħdan l-istess operazzjoni.

F'każ li ssir korrezzjoni finanzjarja għal irregolarità sistemika, il-kontribuzzjoni mħassra ma tistax terġa' tintuża għal xi operazzjoni affettwata mill-irregolarità sistemika."

6. Il-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji jkunu responsabbli għar-rimborż tal-kontribuzzjonijiet tal-programm affettwat minn irregolaritajiet, flimkien mal-imgħax u kull gwadann ieħor iġġenerat minn dawn il-kontribuzzjonijiet.

Madankollu l-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji mhux se jkunu responsabbli għar-rimborżi tal-ammonti msemmija fl-ewwel subparagrafu sakemm juru li l-kundizzjonijiet kumulattivi segwenti jkunu ssodisfati:

(a) l-irregolaritajiet seħħew fil-livell tar-riċevitur finali jew, fil-każ ta' fond ta' parteċipazzjoni, fil-livell ta' korpi li jimplimentaw fondi speċifiċi jew riċevituri finali;

(b) il-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji jkunu wettqu l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet tal-programm affettwati mill-irregolarità, skont il-liġi applikabbli u jaġixxu bil-grad ta' kura professjonali, trasparenza u diliġenza mistennija minn korp professjonali b'esperjenza fl-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji;

(c) l-ammonti affettwati mill-irregolarità ma setgħux ikunu rkuprati minkejja li l-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju segwew il-miżuri kuntrattwali u legali kollha bid-diliġenza dovuta.

### *Artikolu 98*
### ***Korrezzjonijiet finanzjarji mill-kummissjoni***

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji billi tnaqqas l-appoġġ mill-Fondi għal programm fejn hija tikkonkludi li:

(a) ikun hemm nuqqas serju li jkun poġġa f'riskju l-appoġġ mill-Fondi li jkun diġà tħallas għall-programm;

(b) in-nefqa inkluża fil-kontijiet aċċettati tkun irregolari u ma tkunx ġiet osservata u rrappurtata mill-Istat Membru;

(c) l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 91 qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni skont dan il-paragrafu;

Fejn il-Kummissjoni tapplika rata fissa jew korrezzjonijiet finanzjarji estrapolati, dan għandu jsir skont l-Anness XXI.

2. Qabel ma tieħu deċiżjoni dwar korrezzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar il-konklużjonijiet tagħha u tagħti lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn.

3. Jekk l-Istat Membru ma jaċċettax il-konklużjonijiet provviżorji tal-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jiġi mistieden għal smigħ mill-Kummissjoni, sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha jkunu disponibbli bħala bażi għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-korrezzjoni finanzjarja.

4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar korrezzjoni finanzjarja permezz ta' att ta' implimentazzjoni fi żmien 12-il xahar mis-smigħ jew mill-preżentazzjoni tal-informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Kummissjoni.

Meta tiddeċiedi dwar korrezzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet kollha ppreżentati.

Jekk Stat Membru jaqbel dwar il-korrezzjoni finanzjarja għall-każijiet imsemmija fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 1 qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Istat Membru jista' juża mill-ġdid l-ammonti kkonċernati. Din il-possibbiltà ma għandhiex tapplika għal korrezzjoni finanzjarja għal każijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

5. Ir-regoli speċifiċi għall-Fondi għall-FEMS jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti addizzjonali għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri marbuta ma' nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli skont il-Politika Komuni tas-Sajd.

# KAPITOLU IV
# Diżimpenn

*Artikolu 99*
***Prinċipji u regoli diżimpenjati***

1. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja kwalunkwe ammont fi programm li ma kienx intuża għal prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 84 jew li għalih ma ġietx ippreżentata applikazzjoni għall-pagament skont l-Artikoli 85 u 86 sas-26 ta' Diċembru tat-tieni sena kalendarja wara dik tal-impenji tal-baġit għas-snin 2021 sa 2026.

2. L-ammont li għandu jiġi kopert mill-prefinanzjament jew l-applikazzjonijiet ta' pagament sal-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-baġit 2021 għandu jkun ta' 60 % ta' dak l-impenn. Għaxra fil-mija (10 %) tal-impenn tal-baġit tal-2021 għandu jiżdied ma' kull impenn tal-baġit għas-snin 2022 sa 2025 għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu koperti.

3. Din il-parti tal-impenji li tkunu għadha miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2029 għandha tiġi diżimpenjata jekk il-pakkett tal-assigurazzjoni u r-rapport finali tal-prestazzjoni għall-programmi appoġġati mill-FSE, il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni ma jkunux intbagħtu lill-Kummissjoni sat-terminu perentorju stabbilit fl-Artikolu 38(1).

*Artikolu 100*
***Eċċezzjonijiet għar-regoli tad-diżimpenn***

1. L-ammont ikkonċernat minn diżimpenn għandu jitnaqqas bl-ammonti ekwivalenti għal dik il-parti tal-impenn baġitarju li għaliha:

(a) l-operazzjonijiet ikunu sospiżi minn proċedura ġuridika jew appell amministrattiv li għandhom effett ta' sospensjoni; jew

(b) ma kienx possibbli li ssir applikazzjoni għal pagament minħabba raġunijiet ta' forza maġġuri li jaffettwaw b'mod serju l-implimentazzjoni tal-programm kollu jew parti minnu.

L-awtoritajiet nazzjonali li jiddikjaraw forza maġġuri għandhom juru l-konsegwenzi diretti tagħha fuq l-implementazzjoni tal-programm kollu jew ta' parti minnu.

2. Sal-31 ta' Jannar, l-Istat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għall-ammont li jrid jiġi dikjarat sas-26 ta' Diċembru.

*Artikolu 101*

***Proċedura għad-diżimpenn***

1. Fuq il-bażi tal-informazzjoni li tkun irċeviet sal-31 ta' Jannar, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru u lill-awtorità ta' ġestjoni dwar l-ammont tad-diżimpenn li jirriżulta minn dik l-informazzjoni.

2. L-Istat Membru għandu jkollu xahrejn biex jaqbel mal-ammont li għandu jiġi diżimpenjat jew biex jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.

3. L-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju pjan ta' finanzjament rivedut li jirrifletti għas-sena finanzjarja kkonċernata l-ammont imnaqqas ta' sostenn rigward prijorità waħda tal-programm, jew rigward diversi prijoritajiet. Għall-programmi appoġġati minn aktar minn Fond wieħed, l-ammont tal-appoġġ għandu jitnaqqas skont il-Fond b'mod proporzjonali mal-ammonti kkonċernat mid-diżimpenn li ma kienx użat fis-sena kalendarja kkonċernata.

Fin-nuqqas li ssir tali preżentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-pjan ta' finanzjament billi tnaqqas il-kontribuzzjoni mill-Fond għas-sena finanzjarja kkonċernata. Dan it-tnaqqis għandu jiġi allokat għal kull prijorità b'mod proporzjonat għall-ammonti kkonċernati mid-diżimpenn li ma kienx użat fis-sena kalendarja kkonċernata.

4. Il-Kummissjoni għandha temenda d-deċiżjoni li tapprova l-programm sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru.

## TITOLU VIII
### QAFAS FINANZJARJU

*Artikolu 102*

***Kopertura ġeografika tal-appoġġ għal Investiment bil-għan tat-tkabbir u l-impjiegi***

1. Il-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni għandhom isostnu l-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi fir-reġjuni kollha li jikkorrispondu għal-livell 2 tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (reġjuni "NUTS livell 2") stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 868/2014.

2. Riżorsi mill-FEŻR u l-FSE + għall-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi għandhom jiġu allokati fost it-tliet kategoriji tal-livell 2 NUTS li ġejjin:

(a) reġjuni anqas żviluppati, li l-PDG minn ras għal ras tagħhom huwa anqas minn 75 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27.

(b) reġjuni ta' tranżizzjoni, li l-PDG minn ras għal ras tagħhom huwa bejn 75 % u 100 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27;

(c) reġjuni aktar żviluppati, li l-PDG minn ras għal ras tagħhom huwa aktar minn 100 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27.

Il-klassifikazzjoni tar-reġjuni taħt waħda mit-tliet kategoriji ta' reġjuni għandha tkun iddeterminata fuq il-bażi ta' kif il-PDG ras għal ras ta' kull reġjun, imkejjel permezz tal-istandards tal-poter tal-akkwist (PPS) u kkalkolat fuq il-bażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2014-2016, jirrelata mal-medja tal-PDG tal-UE-27 għall-istess perjodu ta' referenza.

3. Il-Fond ta' Koeżjoni għandu jappoġġa lil dawk l-Istati Membri li l-ING *per capita* tagħhom, imkejjel f'PPS u kkalkolat fuq il-bażi tal-figuri tal-Unjoni għall-perjodu 2014-2016, ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-ING *per capita* tal-UE-27 għall-istess perjodu ta' referenza.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni permezz ta' att implimentattiv li jistabbilixxi l-lista ta' reġjuni li jissodisfaw il-kriterji ta' waħda mit-tliet kategoriji ta' reġjuni u tal-Istati Membri li jissodisfaw il-kriterji tal-paragrafu 3. Din il-lista għandha tkun valida mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

*Artikolu 103*

***Riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali***

1. Ir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali disponibbli għall-impenji tal-baġit għall-perjodu 2021–2027 għandhom ikunu EUR 330 624 388 630 fi prezzijiet tal-2018.

Għall-finijiet ta' programmar u tal-inklużjoni sussegwenti fil-baġit tal-Unjoni, dan l-ammont għandu jiġi indiċizzat għal 2 % kull sena.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tistabbilixxi t-tqassim annwali tar-riżorsi globali skont l-Istat Membru fil-qafas tal-Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi, għal kull kategorija ta' reġjuni, flimkien mal-lista ta' reġjuni eliġibbli skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness XXII.

Din id-deċiżjoni tistipula wkoll it-tqassim annwali tar-riżorsi globali għal kull Stat Membru taħt il-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg).

3. 0.35 % tar-riżorsi globali wara t-tnaqqis tal-appoġġ għall-FNE msemmija fl-Artikolu 104(4) għandhom jiġu allokati għal assistenza teknika bl-inizjattiva tal-Kummissjoni.

*Artikolu 104*

***Riżorsi għall-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi u għall-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg)***

1. Ir-riżorsi għall-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi għandhom jammontaw għal 97.5 % tar-riżorsi globali (jiġifieri, total ta' EUR 322 194 388 630) u għandhom jiġu allokati kif ġej:

(a) 61.6 % (jiġifieri, total ta' EUR 198 621 593 157) għar-reġjuni anqas żviluppati;

(b) 14.3 % (jiġifieri, total ta' EUR 45 934 516 595) għar-reġjuni fi tranżizzjoni;

(c) 10.8 % (jiġifieri, total ta' EUR 34 842 689 000) għar-reġjuni aktar żviluppati;

(d) 12.8 % (jiġifieri, total ta' EUR 41 348 556 877) għall-Istati Membri appoġġati mill-Fond ta' Koeżjoni;

(e) 0.4 % (jiġifieri, total ta' EUR 1 447 034 001) bħala finanzjament addizzjonali għar-reġjuni l-aktar imbiegħda identifikati fl-Artikolu 349 tat-Trattat u reġjuni tal-livell 2 NUTS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994.

2. Fl-2024, il-Kummissjoni għandha, fl-aġġustament tekniku tagħha għas-sena 2025 f'konformità mal-Artikolu [6] tar-Regolament (UE, Euratom) [[...] (ir-Regolament QFP)], tirrieżamina l-allokazzjonijiet totali taħt l-għan ta' Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi ta' kull Stat Membru għall-perjodu 2025 sal-2027.

Il-Kummissjoni għandha, fir-rieżami tagħha tapplika l-metodu ta' allokazzjoni stabbilit fl-Anness XXII fuq il-bażi tal-istatistika l-aktar reċenti disponibbli dak iż-żmien.

Wara l-aġġustament tekniku, il-Kummissjoni għandha temenda l-att ta' implimentazzjoni billi tfassal rendikont annwali rivedut imsemmi fl-Artikolu 103(2).

3. L-ammont ta' riżorsi disponibbli għall-FSE+ taħt il-mira Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi għandu jkun ta' EUR 88 646 194 590.

L-ammont ta' finanzjament addizzjonali għar-reġjuni l-aktar imbiegħda msemmija fil-punt (e) fil-paragrafu 1 allokati lill-FSE + għandu jkun ta' EUR 376 928 934.

4. L-ammont ta' sostenn mill-Fond ta' Koeżjoni li għandu jiġi ttrasferit għall-FNE għandu jkun ta' EUR 10 000 000 000. Huwa għandu jintefaq fuq proġetti ta' infrastruttura tat-trasport billi jitnedew sejħiet speċifiċi f'konformità mar-Regolament (UE) [*numru tar-Regolament CEF il-ġdid*] esklussivament fl-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li jistabbilixxi l-ammont li għandu jiġi trasferit mill-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni ta' kull Stat Membru għall-FNE liema ammont għandu jiġi ddeterminat fuq bażi *pro rata*, għall-perjodu sħiħ.

L-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni ta' kull Stat Membru għandha titnaqqas skont dan.

L-approprjazzjonijiet annwali li jikkorrispondu għas-sostenn mill-Fond ta' Koeżjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu għandhom jiddaħħlu fil-linji tal-baġit rilevanti tal-FNE mill-eżerċizzju tal-baġit tal-2021.

Tletin fil-mija (30 %) tar-riżorsi trasferiti għall-FNE għandhom ikunu disponibbli immedjatament wara t-trasferiment lill-Istati Membri kollha eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fond ta' Koeżjoni biex jiġu ffinanzjati proġetti tal-infrastruttura tat-trasport f'konformità mar-Regolament (UE) [*ir-Regolament CEF il-ġdid*].

Ir-regoli applikabbli għas-settur tat-trasport skont ir-Regolament (UE) [*ir-Regolament CEF il-ġdid*] għandhom japplikaw għas-sejħiet speċifiċi msemmijin fl-ewwel subparagrafu. Sal-31 ta' Diċembru 2023, l-għażla tal-proġetti eliġibbli għall-finanzjament għandha tirrispetta l-allokazzjonijiet nazzjonali taħt il-Fond ta' Koeżjoni fir-rigward ta' 70 % tar-riżorsi trasferiti għall-FNE.

Sa mill-1 ta' Jannar 2024, ir-riżorsi trasferiti għall-FNE li kienu għandhom ma ġewx impenjati għal proġett tal-infrastruttura tat-trasport għandhom ikunu disponiblli għall-Istati Membri kollha eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni għal finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura tat-trasport f'konformità mar-Regolament (UE) [*ir-Regolament CEF il-ġdid*].

5. Il-EUR 500 000 000 tar-riżorsi għall-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi għandhom jiġu allokati għal tal-Inizjattiva Urbana Ewropea taħt ġestjoni diretta jew indiretta mill-Kummissjoni.

6. Il-EUR 175 000 000 tar-riżorsi ESF+ għall-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi għandhom jiġu allokati għal kooperazzjoni transnazzjonali li tappoġġa s-soluzzjonijiet innovattivi taħt ġestjoni diretta jew indiretta.

7. Ir-riżorsi għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) għandhom jammontaw għal 2.5 % tar-riżorsi globali disponibbli għall-impenji tal-baġit mill-Fondi għall-perjodu 2021-2027 (jiġifieri total ta' EUR 8 430 000 000).

*Artikolu 105*

***Trasferibbiltà tar-riżorsi***

1. Il-Kummissjoni tista' taċċetta proposta minn Stat Membru fil-preżentazzjoni tagħha tal-Ftehim ta' Sħubija jew fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu, għal trasferiment:

(a) ta' mhux aktar minn 15 % tal-allokazzjonijiet totali għar-reġjuni inqas żviluppati u r-reġjuni ta' tranżizzjoni jew reġjuni aktar żviluppati u reġjuni ta' tranżizzjoni għal reġjuni aktar żviluppati;

(b) mill-allokazzjonijiet għar-reġjuni aktar żviluppati jew reġjuni ta' tranżizzjoni għal reġjuni inqas żviluppati.

2. L-ammont totali ta' fondi allokati lil kull Stat Membru fir-rigward tal-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi u l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) ma għandhomx ikunu trasferibbli bejn dawn l-għanijiet.

*Artikolu 106*

***Determinazzjoni tar-rati ta' kofinanzjament***

1. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova programm għandha tiffissa r-rata ta' kofinanzjament u l-ammont massimu ta' sostenn mill-Fondi għal kull prijorità.

2. Għal kull assi ta' prijorità, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tistabbilixxi jekk ir-rata ta' kofinanzjament għall-assi ta' prijorità għandhiex tiġi applikata:

(a) il-kontribuzzjoni totali, inkluża kontribuzzjoni pubblika u privata;

(b) Kontribuzzjoni pubblika

3. Ir-rata ta' kofinanzjament għall-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir fil-livell ta' kull prijorità ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) 70 % għal reġjuni aktar żviluppati;

(b) 55 % għar-reġjuni ta' tranżizzjoni;

(c) 40 % għal reġjuni aktar żviluppati;

Ir-rati ta' kofinanzjament stabbiliti skont il-punt (a), għandhom japplikaw ukoll għal reġjuni l-aktar imbiegħda.

Ir-rata ta' kofinanzjament għall-Fond ta' Koeżjoni fil-livell ta' kull prijorità ma għandhiex tkun ogħla minn 70%.

Ir-Regolament ESF+ jista' jistabbilixxi rati ta' kofinanzjament ogħla għal azzjonijiet innovattivi li jappoġġaw skont l-Artikolu [14] ta' dak ir-Regolament.

4. Ir-rata ta' kofinanzjament għal programmi Interreg ma għandhiex tkun ogħla minn 70 %.

Ir-Regolament KTE jista' jistabbilixxi rati ogħla ta' kofinanzjament għal programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali esterni taħt il-mira tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg).

5. Il-miżuri ta' għajnuna teknika implementati fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew f'isimha jistgħu jiġu ffinanzjati bir-rata ta' 100 %.

# TITOLU IX
## DELEGI TA' SETGĦAT, DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI, TRANŻIZZJONALI U FINALI:

# KAPITOLU I
## Delegi ta' setgħat u dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni

*Artikolu 107*

***Delega tas-setgħa***

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 108 biex temenda l-Annessi għal dan ir-Regolament sabiex tadatta għal bidliet li jseħħu matul il-perjodu ta' programmazzjoni għal elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, ħlief għall-Annessi III, IV, X u XXII.

*Artikolu 108*

***Eżerċizzju tad-delega***

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 63(10), fl-Artikolu 73(4), fl-Artikolu 88(4), fl-Artikolu 89(4) u fl-Artikolu 107 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 63(10), l-Artikolu 73(4), l-Artikolu 88(4) u l-Artikolu 89(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti magħżula minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 63(10), l-Artikolu 73(4), l-Artikolu 88(4) u l-Artikolu 89(4) u 107 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jkun estiż b'[xahrejn] bl-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 109*

***Proċedura ta' Kumitat***

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistia minn Kumitat. Dan il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

# KAPITOLU II
# Dispożizzjonijiet tranżizzjonali jew finali

*Artikolu 110*
***Dispożizzjonijiet tranżitorji***

Ir-Regolament (KE) Nru 1303/2013 jew xi att ieħor applikabbli għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għandu jkompli japplika għal programmi u operazzjonijiet appoġġati mill-FEŻR, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEMS f'dan il-perjodu.

*Artikolu 111*
***Kundizzjonijiet għal operazzjonijiet soġġetti għal implimentazzjoni maqsuma f'fażijiet***

1. L-awtorità ta' ġestjoni tista' tipproċedi bl-għażla ta' operazzjoni li tikkonsisti mit-tieni fażi ta' operazzjoni magħżula għal appoġġ u mibdija skont ir-Regolament (KE) Nru 1303/2013, dment li l-kondizzjonijiet kumulattivi li ġejjin huma ssodisfati:

   (a) l-operazzjoni, kif magħżula għal appoġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 1303/2013, għandha żewġ fażijiet identifikabbli mill-aspett finanzjarju b'rendikonti tal-awditjar separati;

   (b) il-kost totali tal-operazzjoni jaqbeż l-EUR 10 miljun;

   (c) in-nefqa inkluża fl-applikazzjoni tal-pagament fir-rigward tal-ewwel fażi mhumiex inklużi taħt kull applikazzjoni għal pagament fir-rigward tat-tieni fażi;

   (d) it-tieni fażi tal-operazzjoni tikkonforma mal-liġi applikabbli u hija eliġibbli għal appoġġ mill-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi;

   (e) l-Istat Membru jimpenja ruħu li matul il-perjodu ta' programmazzjoni jlesti u jibda jħaddem it-tieni u l-aħħar fażi fir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni ppreżentat skont l-Artikolu 141 tar-Regolament (KE) Nru 1303/2013.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għat-tieni fażi tal-operazzjoni.

*Artikolu 112*
***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill*
*Il-President* | *Il-President*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva:

| |
|---|
| Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u regoli finanzjarji u dawk dwar il-Fond għall-Asil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument ta' Ġestjoni tal-Fruntieri |

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernata/i (Raggruppament ta' programmi)

| |
|---|
| KOEŻJONI U VALURI |

### 1.3. Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma':

☐azzjoni ġdida

☐azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota / azzjoni preparatorja[52]

X l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐amalgamazzjoni jew direzzjonar mill-ġdid ta' azzjoni waħda jew akta lejn azzjoni ġdida oħra

### 1.4. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva:

*1.4.1. Rekwiżit(i) li għandhom jintlaħqu f'perjodu ta' żmien qasir jew fit-tul, inkluża skeda ta' żmien dettaljata għall-introduzzjoni tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

| |
|---|
| Matul l-2019 Adozzjoni tar-regolament<br>Matul l-2020 Negozjar tal-programmi<br>1 ta' Jannar 2021 Bidu tal-programmi l-ġodda |

*1.4.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jinkiseb minn fatturi differenti, pereż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li inkella kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

| |
|---|
| **Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (ex ante)**<br>L-azzjoni tal-UE għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew +, il-Fond ta' Koeżjoni, FEMS, AMIF, ISF u BMVI hija ġġustifikata fuq il-bażi tal-objettivi stipulati fl-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Id-dritt li tittieħed azzjoni huwa mnaqqax fl-Artikolu 175 TFUE li espliċitament isejjaħ lill-Unjoni biex timplimenta din il-politika permezz ta' Fondi Strutturali, flimkien mal-Artikolu 177, li tiddefinixxi r-rwol tal-Fond ta' Koeżjoni. L-għanijiet tal-FSE, il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni huma definiti fl-Artikoli 162, 176 u 177 TFUE rispettivament. L-azzjonijiet relatati mas-sajd huma ġġustifikati skont l-Artikolu 39 TFUE.<br>L-Artikolu 174 TFUE jiddikjara li għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u reġjuni li jbatu minn żvantaġġi |

[52] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

naturali jew demografiċi gravi u permanenti. Dawn tal-aħħar jinkludu r-reġjuni tat-Tramuntana nett b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u reġjuni insulari, transfruntiera u muntanjużi.

L-Artikolu 349 TFUE jiddikjara li għandhom jiġu adottati miżuri speċifiċi sabiex jittieħed kont tas-sitwazzjoni strutturali soċjali u ekonomika tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, li hija aktar ikkumplikata minħabba ċerti fatturi speċifiċi li jirrestrinġu bil-kbir l-iżvilupp tagħhom.

Valur miżjud tal-Unjoni mistenni li jiġi ġġenerat (*ex post*)

L-effikaċja u l-effiċjenza: fejn l-azzjoni tal-UE tmur aktar lil hinn mill-ksib tar-riżultati. Pereżempju, f'ħafna pajjiżi, il-politika ta' koeżjoni tirrappreżenta madwar 50 % (jew aktar) ta' investiment pubbliku - dawn l-Istati Membri ma jkollhomx il-kapaċità finanzjarja li jwettqu investimenti bħal dawn b'mod ieħor. Barra minn hekk, strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (RIS3) ma jkunux jeżistu f'bosta reġjuni, kemm jekk aktar jew inqas żviluppati, u lanqas jiġu sostnuti mingħajr il-FEŻR.

Kontribut għal għanijiet li huma ta' importanza għaċ-ċittadini tal-UE. Il-promozzjoni tal-impjiegi u t-tkabbir, it-tkabbir ekoloġiku u dak b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-migranti, il-manutenzjoni tajba tal-fruntieri - dawn kollha huma importanti għaċ-ċittadini. Barra minn hekk il-kundizzjonijiet li jippermettu li jiġu promossi r-riformi strutturali u l-immodernizzar tal-amministrazzjoni.

*1.4.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

(1) Simplifikazzjoni: il-ħtieġa li jitnaqqas il-piż amministrattiv. Din kienet sejba ewlenija u ripetuta. Fuq ġestjoni kumplessa, sistemi ta' kontroll u verifika kienu sors ta' inċertezza amministrattiva u dewmien fl-implimentazzjoni u diżinċentiv biex wieħed japplika għal appoġġ. B'mod partikolari kien irrakkomandat l-użu ta' alternattivi ta' kostijiet issimplifikati.

(2) Flessibbiltà għar-reazzjoni għall-ħtiġijiet emerġenti. Pereżempju, l-evalwazzjoni *ex post* tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni sabet li l-adattament ta' programmi fil-kriżi ekonomika kienet waħda mill-istejjer ta' suċċess fil-perjodu 2007-2013 u jinħtieġ li tkompli tinbena.

(3) Il-potenzjal tal-istrumenti finanzjarji (SF). Il-valutazzjonijiet sabu li l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom il-potenzjal li jkunu mezz aktar effiċjenti kif jiġi ffinanzjat l-investiment f'xi oqsma ta' politika, iżda hemm dewmien fl-implimentazzjoni u hija sfida li tifrex l-użu tagħhom.

*1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Skont in-natura tal-appoġġ, l-aktar sinerġiji sinifikanti huma ma' Horizon Europe u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa:

Horizon Europe se jiffoka fuq "l-eċċellenza Ewropea" (il-ġenerazzjoni u l-isfruttament tal-għarfien il-ġdid, ir-riċerka l-aktar avvanzata) tal-FEŻR fuq "relevanza reġjonali" (it-tixrid tal-għarfien u t-teknoloġija eżistenti f'postijiet li jkollhom bżonnha, li dan ikun inkorporat lokalment permezz ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, bil-bini ta' sistemi ta' innovazzjoni).

Biex tkun possibbli l-konsistenza mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), hemm sinerġija msaħħa u komplimentarjetà fejn is-CEF se jiffoka b'mod partikolari fuq in-"netwerk ewlieni" filwaqt li l-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni se jipprovdi wkoll appoġġ għal "netwerk komprensiv", inkluż l-iżgurar ta' aċċess reġjonali u lokali kif ukoll il-konnessjonijiet ta' trasport f'żoni urbani.

## 1.5. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

☐tul ta' żmien illimitat

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX] SSSS sa [JJ/XX] SSSS

– X L-impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet tal-impenji u mill-2021 sal-2029 għall-approprjazzjonijiet tal-pagamenti.

☐ tul ta' żmien illimitat

– Implimentazzjoni b'perjodu inizjali mill-SSSS sal-SSSS,

–u wara dan jibda' l-operat sħiħ.

## 1.6. Modi ta' ġestjoni ppjanati[53]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

X Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi maħtura minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ il-korpi li jissemmew fl-Artikolu 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi irregolati bil-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V TUE, u identifikati fl-att bażiku relevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod wieħed ta' ġestjoni, ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

[53] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli tal-monitoraġġ u tar-rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Is-sistema ta' monitoraġġ tibni fuq l-aħjar prattiki tal-perjodu baġitarju 2014-2020 u se tkompli tkun ibbażata fuq sistema ta' ġestjoni kondiviża. Il-kumitati għall-Monitoraġġ stabbiliti għal kull programm se jingħataw rwol aktar prominenti fis-sorveljanza tal-prestazzjoni tal-programmi u l-fatturi kollha li jinfluwenzaw dan. Għat-trasparenza, se jkun mitlub li d-dokumenti ppreżentati lill-kumitati ta' monitoraġġ ikunu disponibbli pubblikament. Il-laqgħat annwali ta' reviżjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkumplimentaw is-sistema. Ir-rekwiżit għal rapporti annwali ta' implimentazzjoni se jiġu aboliti bi skambju għal preżentazzjoni ta' data aktar frekwenti u aġġornata. Se jinżamm rekwiżit għal rapport dwar ir-rendiment finali.

Id-definizzjoni ta' indikaturi applikabbli b'mod komuni se tikkontribwixxi għad-disponibbiltà ta' informazzjoni ta' monitoraġġ li tista' tiġi aggregata fil-livell tal-Unjoni.

Data elettronika tippermetti l-kombinazzjoni ta' simplifikazzjoni u trasparenza. Fil-perjodu 2014-2020, kien hemm rekwiżit biex tiġi stabbilita sistema ta' skambju ta' data elettronika bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' ġestjoni, kif ukoll bejn l-awtoritajiet differenti tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll. Ir-regolament attwali jibni fuq u jiżviluppa aktar ċerti aspetti f'termini ta' ġbir ta' data. Id-data kollha meħtieġa għall-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni, inkluż ir-riżultati u l-prestazzjoni tal-programmi, issa se tiġi trażmessa elettronikament. Kull xahrejn, il-pjattaforma miftuħa tad-data se tiġi aġġornata li jfisser li kważi se tirrifletti l-prestazzjoni f'ħin reali.

### 2.2. Sistema/sistemi ta' ġestjoni u kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu(i) għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

Minħabba r-riżultati pożittivi għat-tnaqqis tar-rata ta' erruri rrappurtata mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (u l-inċertezza li titnissel mill-fatt li ma kinetx għadha fis-seħħ matul iċ-ċiklu sħiħ tal-implimentazzjoni tal-programmi u għalhekk ma setgħux isiru konklużjonijiet definittivi dwar l-aspetti kollha) huwa meħtieġ li jinżammu fis-seħħ il-prinċipji fundamentali eżistenti ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll u r-regoli ta' ġestjoni finanzjarja li ġew introdotti għall-perjodu 2014-2020.

Madankollu, huwa wkoll meħtieġ li jiġi rikonoxxut id-dewmien fil-bidu tal-implimentazzjoni tal-2014–2020 u l-piż amministrattiv, xi drabi bla bżonn, li introduċew xi wħud mir-rekwiżiti. Għalhekk qed jiġi propost li l-kompiti u r-responsabbiltajiet ta' entitajiet differenti fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll ikunu stabbiliti b'mod iktar ċar, b'mod partikolari fir-rigward tal-għażla tal-operazzjonijiet u biex tiġi żgurata konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda.

Kull dettall u regola sekondarja li qabel kienu stabbiliti fil-leġiżlazzjoni sekondarja huma inklużi fit-test leġiżlattiv biex tkun żgurata l-prevedibbiltà. Ma hemm l-ebda rekwiżit għal impriża fil-proċess tan-nomina; id-dispożizzjonijiet jippromwovu r-riportament tas-sistemi eżistenti. Qed jiġi propost livell ogħla ta' simplifikazzjoni għal programmi b'sistema ta' ġestjoni u kontroll li taħdem sew u li ġiet ippruvata

b'rekord tajjeb. Ir-rekwiżiti huma kkjarifikati wkoll fir-rigward tal-verifiki ta' ġestjoni bbażata fuq ir-riskju, l-arranġamenti ta' awditjar uniku, kif ukoll fil-qasam tar-rekwiżiti minimi għal programmi iżgħar fejn jista' jkun meħtieġ li jintużaw metodi ta' teħid ta' kampjuni mhux statistiku.

għal

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i interni ta' kontroll stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

Il-bidliet u l-alternattivi tas-simplifikazzjoni kkunsidrati mill-Kummissjoni wara l-2020 jikkunsidraw diversi rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri għall-preparazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' wara l-2020, b'mod partikolari dawk li jitolbu eżami mill-ġdid tad-disinn tal-mekkaniżmu ta' twassil għall-fondi (Rakkomandazzjoni 1 tal-verifika 2015/AUD/0195) filwaqt li jitqiesu s-suġġerimenti tal-Grupp ta' Livell Għoli.

Ir-rati għoljin ta' erruri fil-passat kienu ta' sikwit marbuta man-nuqqas ta' ċertezza legali u l-interpretazzjonijiet differenti tal-istess regoli regolatorji, bħal fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Il-Kummissjoni tintroduċi diversi aspetti fil-proposta l-ġdida tar-RDK, bħal verifiki ta' ġestjoni bbażati fuq ir-riskju, strateġija tal-awditjar ibbażata fuq ir-riskju, regoli dwar il-ħtieġa proporzjonali għal teħid ta' kampjuni statistiċi u dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-proporzjonalità ta' kontrolli u dipendenza fuq sistemi nazzjonali, eċċ.

L-Annessi dettaljati dwar l-aspetti rilevanti tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għandhom l-għan li jipprovdu ċertezza legali mingħajr il-ħtieġa ta' atti leġiżlattivi sekondarji sussegwenti jew noti ta' gwida li normalment isegwu l-adozzjoni tar-RDK.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"ikostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-mekkaniżmu attwali ta' għoti fil-ġestjoni kondiviża kultant ikun ikkritikat, inkluż mill-Qorti tal-Awdituri, għax huwa wisq kumpless u suxxettibbli għall-iżbalji bi kostijiet għolja fil-livelli kollha tal-kontroll. Il-Kummissjoni qieset dawn l-elementi kritiċi kollha bir-reqqa bil-għan li jinsab bilanċ tajjeb bejn responsabbiltà, simplifikazzjoni u prestazzjoni.

Ġiet introdotta s-simplifikazzjoni sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' duplikazzjoni ta' kontrolli magħmula fuq livelli differenti fuq benefiċjarji, u tat-trikkib bejn il-funzjonijiet differenti mwaqqfa ta' ġestjoni u kontroll. Pereżempju, għal wara l-2020, l-Awtoritajiet ta' Ċertifikazzjoni (attwalment jammontaw għal 210) għandhom jiġu sostitwiti minn funzjoni ta' kontabbiltà li mhux sejra tkun tista' tidduplika kontrolli fil-futur. Barra minn hekk, qed tiġi proposta s-simplifikazzjoni tal-attivitajiet tal-awditjar bi tnaqqis ta' awditjar tal-operazzjonijiet imwettqa fil-livell tal-benefiċjarji. Tabilħaqq hemm provvedimenti għal arranġamenti proporzjonati msaħħa, li jikkunsidraw il-funzjonament effettiv fil-passat tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm.

F'termini ta' livell ta' assigurazzjoni fil-mira, fl-istadju tal-proposti leġiżlattivi, l-għan huwa li tinżamm rata ta' erruri taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %. Il-livell limitu ta' materjalità differenti jista' jiġi diskuss biss fuq bażi ta' każ b'każ fid-dawl ta' dibattitu leġiżlattiv, b'mod partikolari meta l-Awtorità Leġiżlattiva ma

tapprovax (kompletament) simplifikazzjonijiet proposti tal-programm u / jew tintroduċi limiti massimi tal-kontrolli, li jista' jkollhom konsegwenzi fuq ir-rata ta' erruri mistennija.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet:

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, pereż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Il-Kummissjoni tkompli tipprova ssaħħaħ iktar il-miżuri kollha stabbiliti minn awtoritajiet ta' ġestjoni għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet wara l-2020.

L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom iżommu miżuri u proċduri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi, b'mod partikolari b'kunsiderazzjoni għar-riskji ta' frodi identifikati.

Sistemi informatiċi interattivi tal-koeżjoni elettronika se jibqgħu rekwiżiti ewlenin fil-futur. L-awtoritajiet ta' ġestjoni se jkunu f'pożizzjoni li jirriportaw il-proċessi u s-sistemi ta' prevenzjoni tal-irrregolaritajiet u l-frodi li jkunu implimentaw.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / INIZJATTIVA

### 3.1. Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta'nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff/Mhux diff[54]. | mingħand il-pajjiżi tal-EFTA[55] | mingħand il-pajjiżi kandidati[56] | mingħand pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| **02. Koeżjoni u Valuri** | 05.02: Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)<br><br>05.03: Fond ta' Koeżjoni (FK)<br><br>05.03.YY Kontribuzzjoni lill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)<br><br>07.02: Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE); | Differenzjata | LE | LE | LE | LE |

[54] AD= Approprjazzjonijiet differenzjati / AMD = Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati
[55] L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles
[56] Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

Miljuni ta' EUR fil-prezzijiet attwali (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **02.** | Koeżjoni u Valuri |
|---|---|---|

| | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Post 2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 05.02: Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) | Impenji | | 29,440.110 | 30,327.771 | 31,279.590 | 35,259.611 | 33,267.540 | 34,307.819 | 35,425.598 | | **226,308.000** |
| | Pagamenti | | 1,164.755 | 1,341.699 | 12,834.033 | 16,236.551 | 29,081.391 | 38,297.376 | 38,210.997 | 89,204.236 | **226,308.000** |
| 05.03: Fond ta' Koeżjoni (FK) | Impenji | | 4,522.388 | 4,684.978 | 4,862.038 | 5,044.652 | 5,232.977 | 5,428.152 | 5,631.603 | | **35,407.000** |
| | Pagamenti | | 175.643 | 200.023 | 3,490.734 | 3,019.315 | 4,914.058 | 5,243.048 | 4,989.748 | 13,374.217 | **35,407.000** |
| 05.03.YY Kontribuzzjoni lill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) | Impenji | | 1,441.457 | 1,493.281 | 1,549.717 | 1,607.923 | 1,667.949 | 1,730.159 | 1.795.007 | | **11,285.000** |
| | Pagamenti | | 83.293 | 504.603 | 528.852 | 548.807 | 569.400 | 590.655 | 612.703 | 7,847.181 | **11,285.000** |
| 07.02: Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE); | Impenji | | 12,983.946 | 13,384.351 | 13,814.025 | 14,256.194 | 14,711.141 | 15,181.257 | 15,669.085 | | **100,000.000**[57] |
| | Pagamenti | | 511.825 | 592.614 | 5,940.557 | 7,241.014 | 12,930766 | 16,995.138 | 16,806.577 | 38,981.508 | **100,000.000** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett finanzjarju għal programmi speċifiċi[58] | Impenji / Pagamenti | | 40.300 | 40.600 | 35.900 | 36.200 | 36.500 | 36.800 | 37.100 | | **263.400** |

57 Dan l-ammont ma jinkludix l-ammont għas-saħħa, għall-impjiegi u l-innovazzjoni soċjali (EUR 1 174 miljun).

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL[59] tal-approprjazzjonijiet għall-pakkett tal-programm** | Impenji | | 48,388.000 | 49,891.000 | 51,506.000 | 53,169.000 | 54,880.000 | 56,648.000 | 58,522.000 | | **373,000.000** |
| | Pagamenti | | 1,935.516 | 2,638.939 | 22,794.176 | 27,,045.687 | 47,432.616 | 61,126.217 | 60,620.025 | 149,407.142 | **373,000.000** |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju **pluriennali** | 7 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)**

| **DĠ EMPL** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani[60] | | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | | **599.599** |
| Nefqa amministrattiva oħra[61] | | | | | | | | | | |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 — DĠ EMPL** | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | | **599.599** |

58 Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta. Din iċ-ċifra hija inkluża fl-ammonti msemmija hawn fuq skont il-Fond; tkopri biss l-assistenza Teknika ta' REGIO. Fir-rigward tal-EMPL, ara d-dettalji fil-proposta separata COM(2018) 382 final. L-assistenza teknika tas-CEF mhijiex inkluża f'din id-dikjarazzjoni finanzjarja.

59 It-totali ma jaqblux mal-ammonti individwali minħabba t-tqarrib.

60 Ċifri identiċi huma msemmija wkoll fil-proposta separata COM(2018) 382 final.

61 Ara proposta separata COM(2018) 382 final.

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)**

| **DĠ REGIO** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | 80.506 | 82.116 | 83.758 | 85.433 | 87.141 | 88.883 | 90.660 | | **598.497** |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 2.370 | 2.417 | 2.465 | 2.514 | 2.564 | 2.615 | 2.667 | | **17.612** |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 — DĠ REGIO** | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 82.876 | 84.533 | 86.223 | 87.947 | 89.705 | 91.498 | 93.327 | | **616.019** |

Miljuni ta' EUR fil-prezzijiet attwali (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **TOTAL EMPL U REGIO** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | 166.163 | 167.773 | 169.415 | 171.090 | 172.798 | 174.540 | 176.317 | | **1,198.006** |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 2.370 | 2.417 | 2.465 | 2.514 | 2.564 | 2.615 | 2.667 | | **17.612** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Impenji totali = Pagamenti totali) | **168.533** | **170.190** | **171.880** | **173.604** | **175.362** | **177.155** | **178.984** | | **1,215.618** |

Miljuni ta' EUR fil-prezzijiet attwali (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet bejn l-INTESTATURI** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 48,556.533 | 50,061.190 | 51,677.880 | 53,332.604 | 55,055.362 | 56,825.155 | 58,700.984 | | **374,215.618** |
| | Pagamenti | 2,104.049 | 2,809.129 | 22,966.056 | 27,219.291 | 47,607.978 | 61,303.372 | 60,799.009 | 149,407.142 | **374,215.618** |

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– **X** Il-proposta / L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR fil-prezzijiet attwali (sa tlieta pożizzjonijiet deċimali)

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

**DĠ EMPL**

| INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani[62] | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | **599.599** |
| Nefqa amministrattiva oħra[63] | | | | | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | 85.657 | **599.599** |

**DĠ REGIO**

| intestatura 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | 80.506 | 82.116 | 83.758 | 85.433 | 87.141 | 88.883 | 90.660 | **598.497** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 2.370 | 2.417 | 2.465 | 2.514 | 2.564 | 2.615 | 2.667 | **17.612** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 82.876 | 84.533 | 86.223 | 87.947 | 89.705 | 91.498 | 93.327 | **616.019** |

**TOTAL EMPL U REGIO**

| intestatura 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | 166.163 | 167.773 | 169.415 | 171.090 | 172.798 | 174.540 | 176.317 | **1,198.006** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 2.370 | 2.417 | 2.465 | 2.514 | 2.564 | 2.615 | 2.667 | **17.612** |

62 Ċifri identiċi huma msemmija wkoll fil-proposta separata COM(2018) 382 final.
63 Ara l-proposta separata COM(2018) 382 final.

| **Subtotal tal-INTESTATURA 7tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 168.533 | 170.190 | 171.880 | 173.604 | 175.362 | 177.155 | 178.984 | **1.215.618** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

**DĠ EMPL**

| **'il barra mill-INTESTATURA 7[64]tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | 5.000 | 5.000 | 5.000 | 5.000 | 5.000 | 5.000 | 5.000 | **35.000** |
| Nefqa oħrata' natura amministrattiva | 20.000 | 20.000 | 15.000 | 15.000 | 15.000 | 15.000 | 15.000 | **115.000** |
| Subtotal**'il barra mill-INTESTATURA 7tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 25.000 | 25.000 | 20.000 | 20.000 | 20.000 | 20.000 | 20.000 | **150.000** |

**DĠ REGIO**

| **'il barra mill-INTESTATURA 7[65]tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | 4.400 | 4.500 | 4.600 | 4.700 | 4.800 | 4.900 | 5.000 | **32.900** |
| Nefqa oħrata' natura amministrattiva | 10.900 | 11.100 | 11.300 | 11.500 | 11.700 | 11.900 | 12.100 | **80.600** |
| Subtotal**'il barra mill-INTESTATURA 7tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 15.300 | 15.600 | 15.900 | 16.200 | 16.500 | 16.800 | 17.100 | **113.400** |

**TOTAL EMPL U REGIO**

64 Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

65 Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| 'Il barra mill-INTESTATURA 7[66]tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | 9.400 | 9.500 | 9.600 | 9.700 | 9.800 | 9.900 | 10.000 | **67.900** |
| Nefqa oħrata' natura amministrattiva | 30.900 | 31.100 | 26.300 | 26.500 | 26.700 | 26.900 | 27.100 | **195.500** |
| Subtotal**'il barra mill-INTESTATURA 7tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 40.300 | 40.600 | 35.900 | 36.200 | 36.500 | 36.800 | 37.100 | **263.400** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **208.833** | **210.790** | **207.780** | **209.804** | **211.862** | **213.955** | **216.084** | **1.479.108** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew li jkunu ġew allokati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[66] Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– **X** (Il-proposta / L-inizjattiva jenħtiġilha l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

**EMPL**

| Snin | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni[67] | | 599 | 599 | 599 | 599 | 599 | 599 | 599 |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| •**Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED**[68] Intestatura 7 | | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | Fid-delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm[69] | - fil-Kwartieri Ġenerali | 99 | 99 | 99 | 99 | 99 | 99 | 99 |
| | Fid-delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| Ieħor (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | **698** | **698** | **698** | **698** | **698** | **698** | **698** |

**REGIO**

| Snin | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni[70] | | 542 | 542 | 542 | 542 | 542 | 542 | 542 |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| •**Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED**[71] Intestatura 7 | | | | | | | | |
| Iffinanzjat minn INTESTATURA | - fil-Kwartieri Ġenerali | 38.5 | 38.5 | 38.5 | 38.5 | 38.5 | 38.5 | 38.5 |

67 Iċ-ċifri huma bbażati fuq l-allokazzjoni kif mogħtija fl-2018 (SEC(2017) 528), li minnhom tnaqqas il-persunal allokat lill-FEG, suġġett għall-proposta separata (COM(2018) 382 final).

68 AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT= Persunal tal-aġenzija; JPD = Żgħażagħ Professjonisti f'Delegazzjoni.

69 Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

70 Iċ-ċifri huma bbażati fuq l-allokazzjoni kif mogħtija fl-2018 (SEC(2017) 528). Fir-rigward tal-persunal allokat lill-IPA III, ara l-proposta separata (COM(2018) 382 final).

71 AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT= Persunal tal-aġenzija; JPD = Żgħażagħ Professjonisti f'Delegazzjoni.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | Fid-delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Ffinanzjati mill-pakkett tal-programm[72] | - fil-Kwartieri Ġenerali | 71 | 71 | 71 | 71 | 71 | 71 | 71 |
| | Fid-delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| Ieħor (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | **651.5** | 651.5 | 651.5 | 651.5 | 651.5 | 651.5 | 651.5 |

## EMPL U REGIO

| **TOTAL Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (Uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni | 1141 | 1141 | 1141 | 1141 | 1141 | 1141 | 1141 |
| Delegazzjonijiet | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Riċerka | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Total Persunal Estern (fl-FTE)** | 208.5 | 208.5 | 208.5 | 208.5 | 208.5 | 208.5 | 208.5 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL GLOBALI** | **1349.5** | **1349.5** | **1349.5** | **1349.5** | **1349.5** | **1349.5** | **1349.5** |

Ir-riżorsi umani mitluba għandhom jiġu mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-immaniġġar tal-azzjoni u / jew ġew riallokat fid-DĠ, flimkien, jekk inhu meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jimmaniġġa skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanji | • Biex jikkontribwixxu għall-analiżi, in-negozjar, il-modifika u / jew it-tħejjija għal proposti ta' approvazzjoni għal programmi u / jew proġetti fl-Istati Membri.<br>• Biex jikkontribwixxu għall-ġestjoni, is-sorveljar u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programmi / tal-proġetti approvati.<br>• Biex jiżguraw il-konformità mar-regoli li jmexxu l-programmi. |
| Persunal estern | • *Idem* u / jew appoġġ amministrattiv |

72 Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

### 3.2.3. *Kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi*

Il-proposta / L-inizjattiva:

– **X** ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprovdi għall-kofinanzjament minn terzi persuni stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

## 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-proposta / L-inizjattiva ma jkollha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal linji ta' nefqa ☐

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)**

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta/inizjattiva[73] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
| Artikolu …………. | | | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja(i) tal-baġit tan-nefqa affettwata(i).

| |
|---|
| |

Rimarki oħra (pereż. metodu / formula użata għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kull informazzjoni oħra).

| |
|---|
| |

[73] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għalil-kostijiet tal-ġbir.